# It-tfal issa!

## Rapport Annwali 2006



Kummissarju għat-Tfal

Commissioner for Children

# Werrej

**Messaġġ tal-Kummissarju** ........ 3

## Kapitlu 1
**Rapport ta' l-Attivitajiet** ........ 5
1) Kompożizzjoni ta' l-Uffiċċju ........ 5
2) Kunsill għat-Tfal ........ 5
3) Edukazzjoni u Għarfien Publiku ........ 5
4) Riċerka u Politika ........ 5
5) Kwistjonijiet dwar Skejjel u Kwistjonijiet Edukattivi ........ 11
6) Edukazzjoni dwar id-Drittijiet tat-Tfal: Drittijiet, Rispett u Responsabbiltajiet ........ 12
7) Nagħtu Leħen lit-Tfal u liż-Żgħażagħ ........ 13
8) Relazzjonijiet Internazzjonali ........ 15
9) Attivitajiet oħrajn ........ 16

## Kapitlu 2
**Deskrizzjoni Ġenerali tal-Qagħda tat-Tfal f'Malta** ........ 19

**Parti A:** Id-Dritt tat-tfal għal-Logħob: Studju fuq l-Attivitajiet Kulturali u Rikreattivi tat-Tfal Maltin ........ 20

**Parti B:** Stħarriġ fuq *playing fields* u l-provvista ta' faċilitajiet ta' mistrieħ alternattivi ........ 23

**Parti Ċ:** Preżentazzjonijiet minn Parteċipanti Żgħażagħ lil Sindki ........ 27

## Kapitlu 3
**Reazzjonijiet mingħand Ministeri, Stħarriġ ta' l-Iżviluppi Maġġuri li laqtu lit-Tfal** ........ 29
1. Uffiċċju tal-Prim Ministru ........ 29
2. Uffiċċju tad-Direttur, Relazzjonijiet ma' l-Impjegati ........ 29
3. Ministeru għall-Kompetittività u Komunikazzjoni ........ 30
4. Ministeru għall-Edukazzjoni, Żgħażagħ u Impjiegi ........ 30
5. Ministeru għall-Familja u s-Solidarjetà Soċjali ........ 34
6. Ministeru għall-Investiment, Industrija u Teknoloġija ta' l-Informazzjoni ........ 35
7. Ministeru għar-Riżorsi u l-Infrastruttura ........ 36
8. Ministeru għall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent ........ 37
9. Segretarjat Parlamentari fil-Ministeru għall-Ġustizzja u l-Intern ........ 37

## Kapitlu 4
**Rakkomandazzjonijiet fuq il-ħtieġa ta' Leġiżlazzjoni jew bdil fir-Regoli jew Politika** ........ 39
1. Rakkomandazzjonijiet għal Emendi ........ 39
fl-Att dwar il-Kummissarju għat-Tfal ........ 39
2. Rakkomandazzjonijiet għal Azzjoni bħala tweġiba ........
għall-Kumitat tan-Nazzjonijiet Uniti ........
fuq il-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet tat-Tfal ........ 39
3. L-Uffiċċju tal-Kummissarju għat-Tfal ........ 39
4. Pedofilija ........ 39
5. Strateġija ta' l-EU għat-Tfal ........ 40
6. Tfal taħt Kura ........ 40
7. Tfal Ifittxu Asil ........ 40
8. Tfal u Trasport għall-Iskejjel ........ 40
9. Pro-Life Day, 5 ta' Frar 2006 ........ 40
10. Ċentri għall-Kura tat-Tfal jew Kindergartens? ........ 40
11. Rakkomandazzjonijiet lill-Ministeru ta' l-Edukazzjoni ........ 41
12. Tfal u Adozzjoni ........ 41
13. Tfal il-Qorti ........ 41
14. Strateġija Proposta għall-Programmi ta' Kwalita' għat-Tfal ........ 42
15. Tfal bi Mġiba Diffiċli Ħafna ........ 42

**Dokument A:** Stqarrija għall-Istampa mill-Kunsill għat-Tfal fuq il-ħarsien mill-Pedofilija f'Malta ........ 42

**Dokument B:** Emendi Proposti mill-Kummissarju għall-Att dwar il- Kummissarju għat-Tfal ........ 43

**Dokument Ċ:** Kwistjonijiet Pendenti mill-Kumitat tan-NU fuq id-Drittijiet tat-Tfal, Rapport ta' Malta, 13 ta' Frar 2006 .. 47

**Dokument D:** Strateġija proposta għall-Programmi ta' Kwalità għat-Tfal ........ 51

## Kapitlu 5
**Reazzjonijiet mgħoddija lill-Kummissarju skond l-Att dwar il-Kummissarju għat-Tfal** ........ 55

L-Uffiċċju tal-Kummissarju għat-Tfal twaqqaf skond it-termini ta' l-Att dwar il-Kummissarju għat-Tfal ta' l-2003, biex jippromwovi il-ħarsien tat-tfal u l-qbil mal-Konvenzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem tal-Ġnus Magħquda, kif ratifikata minn Malta, kif ukoll dawk it-trattati internazzjonali, konvenzjonijiet u ftehimiet relatati mat-tfal li huma, jew jistgħu jigu ratifikati, jew b'xi mod Malta tista' tissieħeb magħhom.

© Drittijiet kolla miżmuma 2006
Uffiċċju tal-Kummissarju għat-Tfal

Pubblikat mill-Uffiċċju tal-Kummissarju għat-Tfal,
469 Triq il-Kbira San Ġużepp, Sta Venera, Malta
Tel: +356 2148 5180
Fax: +356 2149 7998
Email: cfc@gov.mt

Ritratt tal-qoxra: www.liquidlibrary.com
Ritratti ta' ġewwa: Daniela DeBono

Dan il-ktieb għandu d-drittijiet kollha miżmuma u qed jitqassam bil-kundizzjoni li ma jistax jinbiegħ, jinsilef jew jerġa' jingħata b'xejn kif ukoll li ma jsir fih ebda tibdil fil-forma jew fil-produzzjoni teknika tiegħu mingħajr il-permess bil-miktub tal-pubblikatur.

Għalkemm il-Kummissarju talbet tagħrif mingħand il-ministeri, entitajiet u dipartimenti tal-gvern, kunsilli lokali, skejjel, djar residenzjali għat-tfal, parroċċi, għaqdiet mhux governattivi, u l-medja dan ir-rapport huwa msejjes primarjament fuq ir-reazzjonijiet li waslu l-Uffiċċju.

# It-tfal issa!

Dan hu l-messaġġ ewlieni li nixtieq ngħaddi din is-sena bħala Kummissarju għat-Tfal.



**Sonia Camilleri**
Kummissarju għat-Tfal

Ir-rapport tas-sena l-oħra kellu l-frażi "It-tfal ma jistgħux jistennew." Għadd sewwa ta' nies f'pożizzjonijiet strateġiċi apprezzaw il-verità ta' din il-massima u għamlu l-almu tagħhom biex jiftakruha meta jittrattaw kwistjonijiet relatati mat-tfal. Oħrajn, sfortunatament, tant huma marbutin mal-pass rilassat ta' kif l-'adulti' jaġixxu, li t-tfal tħallew jistennew biex jinqdew, biex ikollhom ambjent xieraq fejn jedukaw ruħhom, għal kura tas-saħħa, għal leġiżlazzjoni meħtieġa għalihom, għal biex issir ġustizzja magħhom… It-tfal batew minħabba dewmien, u hekk jiġrilha s-soċjetà għaliex ma tatx kas ta' kwistjonijiet urġenti bil-ħerqa neċessarja. Għad m'hux tard wisq. Iżda rridu *tassew* inqumu biex nittrattaw it-tfal bħala prijorità!

"It-tfal huma l-futur" hija frażi li spiss tinstema' f'ċerkji differenti. "It-tfal huma s-soċjetà ta' għada," "It-tfal huma l-Knisja ta' għada,", "It-tfal huma l-ġenituri u l-professjonisti ta' għada." Iva, nittamaw li t-Tfal għad ġurnata jkunu dan kollu, iżda l-valur tagħhom qiegħed f'dak li huma *llum*.
Hu biss meta nindirizzaw il-ħtiġijiet tagħhom *illum*, meta nwettqu l-ħolm tagħhom *illum*, meta nisimgħuhom *illum*, meta nilagħbu magħhom *illum*, meta nuruhom li nħobbuhom *illum*, li nkunu qed nagħmlu ġustizzja magħhom.

**It-tfal issa!**

Il-proġett ta' riċerka fuq it-tema magħżula għal din is-sena "Id-Dritt għal-Logħob" wera li aħna spiss lanqas biss għandha s-sabar li nħallu lit-tfal jilagħbu kif iridu huma iżda ndaħħlu l-element tal-kompetizzjoni u ta' l-eżami saħansitra fi ħwejjeġ bħal sport, żfin u mużika, li ma mmorrux nitilfu mument wieħed fl-ġirja biex nakkumulaw iċ-ċertifikati u nasserixxu li "t-tifel tiegħi hu aħjar mill-ieħor".

It-tfal għandhom dritt għat-tfulija tagħhom. Ħafna qed jiġġiegħlu jikbru malajr wisq, u jitkellmu bħal adulti fuq suġġetti ta' adulti. Tifel jew tifla ta' disa' snin m'għandhomx għalfejn jinkwetaw fuq l-infiq tal-familja jew fuq ma' liema mill-ġenituri separati tagħhom se jorqdu l-lejl li ġej. Tifel jew tifla ta' għaxar snin m'għandhomx għalfejn jitwerwru jekk ma jgħaddux mill-eżami fi tmiem l-iskola primarja, u ebda tifel jew tifla m'għandhom għalfejn joħolmu ikrah ħtija ta' dak li raw fuq l-internet jew TV meta tħallew waħedhom. Ebda tifel jew tifla m'għandha tinsterqilhom tfulithom ħtija ta' abbuż.

Fit-tliet snin li għamilt Kummissarju għat-Tfal iltqajt ma' wisq tfal li ma jaġixxux u ma jitkellmux u saħansitra lanqas għadhom jilbsu ta' tfal jew żgħażagħ.

It-tfal huma tfal *ISSA*. Ġenituri, għalliema u awtoritajiet in ġenerali għandhom jagħtu spazju lit-tfal biex ikunu tfal u jitgħallmu japprezzawhom għal dak li huma issa u mhux għal dak li jistgħu jkunu 'l quddiem.

Jannar 2007



Il-parteċipanti żgħażagħ tal-kors dwar id-drittijiet tat-tfal Rights4U waqt waħda mill-attivitajiet

# Rapport ta' l-Attivitajiet

## 1. Kompożizzjoni ta' l-Uffiċċju

L-Att dwar il-Kummissarju għat-Tfal għadda mill-Parlament nhar il-5 ta' Diċembru 2003, u s-Sinjura Sonia Camilleri bdiet taqdi l-mandat tagħha nhar is-16 ta' Diċembru 2003 fuq bażi part-time.

L-Uffiċċju bħalissa hu magħmul minn:

| | |
|---|---|
| Maniġer (Riċerka u Politika) | Full-time |
| Segretarja ta' l-Uffiċċju | Full-time |
| Konsulent Legali fuq id-Drittijiet tat-Tfal | Part-time |

Din is-sena l-Maniġer (Riċerka u Politika) saret l-ewwel membru impjegata speċifikament biex taħdem ma' l-Uffiċċju tal-Kummissarju għat-Tfal.

Il-baġit għas-sena 2006 żdied għal Lm25, 000 (madwar 60,000 Ewro). Filwaqt li dan kien rikonoxxut mill-Kummissarju, it-titjib f'termini ta' flus kien minimu billi perċentwali akbar mis-salarji u spejjeż loġistiċi kellha titħallas minn din is-somma.

Is-segretarja ta' l-Uffiċċju hija Snr Carmen Cassar. Filwaqt li l-Uffiċċju kien megħjun b'mod voluntarju mis-Snr Josette Mifsud Matrenza fil-qasam ta' l-edukazzjoni u mis-Snr Bernardette Aquilina fl-organizzazzjoni ta' l-attivitajiet vari.

## 2. Kunsill għat-Tfal

[ref. Kap 462; Art. 12]

Il-Kunsill għat-Tfal hu magħmul minn:

- il-Kummissarju bħala Chairperson
- sitt membri oħrajn maħturin minn Ministri differenti u mill-Kumitat Parlamentari
- tliet membri oħrajn kooptjati mill-Kunsill
- erbat itfal u żgħażagħ (minn 14 sa 17-il sena) eletti mill-parteċipanti fil-kors tad-drittijiet tat-tfal u kooptjati mill-Kunsill.

Il-Kunsill, bħala medja, iltaqa' kull xahrejn.

Pass importanti meħud mill-Kunsill għat-Tfal kien il-parir li ngħata lill-gvern biex jagħmilha obbligatorja li kull min japplika biex jaħdem mat-tfal għandu jipproduċi r-Rekord Kriminali Sħiħ tiegħu/tagħha u mhux iċ-Ċertifikat ta' Kondotta Tajba għal żmien qasir li hu miltub bħalissa. Il-pass intlaqa' tajjeb, iżda s'issa ma ttieħdu ebda miżuri konkreti f'din id-direzzjoni. Għaddejin diskussjonijiet mal-Pulizija sabiex tiġi applikata din il-miżura l-ġdida. Din kienet l-ewwel inizjattiva tal-Kunsill fil-ġlieda kontra l-Pedofilija fil-ġżira.

## 3. Edukazzjoni u Għarfien Publiku

Ir-relazzjonijiet pubbliċi kienu importanti ħafna. Il-promozzjoni ta' għarfien ta' l-Uffiċċju tal-Kummissarju u tad-drittijiet tat-tfal tagħmel sehem importanti mill-mandat ta' l-Uffiċċju tal-Kummissarju u baqgħet tingħata prijorità.

Il-Kummissarju spiss tkun preżenti f'seminars u konferenzi; u tagħti taħditiet jew tiffaċilita diskussjonijiet ta' tfal, żgħażagħ u adulti kemm fi skejjel u kemm fl-organizzazzjonijiet fil-komunità lokali tagħhom.

Il-Kummissarju żammet preżenza regolari fil-media (TV, Radju, Ġurnali, Ġurnali għat-Tfal) tul din l-aħħar sena. Saru wkoll ħafna Konferenzi Stampa u nħarġu ħafna Stqarrijiet għall-Istampa. Il-Media kienet mistiedna wkoll għal attivitajiet importanti organizzati mill-Uffiċċju.

Il-websajt tal-Kummissarju tnediet f'format abbozz, għalkemm funzjonali, f'Novembru 2005. Tqassmu stikers li jippromwovu l-websajt u permezz tagħha waslu ħafna lmenti, reazzjonijiet u saħansitra kummenti sempliċi. Hu ppjanat li din il-websajt tkun aġġornata. Il-websajt hija www.tfal.org.mt




Mr Joe Scicluna, Chairperson ta' l-Awtorita tax-Xandir imexxi panel ta' kelliema: Mr Joe Gerada, Mr Charles Xuereb, Dr Ruth Farrugia, Dr Kevin Aquilina, Mr Joe Scicluna, Mr Joe Camilleri, Mr Godwin Micallef, Dr Carmen Sammut

## 4. Riċerka u Politika

### a. It-Tfal u l-Media: Programmi ta' Kwalità għat-Tfal

- **Għanijiet u Riċerka**
  Il-Kummissarju għat-Tfal u l-Awtorità tax-Xandir fl-2005 waqqfu grupp ta' ħidma biex jiddiskuti u jissottometti emendi għat-taqsima fuq il-Ħarsien ta' Minorenni fl-Att dwar Ix-Xandir. Il-grupp ta' ħidma ffoka fuq żewġ kwistjonijiet ewlenin. L-ewwel waħda kienet emenda għall-Att eżistenti biex tingħata aktar protezzjoni lil minorenni minn diversi forom ta' esplojtazzjoni u abbuż. It-tieni kienet l-abbozzar u possibilment dħul ukoll fil-proposti ta' sett ta' linji gwida għal ipprogrammar ta' kwalità tajba għat-tfal.

  Wara sensiela ta' laqgħat ma' professjonisti f'dan il-qasam, il-grupp ta' ħidma fassal bid-dettall id-diffikultajiet ewlenin li ltaqgħu magħhom professjonisti differenti u wkoll l-ostakoli prinċipali li jżommu lura kemm il-produzzjoni ta' programmi lokali tajbin u kemm l-"importazzjoni" ta' programmi għat-tfal minn pajjiżi oħrajn. Round Table Conference li ġabret flimkien il-professjonisti li kienu ġew ikkonsultati individwalment tlaqqgħet f'Novembru 2005 biex tkompli tiddiskuti l-linji gwida u l-istrateġija bbażata fuq ir-riċerka li kienet saret.

- **Konferenza Nazzjonali u Konsultazzjoni**
  F'Ġunju 2006 saret Konferenza Nazzjonali li fiha kienu ppreżentati u diskussi r-rapporti tar-riċerka, il-Linji Gwida u l-Istrateġija Proposta. Ħafna professjonisti minn professjonijiet differenti ppreżentaw ir-reazzjonijiet tagħhom għal-Linji Gwida u l-Istrateġija Proposta, u wara saret diskussjoni ma' dawk kollha preżenti li kienu involuti.

  Dawk kollha involuti, inklużi tfal, kienu mistiedna għal din il-Konferenza Nazzjonali li kienet miftuħa wkoll għall-pubbliku.

  Id-dokument formali u d-diskussjoni li saret wara kienu traskritti u kull reazzjoni u emenda proposta kienu kkunsidrati u, meta nstabu rilevanti, iddaħħlu fil-Linji Gwida Finali u fl-Istrateġija Proposta.

- **Linji Gwida għal Ipprogrammar ta' Kwalità għat-Tfal**
  Il-Linji Gwida kienu adottati mill-Awtorità tax-Xandir. L-Awtorità tax-Xandir bagħtet Direttiva lill-istazzjonijiet tat-TV li biha infurmathom bil-linji gwida u għarrfithom li l-istazzjonijiet kellhom jimxu magħha. Hu ttamat li dawn il-Linji Gwida maż-żmien ikunu proposti bħala anness għall-Att dwar ix-Xandir.

- **Strateġija Proposta għal Ipprogrammar ta' Kwalità għat-Tfal**
  Fl-20 ta' Novembru 2006 l-Kummissarju għat-Tfal bagħtet formalment l-Istrateġija Proposta għal Ipprogrammar ta' Kwalità għat-Tfal lill-Prim Ministru u lill-Ministri involuti u għamlet Konferenza Stampa biex tispjega l-Istrateġija lill-Istampa.

- **Ittra mingħand il-PM li tniedi azzjoni għall-implimentazzjoni**
  Il-Prim Ministru, f'ittra lill-Kummissarju li ġġib id-data 5 ta' Diċembru 2006, irringrazzja lill-Kummissarju għall-Istrateġija Proposta għal Ipprogrammar ta' Kwalità għat-Tfal.

  Il-Prim Ministru esprima x-xewqa tiegħu li jara lill-media jikkontribwixxu lejn żvilupp pożittiv tat-tfal. Hu enfasizza l-importanza tat-taħriġ tat-tfal fil-mod kif jirrelataw mal-media b'mod kritiku.

  Il-Prim Ministru ta struzzjonijiet lill-Ministru għat-Turiżmu u l-Kultura, li hu responsabbli mill-politika għall-media, biex, flimkien mal-Ministri involuti, jaġixxu fuq dak li jgħidu r-rapporti u jikkonsultaw lill-Kummissarju fuq l-aħjar mod kif jintlaħaq l-għan li jkun żgurat ipprogrammar ta' kwalità tajba għat-tfal.

- **Pubblikazzjoni**
  Il-Linji Gwida u l-Istrateġija Proposta għal Ipprogrammar ta' Kwalità għat-Tfal, ġabra ta' diskorsi u preżentazzjonijiet li saru waqt iż-żewġ Konferenzi, u t-traskrizzjoni tad-diskussjoni li saret ma' dawk kollha involuti waqt il-Konferenza Nazzjonali se jixxandru f'Jannar 2007. Il-pubblikazzjoni jisimha Ipprogrammar ta' Kwalità għat-Tfal u kienet editjata mill-membri tal-Grupp ta' Ħidma Konġunt, l-Avukat Kevin Aquilina, is-Sur Mario Axiaq, is-Sinjorina Daniela DeBono u s-Sinjura Marian Muscat Azzopardi.

- **Materji oħra**
  Fl-istess waqt, il-grupp ta' ħidma żamm ruħu aġġornat ma' l-iżviluppi fil-qasam tax-xandir u b'mod partikolari fejn jidħol il-ħarsien tal-minorenni, u mexxa wkoll ħafna laqgħat ma' l-aġenzija tas-social welfare u NGOs imħassbin minħabba reklamar aggressiv ta' prodotti li jippromwovu logħob ta' mħatri, xorb u tipjip.

  F'Awissu l-Awtorità tax-Xandir ħarġet direttiva li tipprojbixxi r-reklamar ta' lotteriji qabel il-ħin tad-9.00 ta' filgħaxija.

  L-Awtorità tax-Xandir, wara konsultazzjoni mal-Kummissarju għat-Tfal u APPOĠĠ, adottat Emendi għal-Linji Gwida ta' l-Awtorità tax-Xandir dwar Parteċipazzjoni ta' Persuni Vulnerabbli fi Programmi tal-Media. Dawn l-emendi, li kellhom l-iskop li jipproteġu aktar lit-tfal, iddikjaraw li l-programmi maħsubin biex jistabbilixxu l-identità tal-ġenituri nazzjonali ta' tfal, inklużi dawk adottati, ma setgħux jixxandru.

  Programmi dwar is-suġġett ta' adozzjoni jistgħu jixxandru biss wara l-ħin tad-9.00 ta' filgħaxija. Dan japplika wkoll għal ripetizzjonijiet ta' programmi u għall-programmi ta' promozzjoni ta' din ix-xorta ta' programmi li jittrattaw l-adozzjoni.

  Dawn l–emendi jidħlu fis-seħħ mill-1 ta' Jannar 2007.

### b. Tfal b'Imġiba Diffiċli Ħafna

- **Għanijiet u Riċerka**
  Bħalissa m'hemmx programm dwar riabilitazzjoni għat-tfal u żgħażagħ f'Malta li għandhom imġiba diffiċli "ħafna"[1]. Tfal u żgħażagħ b'dawn il-problemi ġeneralment jispiċċaw l-Isptar Psikjatriku Monte Carmeli, u spiss jiddaħħlu fis-swali tal-kbar. Jekk jinsabu ħatja ta' delitti, jintbagħtu fis-sezzjoni taż-żgħażagħ tal-Faċilità Korrettiva ta' Kordin. Iż-żewġ istituzzjonijiet jidher li m'humiex addattati għal tfal u żgħażagħ li għandhom din l-imġiba.

  L-iskop ta' dan il-proġett kien li jkunu suġġeriti sett ta' proposti fuq kif tfal u żgħażagħ bi mġiba diffiċli ħafna setgħu jkunu megħjuna u assistiti b'manjiera dinjituża. Il-proġett kien jinkludi riċerka fuq aspetti differenti biex inkunu nistgħu nifhmu aħjar u jkollna stampa aktar kompleta qabel infasslu l-proposti. L-oqsma riċerkati kienu: a) storja tas-servizzi; b) statistika; ċ) servizzi kurrenti u kura residenzjali; d) suġġerimenti minn barra, u e) laqgħa mat-tfal u żgħażagħ li ġew f'kuntatt mas-servizzi.

- **Konferenza Nazzjonali**
  F'Ġunju 2006 saret Konferenza Nazzjonali li tulha kienu ppreżentati r-rapporti tar-riċerka flimkien mal-proposti lill-Prim Ministru ta' Malta. Dik il-ġurnata tnedew żewġ pubblikazzjonnijiet: 'A Fair Deal: Children and Young People with Very Challenging Behaviour' u verżjoni bil-Malti u bl-Ingliż li tinqara faċilment miż-żgħażagħ Mil-Lenti Tiegħi. 15,000 kopja tal-verżjoni li tinqara faċilment miż-żgħażagħ qed jitqassmu fl-iskejjel lil dawk kollha f'Malta u Għawdex li għandhom 12 u 13-il sena bl-għan li ninkoraġġixxu diskussjoni infurmata u bbażata fuq drittijiet fost iż-żgħażagħ.

1 Id-definizzjoni bażi ta' mġiba diffiċli użata għal dan il-proġett hija "Imġiba ta' intensità, frekwenza u tul tali li s-sigurtà fiżika jew tal-persuna jew ta' oħrajn titqiegħed f'periklu serju, jew imġiba li tillimita serjament l-aċċess tal-persuna għal ċirkustanzi, attivitajiet u esperjenzi ordinarji".

Konferenza Nazzjonali dwar Tfal b'Imġiba Diffiċli Ħafna: Jidhru jippreżentaw ir-riċerka l-esperti li mexxew il-gruppi ta' ħidma għal dan il-proġett. Mix-xellug: Sur Marcel Pisani, Fr Antoine Farrugia SDB, Snr Mikela Gonzi, Dr Marceline Naudi, Snr Sonia Camilleri, Sur Malcolm Micallef, Dr Ruth Farrugia, Fr Victor Zammit McKeon u Snr Marian Muscat Azzopardi



- **Twaqqif ta' Grupp ta' Ħidma**
  Waqt il-Konferenza Ġenerali l-Prim Ministru ħabbar li kien se jitwaqqaf grupp ta' ħidma taħt l-awspiċji tal-Ministeru għall-Familja u s-Solidarjetà Soċjali bil-mandat li jevalwa l-proposti ppreżentati. Dan il-grupp ta' ħidma twaqqaf. Il-Kummissarju tħoss li għandha tingħata prijorità massima biex tkun indirizzata r-riabilitazzjoni ta' dawn iż-żgħażagħ.

  Il-kors kien koordinat mis-Sinjorina Anna Grech minn Youthscope flimkien mas-Sur Sandro Balzan u s-Sur Manuel Fenech.


Il-viċi Sindku ta' l-Imsida u s-Segretarja tal-Kunsill jilqaw lill-Kummissarju għat-Tfal flimkien ma' James Spiteri (żagħżugħ li attenda kors fuq id-drittijiet tat-tfal). Huma ddiskutew l-implimentazzjoni tad-Dritt għal-Logħob fil-lokalità tagħhom

## ċ. L-Implimentazzjoni ta' l-Artikolu 31: Id-Dritt tat-Tfal għal-Logħob

- **Rights4U**
  F'Lulju 2006 kien organizzat kors fuq drittijiet tat-tfal. Is-suġġett magħżul għal din is-sena kien id-Dritt għal-Logħob, u l-kors kien imfassal b'mod li jinkludi attivitajiet ta' sports, arti u drama minbarra sessjonijiet ta' informazzjoni u diskussjonijiet fuq il-Konvenzjoni tan-NU u d-Dritt għal-Logħob. L-idea kienet li l-parteċipanti jingħataw għarfien fuq id-dritt għal-logħob u jduqu kif tkun il-ħajja kieku d-dritt tagħhom li jilagħbu kien irrispettat għalkollox.

- **Żjarat lil Sindki**
  Wara proposta mill-parteċipanti żgħażagħ fil-kors Rights4U, il-Kummissarju flimkien ma' xi parteċipanti żgħażagħ żaru s-Sindki ta' seba' Kunsilli Lokali biex jiddiskutu l-implimentazzjoni tad-dritt għal-logħob fil-lokalità tagħhom. Tul dawn il-laqgħat iż-żgħażagħ ippreżentaw dak li sabu dwar il-faċilitajiet fil-lokalità u x'dehrilhom li seta' jittejjeb.

- **Stħarriġ fost il-Kunsilli Lokali**
  Sar stħarriġ fost il-Kunsilli Lokali f'Malta u Għawdex fuq l-implimentazzjoni tad-Dritt għal-Logħob fil-lokalità tagħhom. L-iskop ta' l-istħarriġ kien li jesplora l-implimentazzjoni ta' l-Artikolu 31 f'livell lokali u f'livell ta' governanza lokali.

  Dan il-kwestjonarju għandu jitqies bħala parti minn proġett akbar li jdum sejjer sena li daħlet għalih il-Kummissarju u li ttratta wkoll l-aspetti kulturali u artistiċi ta' l-Artikolu 31. L-informazzjoni mitluba kienet mill-Kunsill Lokali, iżda nħass li kien importanti li tinkiseb informazzjoni fuq faċilitajiet kemm pubbliċi u kemm privati, inklużi zona ta' logħob liberu, aċċessibilità għal faċilitajiet alternattivi ta' mistrieħ, fosthom arti, drama u sport.

  L-istess kwestjonarju ntbagħat lill-Kunsilli Lokali kollha. Il-mistoqsijiet jistgħu jitqassmu, b'mod ġenerali, fi tlieta:

  a. L-ewwel ftit mistoqsijiet huma ta' natura introduttorja u jitolbu informazzjoni ġenerali fuq l-eżistenza ta' playing fields, in-numru ta' playing fields u l-ispazju totali dawn ikopru, u n-numru ta' tfal fil-lokalità tagħhom.
  b. Informazzjoni specifika fuq il-playing fields fil-lokalità tagħhom, inklużi mistoqsijiet fuq l-apparat fil-post, saħħa u sigurtà, manutenzjoni u ħinijiet tal-ftuħ.
  ċ. L-aħħar taqsima titlob informazzjoni fuq faċilitajiet alternattivi ta' mistrieħ u rikreazzjoni aċċessibbli fil-lokalità tagħhom. L-iskop ta' din it-taqsima kien li tittieħed idea ta' l-aċċessibilità ta' faċilitajiet alternattivi ta' mistrieħ, u għalhekk il-kwestjonarju staqsa fuq l-aċċessibilità ta' 20 xorta differenti ta' mistrieħ alternattiv. Ma saret ebda distinzjoni bejn faċilitajiet ta' mistrieħ pubbliċi u privati.

  Ir-riżultati qegħdin f'Kap 2 ta' dan ir-Rapport Annwali.

- **Sessjoni tal-Parlament tat-Tfal: Delegazzjoni tal-Kummissarju**
  Fis-Sessjoni tal-Parlament tat-Tfal organizzata mill-Ministeru għall-Familja u s-Solidarjetà Soċjali, il-ħames


Kurt Mizzi, żagħżugħ membru tad-delegazzjoni fil-Parlament tat-Tfal, jagħmel l-intervent tiegħu

żgħażagħ li rrappreżentaw l-Uffiċċju tal-Kummissarju għat-Tfal għażlu li jħejju preżentazzjoni fuq id-dritt għal-logħob u mistrieħ alternattiv ibbażata wkoll fuq riċerka li kienu għamlu tul il-kors Rights4U (Ara Kapitlu 2)

Il-ħames żgħażagħ kienu James Spiteri, Kurt Mizzi, Lara Cassar, Marie Claire Vella u Lynette Camilleri, parteċipanti żgħażagħ fil-Kors tad-Drittijiet tat-Tfal. Il-facilitator tal-grupp kienet Anna Grech minn Youthscope.

- **Laqgħa tat-Tfal mal-Ministru**
  Il-Kummissarju nnominat lis-Sinjorina Shanna Spiteri, membru żagħżugħa tal-Kunsill, għas-sessjoni 'Intervista lill-Ministru' li saret nhar it-8 ta' Novembru 2006 u kienet organizzata mill-Ministeru għall-Familja u s-Solidarjetà Soċjali.

  L-intervent tas-Sinjorina Spiteri kien fuq l-implimentazzjoni tad-dritt għal-logħob f'Malta barra mill-ħinijiet ta' l-iskola.

- **Appoġġ lill-Familji tal-Munxar u d-dritt ta' wliedhom għal playing field adegwat**
  Il-Kummissarju għat-Tfal kienet avviċinata minn familji mill-Munxar li ġibdulha l-attenzjoni għall-fatt li nofs biss miz-zona desinjata oriġinarjament mill-MEPA bħala playing field kienet qed tiġi żviluppata b'dan il-mod. Il-bqija taz-zona kienet se tingħata lil bidwi.

  Il-Kummissarju segwiet il-każ, offriet li tmur tara l-sit u appoġġjat il-talba tagħhom mal-Kunsill Lokali u wkoll mad-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali.

- **Użu ta' faċilitajiet sportivi**
  Il-Kummissarju sewgiet talbiet mill-Kappillan ta' Bormla biex tfal minn dik iz-zona jitħallew jużaw il-Kumpless Sportiv tal-Kottenera. Kooperazzjoni nstabet mill-Kunsill Malti għall-Isport li ffissa ġranet u ħinijiet speċifiċi meta t-tfal setgħu jużaw il-Kumpless.

  Talba simili mis-Soċjetà tal-MUSEUM, li kienet qed titlob aċċess liberu għall-grawnd tal-futbol lokali waqt il-ħarġiet ta' nhar ta' Ħadd wara nofsinhar, kienet segwita u riżolta pożittivament, mill-ġdid bl-għajnuna tal-Kunsill Malti għall-Isport.

- **Kunsill Malti għall-Isport**
  Kienet stabbilita relazzjoni tajba ħafna ta' ħidma bejn il-Kunsill Malti għall-Isport u l-Uffiċċju tal-Kummissarju għat-Tfal.

  Għadd varjat ta' kwistjonijiet kienu diskussi u sar xogħol fuqhom. Dawn kienu jinfirxu minn investigazzjoni tal-possibiltà li tkun imposta prova ta' rekond kriminali sħiħ nadif fil-każ ta' persuni li japplikaw biex jaħdmu



Shanna Spiteri, membru żagħżugħa fuq il-Kunsill għat-Tfal tintlaqa mill-Ministru waqt l-attivita' 'Intervista lill-Ministru'

f'faċilitajiet sportivi frekwentati minn tfal, għall-introduzzjoni ta' kmamar għat-tibdil għal tfal żgħar fil-Pixxina, u għat-tħassib reġistrat fin-numru dejjem jonqos ta' tfal b'diżabilità li jieħdu sehem fil-programm SkolaSajf.

- **Malta Playing Fields Association**
  Minħabba l-fatt li tul is-sena 2006 l-Uffiċċju tal-Kummissarju għat-Tfal kien qiegħed jagħti prominenza lid-Dritt għal-Logħob, saret laqgħa mal-President u s-Segretarju tal-Malta Playing Fields Association (MPFA).

  Għadd ta' kwistjonijiet kienu diskussi, inklużi r-reponsabbiltà li qed tintrefa' mill-Kunsilli Lokali minn meta għadda l-Att ta' l-1993 dwar il-Kunsilli Lokali li jistabbilixxi li minn dak iż-żmien 'il quddiem huma jkunu responsabbli mill-playing fields. Kienu diskussi wkoll fit-tul il-kwalità u l-manutenzjoni ta' l-apparat użat fil-playing fields, u l-MPFA għamlet suġġerimenti għall-kwestjonarju li se jsir u li kien qiegħed jitħejja biex jintbagħat lill-Kunsilli Lokali mill-Uffiċċju tal-Kummissarju għat-Tfal.

- **Ftuħ ta' Wirja tat-tfal 'Art without Borders mill-MMSA**
  Il-Kummissarju għat-Tfal għamlet id-diskors tal-ftuħ fil-wirja ta' arti tat-tfal 'Art without Borders' imtellgħa minn tfal lokali u rifuġjati u organizzata mill-Assoċjazzjoni Maltija ta' Studenti tal-Mediċina fl-okkażjoni ta' Jum id-Drittijiet Umani, l-10 ta' Diċembru 2006. Din kienet wirja partikolari għaliex ma kinitx biss esibizzjoni ta' xogħlijiet ta' l-arti iżda fil-fatt tat okkażjoni lit-tfal biex ipittru u jpinġu waqt il-ftuħ stess.

- **Proġett ta' Riċerka fuq id-Dritt tat-Tfal għal-Logħob**
  F'Mejju 2006 l-Kummissarju kkummissjonat lil Dr Valerie Sollars, Lettriċi Anzjana fl-Early Childhood Education fl-Università ta' Malta, biex tiġbor u tanalizza informazzjoni fuq l-implimentazzjoni lokali tad-dritt għal-logħob fl-iskejjel, kunsilli lokali, NGOs u parroċċi. Il-Kummissarju kienet motivata minn tħassib li d-dritt għal-logħob jista' jkun imnaqqas u limitat favur attivitajiet edukattivi



Il-Jum Dinji tat-Tfal 2006 ġie ċċelebrat f'Ta' Qali minn grupp ta' entitajiet ikkoordinati mill-Ministeru għall-Edukazzjoni, Żgħażagħ u Impjiegi

formali oħrajn. Evidenza orali jidher li tissuġġerixxi li din l-enfasi fuq suċċess akkademiku u pressjoni esaġerata ġejja minn sistema ta' edukazzjoni orjentata lejn l-eżamijiet. B'konsegwenza ta' dan, il-parteċipazzjoni ta' tfal u żgħażagħ f'attivitajiet rikreattivi u li jagħnu l-kultura hija limitata. Min-naħa l-oħra, il-Konvenzjoni tan-NU fuq id-Drittijiet tat-Tfal tiddikjara espressament li t-tfal għandhom dritt jilagħbu u jirrilassaw billi jidħlu għal affarijiet bħal sport, mużika u drama.

F'Diċembru 2006 ħarġet il-pubblikazzjoni 'Children's Right to Play: A Study of Maltese Children's perceptions on Cultural and Recreational Activities'. Din ir-riċerka ta' Dr Valerie Sollars mill-Università ta' Malta tippreżenta r-riżultati ta' studju mmexxi fost tfal ta' skejjel primarji u sekondarji biex wieħed jipprova jistabbilixxi liema attivitajiet rikreattivi u kulturali jieħdu sehem fihom waqt il-ħinijiet ta' l-iskola u wkoll fil-ħin liberu tagħhom tul il-ġimgħa u fi tmiem il-ġimgħa. L-istudju kellu wkoll l-iskop li jsib liema attivitajiet kienu popolari mat-tfal, kif huma jagħżlu li jqattgħu l-ħin liberu tagħhom, u, fil-fatt, jekk tfal u żgħażagħ għandhomx ħin liberu li jistgħu jgħadduh f'attivitajiet rikreattivi u kulturali.

### d. It-Tfal u l-Internet

L-Uffiċċju tal-Kummissarju segwa mill-qrib l-iżviluppi f'dan il-qasam minħabba t-tħassib dejjem jikber li s-sigurtà tat-tfal tista' tkun ipperikolata ħtija tal-firxa ta' materjal illegali fuq l-internet (li juża lit-tfal), tpaċpiċ fit-tul bl-internet u l-problema tal-familjarità fuq l-internet.

- **Round Table fuq l-Abbuż minn fuq l-Internet**
  Fil-5 ta' Settembru 2006 l-Kummissarju indirizzat ir-Round Table fuq l-Abbuż minn fuq l-Internet organizzata mill-Aġenzija APPOĠĠ.

Fid-diskors tagħha l-Kummissarju rreferriet għall-istudju li kien sar flimkien ma' l-Uffiċċju Nazzjonali ta' l-Istatistika, il-Ministeru għat-Teknoloġija ta' l-Informazzjoni, il-Ministeru ta' l-Edukazzjoni, id-Dipartiment tal-Pulizija u l-Awtorità Maltija għall-Komunikazzjoni, maħsub biex issir riċerka fuq l-użu ta' l-Internet mit-tfal f'Malta. Fl-istess perjodu sar stħarriġ li rriċerka l-perċezzjoni tal-ġenituri tagħhom tagħhom fuq l-użu ta' l-Internet.

Din ir-riċerka kienet kixfet ħafna problemi allarmanti li fosthom kien hemm in-nuqqas ta' għarfien tal-perikli ta' laqgħat ma' stranjieri li l-ewwel laqgħa magħhom saret fuq l-internet, il-perċezzjonijiet differenti ta' l-Internet fost il-ġenituri u x'jagħmlu wliedhom fuq l-internet, in-nuqqas li l-familjarità fuq l-internet m'hix offiża fil-leġiżlazzjoni tagħna, u spazji mhux koperti mil-leġiżlazzjoni tagħna fir-rigward tal-ħarsien tat-tfal.

L-Aġenzija APPOĠĠ fasslet Hotline Nazzjonali fuq l-Abbuż tat-Tfal fuq l-Internet biex tirċievi lmenti minn tfal u mis-soċjetà b'mod ġenerali fir-rigward ta' materjal illegali fuq l-internet.

Il-Kummissarju ddeskriviet il-kontribut futur ta' l-Uffiċċju għall-Hotline ġdida proposta. Din se tieħu l-forma ta'

a) monitoraġġ tas-servizz ġenerali u strateġija ta' promozzjoni tal-hotline;
b) iffissar ta' prattiki ta' ħidma ċari bejn il-Hotline u l-Uffiċċju tal-Kummissarju biex ikun żgurat li ebda referral ma jaħrab min-net;
c) promozzjoni tal-Hotline mat-tfal u s-soċjetà b'mod ġenerali waqt iż-żjarat regolari lil skejjel, organizzazzjonijiet tat-tfal u djar tat-tfal.

- **Proġett Safer Internet Plus**
  L-Uffiċċju tal-Kummissarju kien imdaħħal fi proġett ta' sentejn imsejjaħ Safer Internet Plus li se jkun koordinat mill-Ministeru responsabbli għall-IT u li se jkun estiż għat-taqsimiet ġenerali tal-pubbliku.

- **Politika ta' Sigurtà għat-Tfal fuq l-Internet**
  L-Uffiċċju tal-Kummissarju kien ikkonsultata fit-tul fuq Politika ġdida ta' Sigurtà għat-Tfal fuq l-Internet abbozzata mill-Ministeru responsabbli għall-IT u li hemm il-ħsieb li titnieda fix-xhur li ġejjin.

- **Proġett ta' chatting fuq Internet mid-Drama Unit**
  Proġett li l-Kummissarju apprezzat ħafna sar mid-Drama Unit tad-Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni; dan kien fuq iċ-Chapping fuq l-Internet. Il-Kummissarju tat ir-reazzjoni tagħha għall-iskript li kien qed jintuża u attendiet sessjoni flimkien ma' studenti minn żewġ skejjel differenti fil-lokal tad-Drama Unit.

Il-Kummissarju kienet sodisfatta li l-materja kienet qed tkun indirizzata b'mod professjonali ħafna u li għarfien fuq il-perikli ta' l-internet kien qed jingħadda lill-istudenti.

- **Grupp ta' Ħdima għal Sigurtà-E**
  L-Uffiċċju tal-Kummissarju hu rappreżentat fuq il-grupp ta' ħidma għal Sigurtà-E Nazzjonali mwaqqaf mill-gvern taħt l-awspiċji tal-Ministeru responsabbli għall-IT biex ifassal strateġija u implimentazzjoni għal Strateġija-E. Dan il-grupp ta' ħidma jinkludi rappreżentanti minn Ministeri u mis-settur privat (Internet Service Providers).

### e. Saħħa u Sigurtà tat-Tfal

- **Diskors fis-Seminar Nazzjonali, Sigurtà tat-Tfal fit-Toroq tagħna**
  Il-Kummissarju għat-Tfal indirizzat lis-Seminar Nazzjonali "Sigurtà tat-Tfal fit-Toroq tagħna" organizzat mill-Malta Association of Public Health Medicine.

  Il-konferenza kellha l-għan li tqajjem għarfien u tinsisti għal bidla pożittiva fuq din il-problema li hi ta' importanza nazzjonali u titlob approċċ multi-settorjali. Il-konferenza ttrattat ħafna aspetti tas-sigurtà tat-tfal fit-toroq, inklużi t-trasport għall-iskejjel, regolamenti u standards ta' saħħa u sigurtà lokali u Ewropej, l-approċċ edukattiv lejn is-sigurtà fit-toroq, kwistjonijiet ambjentali u regolamenti lokali tas-setturi tat-trasport u t-toroq. Il-konferenza kellha l-appoġġ sħiħ tal-Ministeri tas-Saħħa u ta' l-Edukazzjoni, u ta' l-Awtorità tat-Trasport.

  Il-Kummissarju enfasizzat ir-raġunijiet ewlenin għaliex isiru lmenti fuq it-trasport għall-iskejjel lill-Uffiċċju tagħha: ġbir tat-tfal kmieni ħafna fil-għodu; ebda superviżjoni minn adulti; kondizzjoni ta' vetturi u postijiet perikolużi tal-ġbir tat-tfal.

- **Preżentazzjoni fil-Konferenza fuq is-Saħħa u s-Sigurtà tat-Tfal**
  Il-Konferenza fuq is-Sigurtà tat-Tfal organizzata mit-Taqsima Saħħa u Sigurtà tal-Ministeru għall-Edukazzjoni, Żgħażagħ u Impjiegi kienet indirizzata mill-Kummissarju għat-Tfal.

  Il-Kummissarju kkwotat ħafna artikoli mill-Konvenzjoni tan-NU fuq id-Drittijiet tat-Tfal biex turi kif is-Sigurtà tat-Tfal hija kwistjoni ta' drittijiet tat-tfal.

  Il-Kummissarju ppreżentatat il-Manifest ta' Stokkolma tas-sena 2005 "Ħolqien ta' ambjent sigur għat-tfal fl-Ewropa" li jasserixxi li l-leżjonijiet jistgħu jitbassru u jkunu evitati minn qabel. Hi talbet għal approċċ fuq tliet binarji li hu suġġerit fl-istess Manifest: Edukazzjoni; Inġinerija; Miżuri ta' infurzar.



Il-proġett pilota 'Walking Bus' fl-iskola primarja tas-Siġġiewi Ġuże Delia, kellu l-appoġġ sħiħ tal-Kummissarju għat-Tfal

- **Sieħeb fil-Proġett Walking Bus**
  L-Iskola Primarja Ġużè Delia hi l-ewwel skola f'Malta li organizzat Walking Bus – inizjattiva li diġà qed issir f'pajjiżi differenti madwar l-Ewropa u fl-Awstralja. Il- Kummissarju għat-Tfal kienet waħda mis-sħab ewlenin f'dan il-proġett, flimkien mal-Kunsill Malti għall-Isport, id-Dipartiment għall-Promozzjoni tas-Saħħa, l-amministrazzjoni, il-kunsill u l-ġenituri ta' l-iskola, u voluntiera oħrajn.

  Il-Walking Bus tikkonsisti fi grupp ta' studenti li jimxu mid-dar għall-iskola b'mod sigur kull filgħodu taħt il-gwida ta' supervisors adulti li ġeneralment huma ġenituri.

  Din l-inizjattiva:
  - tagħti lit-tfal l-okkażjoni li jkunu attivi jum wara ieħor
  - tagħtihom edukazzjoni fis-sigurtà fit-triq
  - tagħtihom l-opportunità li jissoċjalizzaw, u
  - tnaqqas it-tinġis ta' l-arja u l-problemi ta' mmaniġġjar ta' traffiku u pparkjar fiz-zona ta' l-iskola.

## 5. Kwistjonijiet dwar Skejjel u Kwistjonijiet Edukattivi

Il-Kummissarju din is-sena żaret personalment 37 skola kindergarten, primarja, sekondarja u post-sekondarja. L-iskop primarju tagħha kien li tiltaqa' ma' tfal u żgħażagħ, u fl-iskejjel kollha li żżur hi titlob partikolarment laqgħa mal-kunsill ta' l-istudenti.

Rapport dettaljat tal-kwistjonijiet li ltaqgħet magħhom fi skejjel u li kien jeħtieġ ikunu indirizzati, flimkien ma' lista ta' rakkomandazzjonjiet, intbagħtu lid-Direttur Ġenerali tad-Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni f'Settembru 2006.

L-Uffiċċju tal-Kummissarju iżomm ruħu aġġornat ukoll ma' żviluppi, riformi u politiki ġodda maħruġin mill-Ministeru għall-Edukazzjoni, Żgħażagħ u Impjiegi, u fejn ikun meħtieġ jibgħat ir-reazzjonijiet tiegħu.

- **Diskors ta' Għeluq fil-Laqgħa Ġenerali ta' EkoSkola**
  Il-Kummissarju kienet mistiedna biex tagħmel id-diskors ta' għeluq fil-Laqgħa Ġenerali Annwali ta' EkoSkola nhar is-7 ta' Diċembru 2006. Il-programm EkoSkola għandu l-appoġġ ta' l-Uffiċċju tal-Prim Ministru, tal-Ministeru għall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent, u tal-Ministeru għall-Edukazzjoni, Żgħażagħ u Impjiegi.

  EkoSkola hu programm li jagħti ċans lill-istudenti biex jieħdu deċiżjonijiet infurmati u jipparteċipaw b'mod proattiv f'materji relatati ma' l-ambjent. Hu għandu l-għan li jimmobbilizza skejjel sħaħ biex jadottaw rwol attiv f'azzjoni ambjentali, itejbu l-kwalità tal-ħajja tagħhom, u jsostnu stil ta' ħajja sostenibbli. EkoSkola torganizza wkoll l-Eko Parlament annwali li tulu l-iskejjel li jieħdu sehem jattendu sessjoni parlamentari u jiddiskutu għadd kbir ta' kwistjonijiet ambjentali ma' membri tal-Parlament.

  Il-Kummissarju tat l-appoġġ sħiħ tagħha lill-proġett u fil-kors tad-Diskors ta' Għeluq tagħha enfasizzat il-mod pożittiv ħafna kif is-sehem tat-tfal kien qed ikun inkoraġġit u mrawwem tul il-proġett kollu. Hija fakkret lil dawk preżenti fis-suġġerimenti partikolari magħmulin mit-tfal fir-rigward ta' l-ambjent, u qalet li l-politiċi jagħmlu tajjeb jekk iqisuhom u jimplementawhom.

- **Diskors tal-Ftuħ għall-Programm 'Reaching the Kids' fl-Iskejjel Primarji fuq is-Saħħa Mentali**
  'Reaching the Kids' tnieda bħala programm pilota fis-sena 2005 fl-Iskola Primarja ta' l-Imqabba fil-preżenza tal-Kummissarju għat-Tfal u s-Sinjura Kate Gonzi, Chairperson ta' l-HSBC Cares for Children Fund. Dan wara nbeda ma' l-istudenti ta' Year 5 fi skejjel primarji fis-sena 2006.

  Il-Kummissarju attendiet sessjoni fl-Iskola Primarja Ċ ta' San Ġiljan fejn kellha l-opportunità li tagħraf il-ħtieġa li jkunu indirizzati kwistjonijiet ta' saħħa mentali fost tfal ta' skejjel primarji.



Il-Kummissarju żaret l-iskola tas-sajf tas-Sależjani 'Don Bosco' fir-Rabat Għawdex




Il-Kummissarju ġiet mistiedna għal attivita' għat-tfal organizzata mill-Brigata Laburista

  Il-Kummissarju rċeviet rapport tal-programm mill-Uffiċjali Eżekuttiv Ewlieni tal-Fondazzjoni Richmond li magħha kienu diskussi fit-tul kwistjonijiet relatati.

- **Diskors fil-Laqgħa Ġenerali Annwali tad-Dyslexia Association**
  Il-Kummissarju għat-Tfal tappoġġja lid-Dyslexia Association u kienet mistiedna biex tindirizza lill-membri tad-Dyslexia Association li kienu qed jagħmlu l-Laqgħa Ġenerali Annwali tagħhom fl-Istitut Kattoliku nhar id-29 ta' Settembru 2006.

  Il-Kummissarju tkellmet fuq il-Konvenzjoni tan-NU fuq id-Drittijiet tat-Tfal u tat ġabra tad-drittijiet tat-tfal b'mod ġenerali u ffukat fuq erba' gruppi ta' drittijiet: il-ħtiġijiet bażiċi u drittijiet ta' sopravvivenza, drittijiet għal żvilupp, drittijiet ta' parteċipazzjoni u drittijiet għal protezzjoni.

  Is-sessjoni ta' sagħtejn kienet tinkludi diskussjonijiet validi ħafna mal-platea li qajmet diversi kwistjonijiet li kienu jmorru lilhinn mill-qafas immedjat tad-disleksja.

## 6. Edukazzjoni dwar id-Drittijiet tat-Tfal: Drittijiet, Rispett u Responsabbiltajiet

**a. Logħba tad-Drittijiet tat-Tfal għal tfal żgħar ħafna**

Bħala parti mill-kampanja dejjem għaddejja tal-Kummissarju favur id-drittijiet tat-tfal, "Drittijiet, Rispett u Responsabbiltajiet", kienet żviluppata logħba dwar id-drittijiet tat-tfal maħsuba għal tfal żgħar ħafna (minn 3 sa 5 snin). Il-Kummissarju għat-Tfal qassmet u introduċiet il-logħba fi skejjel kindergarten u primarji.

Il-logħba, li hija taħbila li tintlagħab ma' l-art, hi primarjament diretta għal tfal ta' minn 3 sa 5 snin u tikkonsisti fi 12-il flash card li juri karattri mdejqin meta d-drittijiet m'humiex irrispettati, u l-istess karattri ċertament ferħanin meta d-drittijiet tagħhom huma rrispettati. It-tfal

iridu jżewġu l-flash cards. Il-logħba hija partikolarment utli bħala għodda edukattiva għal għalliema, ġenituri u oħrajn li jieħdu kura tat-tfal, u għal dan l-iskop kull flash card fiha wkoll id-dritt partikolari tat-tfal fi kliem kemm bil-Malti u kemm bl-Ingliż.

Is-sitt drittijiet impinġija fuq it-taħbila fl-art huma:
1) Jien għandi dritt li nieħdu gost ma' ħbiebi;
2) Jien għandi dritt li nitgħallem;
3) Jien għandi dritt li nilgħab;
4) Jien għandi dritt li jkolli min jieħdu ħsiebi;
5) Jien għandi dritt għal ambjent nadif;
6) Jien għandi drittijiet bħal kull ħaddieħor.

Il-proġett seta' jsir bl-għajnuna finanzarja ta' Plasmon.

**b. Konvenzjoni tan-NU fuq id-Drittijiet tat-Tfal li faċli tinqara miż-żgħażagħ bil-Malti**

L-Uffiċċju tal-Kummissarju stampa bil-Malti 10,000 volantin li faċli jinqraw miż-żgħażagħ tal-Konvenzjoni tan-NU fuq id-Drittijiet tat-Tfal u li huma maħsubin l-aktar għal żgħażagħ ta' l-età ta' skejjel sekondarji (11 sa 16). Huma bdew jitqassmu lil żgħażagħ l-aktar permezz ta' skejjel u NGOs minn Settembru 2006.

L-istampar u d-disinn tal-volantin saru bl-appoġġ tad-Dipartiment tal-Promozzjoni tas-Saħħa.

**c. Klipps ta' l-UNICEF fuq it-TV**

Bi tħejjija għall-Jum Dinji tat-Tfal, l-Uffiċċju tal-Kummissarju, flimkien ma' l-Awtorità tax-Xandir, xandru Kartuns ta' UNICEF fuq Id-Drittijiet tat-Tfal għal 30 ġurnata fuq l-istazzjonijiet kollha televiżivi, 3 darbiet kull jum bħala Avviżi ta' Servizz Pubbliku.

Dawn l-10 Avviżi ta' Servizz Pubbliku kienu jikkonsistu fi spots bla kliem ta' 30 sekonda kull waħda, u kull avviż jispjega dritt. L-għaxar drittijiet kienu: Ħelsien minn Diskriminazzjoni; Familja; Identità; Edukazzjoni; Protezzjoni fi żmien ta' Gwerra; Protezzjoni minn Negliġenza; Ħelsien minn Diskriminazzjoni; Ħelsien minn Xogħol tat-Tfal; Ambjent Protettiv; u Espressjoni Tagħhom Infushom. Għal dan il-proġett, l-Uffiċċju kellu l-għajnuna ta' Snr Alexandra Scicluna.

**d. Preżenza fil-Media**

Il-Kummissarju ħadet sehem f'39 programm tar-radju u televiżjoni biex titkellem fuq id-drittijiet tat-tfal.

Il-Kummissarju u għaxart itfal ikkollaboraw mat-tim tal-produzzjoni tal-programm televiżiv "Qalb in–Nies", rebbieħ ta' premju, biex tellgħu żewġ programmi fuq "L-effett tas-separazzjoni fil-familja fuq it-tfal". Huma kkontribixxew ħafna għall-iskript u għall-intervisti fil-programm. Huma kienu wkoll strumentali biex l-Avukatessa tat-Tfal tidher l-ewwel darba fuq it-televiżjoni biex tispjega l-funzjoni tagħha bħala l-leħen tat-tfal fil-qorti.

## 7. Nagħtu Leħen lit-Tfal u liż-Żgħażagħ

**a. Konsultazzjoni fuq kwistjonjiet li Jħassbu lit-Tfal**

Fl-10 ta' Frar saret Konsultazzjoni bl-iskop li tittieħed indikazzjoni miż-żgħażagħ infushom fuq il-kwistjonijiet ewlenin li jħassbuhom fil-qasam tat-tfal b'mod ġenerali. Il-Konsultazzjoni, li damet sejra nofs ta' nhar, kellha forma ta' seminar li kien jinkludi logħob li joħloq atmosfera ta' ftuħ, diskussjonijiet u kwestjonarju li kull individwu kellu jimla.

Din saret flimkien taċ-Ċentru tal-Ġiżwiti għall-Fidi u Ġustizzja.

**b. Jum Nazzjonali taż-Żgħażagħ 2006**

L-Uffiċċju tal-Kummissarju kien wieħed mill-entitajiet li organizzaw iċ-ċelebrazzjonijiet għall-Jum Nazzjonali taż-Żgħażagħ li hu ċċelebrat kull sena f'Malta nhar il-21 ta' Marzu.

Il-Kummissarju fetħet iċ-ċelebrazzjonijiet b'diskors li fih semmiet li l-Konvenzjoni tan-NU fuq id-Drittijiet tat-Tfal u l-Att dwar il-Kummissarju għat-Tfal huma intiżi għal tfal taħt it-18-il sena; fil-waqt li l-Politika Nazzjonali għaż-Żgħażagħ tiddikjara li żgħażagħ huma definiti hekk mill-età ta' 14-il sena 'l fuq. Hi enfasizzat l-element ta' parteċipazzjoni ta' żgħażagħ li kienet karatteristika tal-ġimgħa dedikata għal attivitajiet taż-żgħażagħ.

Il-Kummissarju mexxiet ukoll workshop pubbliku għaż-żgħażagħ fuq "Id-Dritt tal-Parteċipazzjoni u l-Konvenzjoni tan-NU fuq id-Drittijiet tat-Tfal" li sar f'Baystreet fejn saru ċ-ċelebrazzjonijiet prinċipali.

Ir-rappreżentanta tal-Kummissarju fuq il-Kumitat Koordinattiv kienet iż-żagħżugħa s-Sinjorina Bernice Briffa. Din kienet megħjuna mis-Sinjorina Dorianne Coleiro minn Youthscope.

**c. Rights4U: Kors għaż-Żgħażagħ fuq id-Drittijiet tat-Tfal**

L-Uffiċċju tal-Kummissarju organizza kors fuq drittijiet tat-tfal għal tfal u żgħażagħ (13 sa 16-il sena) ibbażat fuq il-Konvenzjoni tan-NU fuq id-Drittijiet tat-Tfal.

Intgħażlu xi 70 parteċipant. Bħas-sena ta' qabel, sar sforz biex jintlaħqu gruppi żvantaġġjati.

Il-kors kien ibbażat fuq il-Konvenzjoni tan-NU fuq id-Drittijiet tat-Tfal u s-suġġett magħżul għal din is-sena kien id-Dritt għal-Logħob. Il-parteċipanti kellhom l-opportunità li jiddiskutu fi gruppi żgħar id-dritt għal-logħob, imexxu investigazzjonijiet fuq il-post, fosthom intervisti ma' nies tal-lokal, f'7 bliet differenti biex jaraw jekk id-dritt għal-logħob hux qed ikun implimentat f'dik il-lokalità partikolari, u ħadu sehem f'logħbiet organizzati tul tmiem il-ġimgħa.

Il-kors kien koordinat mis-Sinjorina Anna Grech minn Youthscope flimkien mas-Sur Sandro Balzan u s-Sur Manuel Fenech.



Andrew Decelis mill-Kunsill Malti għall-iSport imexxi waħda mill-attivitajiet waqt il-kors dwar id-drittijiet tat-tfal Rights4U li din is-sena ffoka fuq Artiklu 31, id-Dritt għal-Logħob

**d. Elezzjoni ta' rappreżentanti taż-Żgħażagħ**

Fit-8 ta' Diċembru 2006 ż-żgħażagħ li ħadu sehem fit-tliet Korsijiet fuq id-Drittijiet tat-tfal kienu mistiedna jeleġġu 4 żgħażagħ biex jirrappreżentawhom f'attivitajiet tal-Kummissarju.

Fil-bidu tal-laqgħa l-Kummissarju aġġornat lit-tfal u liż-żgħażagħ fuq il-punti ewlenin tax-xogħol tagħha fl-aħħar tliet snin. Wara saru preżentazzjonijiet mis-Sur Charlot Borg, is-Sinjorina Lara Camilleri, is-Sur Malone Debono u s-Sinjorina Shanna Spiteri – l-erba' żgħażagħ li l-mandat tagħhom kien se jagħlaq. Huma tkellmu fuq l-esperjenza tagħhom fil-Kunsill għat-Tfal u fuq l-involviment fl-attivitajiet tal-Kummissarju, u għamlu wkoll xi rakkomandazzonijiet.



Il-Kummissarju tħawwel siġra f'Ta Qali waqt l-attivitajiet li ġew organizzati għal Jum Dinji tat-Tfal 2006. Kull siġra kellha wieħed mid-drittijiet tat-tfal mwaħħla magħha.

Iż-żgħażagħ li kienu interessati kienu ntalbu li jinnominaw lilhom infushom fil-ġimgħat ta' qabel, u f'dik il-ġurnata introduċew ruħhom. Tfal u żgħażagħ biss li ma għalqux it-18-il sena setgħu jivvutaw. Il-Kummissjoni Elettorali wkoll kienet komposta minn żgħażagħ li ma setgħux jivvutaw għaliex kienu qabżu t-18 iżda li xorta riedu jappoġġjaw l-attività. L-erba' żgħażagħ eletti kienu s-Sinjorina Lara Cassar, is-Sur Mahmoud El Bakry, is-Sur Kurt Mizzi u s-Sur Gerald Sant.

**e. Jum Dinji tat-Tfal 2006**

Fl-okkażjoni tal-Jum Dinji tat-Tfal 2006 l-Ministeru għall-Edukazzjoni, Żgħażagħ u Impjiegi, il-Ministeru għall-Familja u s-Solidarjetà Soċjali, l-Uffiċċju tal-Kummissarju għat-Tfal u l-Aġenzija APPOĠĠ appoġġjaw l-HSBC Cares for Children Fund f'kollaborazzjoni mal-Kunsill Malti għall-Isport u l-Ministeru għall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent, u organizzaw ċelebrazzjoni għall-familja kollha msejħa "Fid-Dinja Mżewqa tat-Tfal".

L-avveniment sar Ta' Qali u t-tema magħżula għall-Jum Dinji tat-Tfal ta' din is-sena kienet "Għall-Ħarsien Aħjar tat-Tfal" (For the better protection of children). Waqt din l-attività z-zona fejn isiru l–pikniks f'Ta' Qali nbidlet f'zona ta' attività li fiha tfal, żgħażagħ u l-membri kollha tal-familja setgħu jgawdu tliet sigħat divertiment b'xejn.

Kien hemm ħafna logħob organizzat bħal tug-of war, volibol, sparar bil-qaws, futbol, baskitbol, human table soccer, bungee run, kastell jitqabeż u tixbit ma' l-għoljiet. Kien hemm ukoll animaturi, balloon shapers, tpinġija ta' l-uċuħ, karattri minn films u kartuns, u stilt walkers biex jagħtu l-aħjar divertiment possibbli. Fl-istess ħin kien hemm ukoll wirjiet minn tfal u żgħażagħ li wieħed wara l-ieħor telgħu fuq il-palk ikantaw u jiżfnu flimkien mal-parteċipazzjoni ta' artisti magħrufin. Diversi personalitajiet sportivi, politiċi u televiżivi, fost oħrajn, kienu mistiedna biex jagħtu messaġġi pożittivi tul l-avveniment.

Tul din l-attività saret ukoll enfasi fuq l-ambjent u l-konservazzjoni tiegħu. Il-Ministru għall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent, flimkien mal-Kampanja 34U, organizza tħawwil ta' siġar bħala parti miċ-ċelebrazzjonijiet tal-Jum Dinji tat-Tfal. Dan kien akkumpanjat minn taħdita fuq l-apprezzament ta' l-ambjent. Barra minn hekk, fl-okkażjoni ta' l-10 Anniversarju tal-proġett Scoops (li jippromwovi l-kunċett tal-koperattivi fl-iskejjel sekondarji), il-Bord tal-Koperattivi, flimkien mal-Kunsill Nazzjonali ta' Scoops, ħawwel 150 siġra. Kull wieħed mit-42 artikolu tal-Konvenzjoni tan-NU fuq id-Drittijiet tat-Tfal twaħħal mas-siġar.

Fl-aħħarnett, il-Malta Girl Guides Association appoġġjat l-avveniment billi qassmet volantini tat-tfal, addattati biex jinqraw faċilment minnhom, li l-Kummissarju għat-Tfal kienet għadha kemm ippubblikat.

## 8. Relazzjonijiet Internazzjonali

Ir-relazzjonijiet internazzjonali huma importanti għall-Uffiċċju tagħna biex:

1. Inżommu ruħna infurmati fuq kif uffiċċji oħrajn li għandhom mandati li jixbhu lil dak tagħna qed joperaw, u l-isfidi li qed iffaċċjaw
2. Nippromwovu għarfien akbar tar-realtajiet tat-tfal u taż-żgħażagħ f'pajjiżi oħrajn
3. Nibqgħu aġġornati mal-kwistjonijiet ewlenin u mal-ksur tad-drittijiet tat-tfal fuq skala internationazzjonali
4. Inżommu ħaj l-aspett universali tal-Konvenzjoni u tad-drittijiet tat-tfal anke fil-preżentazzjoni tad-drittijiet tat-tfal.

Sfortunatament, ħtija ta' limitazzjonijiet finanzjarji u ta' riżorsi umani, ftit sar investiment f'dan il-qasam.

- **Żjara fit-Tuneżija**

  Il-Kummissarju, flimkien ma' tliet membri żgħar tal-Kunsill għat-Tfal, kienu mistiedna għal waħda mis-sessjonijiet ta' darbtejn fis-sena tal-Parlament tat-Tfal fit-Tuneżija f'Marzu 2006. Il-Parlament tat-Tfal isir darbtejn fis-sena, f'Marzu u f'Novembru. Tingħażel tema għal kull darba u t-tfal ikunu ppreparati minn qabel u inkoraġġiti li jfasslu mistoqsijiet fuq din il-kwistjoni. Is-sessjoni parlamentari tikkonsisti f'mistoqsijiet mit-tfal u tweġibiet minn Ministru tal-gvern. Is-sessjoni li attendew kienet qed tittratta "Id-drittijiet tat-tfal permezz ta' leġiżlazzjoni u ġustizzja għat-tfal"; il-Ministru tal-Ġustizzja kien preżenti biex iwieġeb il-mistoqsijiet.

  Il-Kummissarju u t-tliet membri żgħar tal-Kunsill kellhom ukoll żjajjar ippjanati minn qabel mal-Ministru għall-Familja tat-Tuneżija, u ltaqgħu ma' tliet Delegati (diretturi tal-welfare) reġjonali għat-tfal. Tfassal ukoll għad-delegazzjoni programm mimli ħafna ta' erbat ijiem żjajjar lil istituzzjonijiet tat-tfal.



Daniela DeBono, Maniġer fi ħdan l-Uffiċċjut al-Kummissarju għat-Tfal, Brent Parfitt, membru tal-Kumitat tad-Drittijiet tat-Tfal fi ħdan in-Nazzjonijiet Uniti u Sonia Camilleri l-Kummissarju għat-Tfal f'Ateni għal-laqgħa annwali ta' l-ENOC

- **Laqgħa Annwali: European Network of Ombudspersons for Children**

  Ombudspersons u Kummissarji għat-Tfal din is-sena ltaqgħu f'Ateni għal-Laqgħa Annwali ENOC tagħhom. Il-pajjiżi parteċipanti din is-sena kienu 30, filwaqt li l-Kummissarju għat-Tfal ta' New Zealand kienet preżenti bħala mistiedna u osservatur speċjali. Malta kienet qed tipparteċipa għat-tielet sena konsekuttiva. Il-Finlandja ngħaqdet mal-grupp għall-ewwel darba.

  Suġġetti importanti fl-Aġenda ta' din is-sena kienu:
  - Is-smigħ tat-tfal biex nifhmu u nsaħħu l-ilħna tagħhom.
  - Interventi f'istituzzjonijiet għall-kura tat-tfal.
  - Rappurtar lill-Parlament fuq kwistjonijiet ta' Drittijiet tat-Tfal.

  Iżda s-suġġetti prinċipali tal-Konferenza kienu:
  - Appoġġ lil bidliet politiki anti-diskriminatorji u leġiżlattivi.
  - Edukazzjoni fuq Drittijiet Umani fl-Iskejjel.
  - Integrazzjoni ta' gruppi speċjali: minoranzi bi ħtiġijiet speċjali.
  - Trattament ta' bullying fl-iskejjel.

  Żewġ sessjonijiet importanti relatati direttament mal-kwistjonijiet imsemmija hawn fuq kienu d-diskussjoni u adozzjoni ta' dikjarazzjoni fuq tfal/minorenni li m'għandhomx min jieħu ħsiebhom u djalogu miftuħ ma' Mr Patrick Trousson, mill-Kummissjoni ta' l-UE, fuq kif l-ENOC tista' tkun involuta fil-Forum Ewropew fuq id-Drittijiet tat-Tfal u l-promozzjoni ta' Strateġija għall-UE fuq id-Drittijiet tat-Tfal.

  Il-Kummissarji taw merħba lil Mr Brent Parffit, membru tal-Kumitat tan-NU fuq id-Drittijiet tat-Tfal, li tkellem fuq il-funzjoni ta' l-ombudspersons għat-tfal fil-proċess ta'



Il-Kummissarju u tlett membri żgħażagħ tal-Kunsill għat-Tfal flimkien mal-Ministru tal-Familja tat-Tuneżija wara l-Parlament tat-Tfal

l-eżami ta' rapporti nazzjonali fuq l-implimentazzjoni tas-CRC [Konvenzjoni fuq id-Drittijiet tat-Tfal]. Dan il-kontribut mill-Kummissarji għat-Tfal deher li kien vitali biex ikun hemm garanzija ta' implimentazzjoni lokali aħjar tal-Konvenzjoni. Il-Kummissarju għat-Tfal, is-Sinjura Camilleri, u s-Sinjorina DeBono mill-Uffiċċju, ħadu sehem.

- **Konferenza Internazzjonali: Ombudswork għat-Tfal**
  L-Uffiċċju tal-Kummissarju għat-Tfal ippartecipa fil-konferenza msejħa 'Ombudswork for Children' organizzata mill-Ombudsman Federali Russu għad-Drittijiet Umani, l-Ombudsman Grieg u d-Deputat tiegħu għad-Drittijiet tat-Tfal (li hu wkoll Chairman ta' l-European Network of Ombudsmen for Children) u l-Kummissarju għad-Drittijiet Umani tal-Kunsill ta' l-Ewropa.

  It-tliet kwistjonijiet ewlenin ta' din il-konferenza kienu:
  a) Għaliex u safejn ombudsmen – kemm jekk speċjalizzati kemm jekk m'humiex – huma vestiti b'responsabbiltà għall-ħarsien tat-tfal?
  b) Il-modi differenti li bihom ix-xogħol speċifiku tad-difiża tat-tfal jista' jkun fdat lil istituzzjonijiet ta' ombudsman.
  c) Kif nistgħu nisimgħu lit-tfal u ninvolvuhom fil-ħidma tagħna?

  L-Uffiċċju tal-Kummissarju kien irrappreżentat mis-Sinjorina Daniela DeBono, Maniġer tar-Riċerka u Politika fl-Uffiċċju.

## 9. Attivitajiet Oħrajn

- **Appoġġ għal liġi li tindirizza x-xorb taħt l-età**
  Il-Focus Group on Underage Drinking ltaqa' mal-Kummissarju u mal-Kunsill għat-Tfal bħala parti mill-istrateġija tagħhom li jiltaqgħu ma' dawk kollha involuti f'dan il-qasam. L-iskop ta' dawn il-laqgħat kien li jispjegaw ir-rwol u l-ħidma tagħhom, u biex jesploraw toroq possibbli ta' kollaborazzjoni flimkien.

  L-Abbozz ta' Liġi li jirregola x-xorb taħt l-età kien għadu kif ġie ppreżentat lill-Parlament, u kien qed jiġi diskuss mill-Kumitat għall-Affarijiet Soċjali biex wara jgħaddi għand l-Uffiċċju ta' l-Avukat Ġenerali biex ikun ikkontrollat.

  Il-Focus Group talab lill-membri żgħażagħ tal-Kunsill biex jagħtu l-fehmiet tagħhom fuq l-Abbozz, u kienu inkoraġġiti ħafna mill-membri żgħażagħ biex jaħdmu aktar mill-qrib magħhom fuq din il-kwistjoni.

- **Kampanja Ilkoll Differenti – Ilkoll Indaqs**
  Din il-kampanja, li hija kampanja ma' l-Ewropa kollha organizzata flimkien mill-Unjoni Ewropea u l-Kunsill ta' l-Ewropa, għandha l-għan li tinkoraġġixxi liż-żgħażagħ u tagħtihom ċans jipparteċipaw fil-bini ta' soċjetajiet imsejsa fuq drittijiet umani, diversità u inklużjoni fi spirtu ta' rispett, tolleranza u ftehim reċiproku.

  It-Taqsima Żgħażagħ tal-Ministeru għall-Edukazzjoni, Żgħażagħ u Impjiegi hija l-korp koordinatur f'Malta. L-Uffiċċju tal-Kummissarju għat-Tfal huwa wieħed mis-sħab prinċipali flimkien ma' entitajiet oħra taż-żgħażagħ.

- **Round Table Conference fuq Tfal Mitlufin u Tfal Sfruttati Sesswalment: Malta f'Qafas Ewropew**
  Il-Kummissarju kienet mistiedna tindirizza din ir-Round Table magħmula minn għadd ta' aġenziji fuq il-ġlieda kontra l-Isfruttament Sesswali ta' Minorenni, koordinata mill-Foundation of Social Welfare Services. Il-Kummissarju rreferiet kemm għall-Att dwar il-Kummissarju għat-Tfal u kemm għall-Konvenzjoni tan-NU fuq id-Drittijiet tat-Tfal li tnejn li huma jippromwovu l-ħarsien tat-tfal minn ħsara fiżika jew morali jew minn negliġenza, inklużi l-forom kollha ta' abbuż, jew sfruttament sesswali. Hi semmiet il-ħidma li saret flimkien mal-Prim Imħallef fir-rigward ta' każijiet pendenti fil-qorti fuq abbuż sesswali tat-tfal, u kkummentat fuq il-nuqqas ta' rappurtat obbligatorju ta' każijiet ta' din ix-xorta kif għadha s-sitwazzjoni f'Malta.




Grupp ta' żgħażagħ u youth workers li attendew għal kors fejn ġew diskussi d-drittijiet għat-tfal. Dan il-kors kien wieħed mill-attivitajiet tal-kampanja Ikoll Differenti, Ilkoll Indaqs

Fir-rigward ta' tal-ħtif ta' tfal, hi rreferiet għal każijiet li jinvolvu pajjiżi li m'humiex firmatarji tal-Konvenzjoni ta' l-Aja fuq Aspetti Ċivili tal-Ħtif tat-Tfal u ssuġġeriet modi ta' azzjoni f'sitwazzjonijiet ta' din ix-xorta biex wieħed jipprova jiddefendi lit-tfal li huma l-vittmi.

Il-problema prinċipali li rriżultat mill-konferenza kienet il-ħtieġa li tkun indirizzata "il-ġabra ta' informazzjoni tat-tip fqir u kaotiku" fir-rigward tat-tfal li huma vittmi ta' abbuż tat-tfal u ħtif għal skopijiet sesswali.

- **Konsultazzjoni ma' SEDQA dwar id-dokument ta' pożizzjoni tagħhom fuq il-Logħob ta' l-Imħatri**
  Saret laqgħa ma' SEDQA u ma' uffiċjali ta' l-Awtorità tax-Xandir fil-bini ta' SEDQA f'Santa Venera li tulha kien diskuss fit-tul id-dokument ta' pożizzjoni maħruġ minn SEDQA fuq il-logħob ta' l-imħatri. Kienet ħaġa pożittiva li tinnota li t-tliet entitajiet kienu kollha qed jitkellmu lingwaġġ wieħed u nħasset il-ħtieġa li l-problema tkun indirizzata qabel ikun tard wisq.

- **Preżentazzjoni ta' bandli speċjali għal trabi għadhom jitwieldu li jeħtieġu l-metadon**
  Il-Kummissarju kienet mistiedna fis-Sala tat-Tfal Karen Grech fl-Isptar San Luqa biex tippreżenta bandli speċjali mfasslin għal trabi li twieldu b'dipendenza fuq il-metadon. Il-bandli, għotja ta' SEDQA, jistgħu jkunu programmati biex fihom it-tfal iħossu li qed jitbandlu minn persuna adulta u tqiesu meħtieġa biex jagħtu lil dawn it-trabi s-sens kostanti ta' sigurtà li kien jonqsilhom.



Il-Moviment favur id-Drittijiet tat-Tarbija fil-Ġuf jaqraw l-istqarrija tagħhom lil Kummissarju fl-okkazzjoni tal-Jum Dinji tat-Tfal



Il-Kummissarju laqgħet fl-Uffiċċju tagħha lil Multiple Connection Group

- **Żjara minn ommijiet tqal u membri tal-Moviment favur id-Drittijiet tat-Tarbija fil-Ġuf**
  Il-Kummissarju ħadet gost bi żjara minn ommijiet tqal u membri tal-Moviment favur id-Drittijiet tat-Tarbija fil-Ġuf fl-okkażjoni tal-Jum Dinji tat-Tfal.

  Il-Moviment indirizza lill-Kummissarju u rringrazzjaha għall-appoġġ kostanti lil tat lil tfal mhux imweldin fil-ħarsien tad-drittijiet tagħhom. Il-Moviment appella lill-awtoritajiet u lill-pubbliku ġenerali biex ma jinsiex li t-tarbija mhux imwielda għandha d-drittijiet ukoll, u dawn huma mdaħħlin fl-Att dwar il-Kummissarju għat-Tfal.

- **Diskors fil-Laqgħa Ġenerali Annwali tal-Multiple Connection Group għall-Familji li jkollhom Multiple Births**
  Il-Kummissarju kienet mistiedna biex tindirizza ġenituri membri tal-Multiple Connection Group li kienu qed jagħmlu l-Laqgħa Ġenerali Annwali tagħhom fil-Playmobil Funpark. Il-Kummissarju faħħret l-appoġġ li l-ġenituri kienu qed jagħtu lil xulxin fil-grupp innifsu, u apprezzat l-isforz tremend involut fl-organizzazzjoni ta' dan l-avveniment minn nukleu żgħir ta' ommijiet li huma stess kienu ġenituri ta' tlitt jew erbat itfal imweldin f'daqqa. Hu nnutat b'sodisfazzjoni li n-numru ta' membri tal-grupp kien żdied minn meta ltaqgħet magħhom fl-2005.

- **Networking**
  Networking baqgħet sistema li ngħatat prijorità tul din is-sena kollha, u saru laqgħat regolari ma' diversi Ministeri, dipartimenti tal-gvern u aġenziji governattivi, il-ġudikatura, ambaxxati, organizzazzjonijiet mhux governattivi, il-Knisja u organizzazzjonijiet internazzjonali.



Il-Kummissarju għamlet żjara f'Kidstart - Summer Club

# Deskrizzjoni Ġenerali tal-Qagħda tat-Tfal f'Malta

Kif għamilna fir-Rapport Annwali tas-sena l-oħra, se nerġgħu nagħtu ħarsa lejn iċ-ċirkustanzi li fihom jgħixu t-tfal f'Malta primarjament fid-dawl ta' artikolu partikolari tal-Konvenzjoni tan-NU fuq id-Drittijiet tat-Tfal.

Fis-sena 2005 l-Artikolu 12 tal-Konvenzjoni, li jitkellem mid-dritt tat-tfal li jipparteċipaw, kien investigat fil-fond b'referenza għall-kuntest lokali. Din is-sena sar l-istess fil-każ ta' l-Artikolu 31, id-dritt tat-tfal għal-logħob u attivitajiet kulturali.

Din l-istrateġija qed tkun adottatat hija biex tissejjaħ l-attenzjoni ta' tat-tfal u ta' l-adulti b'mod ġenerali, flimkien ma' ta' dawk li huma fl-awtorità, għall-eżistenza ta' dritt partikolari kull sena bl-iskop li l-popolazzjoni tkun edukata u jsir ukoll monitoraġġ dwar id-drittijiet tat-tfal kif deskritti fil-Konvenzjoni fuq id-Drittijiet tat-Tfal.

L-Artikolu 31 tal-Konvenzjoni jinqara hekk:

1. *Stati Partijiet jagħrfu d-dritt tat-tfal għal mistrieħ u rikreazzjoni, li jilagħbu u jagħmlu attivitajiet rikreattivi addattati għall-età tat-tfal u jipparteċipaw liberament fil-ħajja kulturali u artistika.*
2. *Stati Partijiet għandhom jirrispettaw u jippromwovu d-dritt tat-tfal li jipparteċipaw bis-sħiħ fil-ħajja kulturali u artistika, u għandhom jinkoraġġixxu l-provvista ta' opportunitajiet addattati u ugwali għal attività kulturali, artistika, rikreattiva u ta' mistrieħ.*

Din is-sena ħafna mill-attenzjoni u r-riżorsi ta' l-Uffiċċju kienu dedikati lid-Dritt għal-Logħob.

Il-Kors fuq Drittijiet tat-Tfal, *Rights4U*, li jsir kull sena kien jittratta l-Artikolu 31. Is-70 tifel u tifla, bejn l-14 u s-16-il sena, li pparteċipaw daqu ftit kif tkun ħajjithom kienu d-Dritt tagħhom għal-Logħob kellu jkun irrispettat kif għandu jkun. Tmiem il-ġimgħa mimli sax-xfar b'attivitajiet rikrattivi, sportivi u kulturali ma ħallilhomx ħin jaħsbu jekk jaqbżux xi attività jew li jagħmlu xi waħda mill-bawxati karatteristiċi tagħhom. Huma ħadu gost b'kull minuta li għaddiet u fi tmiem it-tlitt ijiem kienu midħla sewwa ta' l-Artikolu 31.

L-istħarriġ fuq id-dritt għal-logħob li grupp ta' żgħażagħ daħal għalih tul il-Kors fuq Drittijiet tat-Tfal, *Rights4U*, kien ippreżentat fix-xhur tas-sajf lis-Sindki ta' 7 Kunsilli Lokali u serva ta' opportunità tajba biex il-grupp jiddiskuti dak li sabu fuq l-implimentazzjoni tad-Dritt għal-Logħob fil-kuntest Malti. (Ara Kapitlu 2, Parti C: Preżentazzjonijiet tal-Parteċipanti Żgħażagħ lil Sindki)

Stħarriġ maġġuri fost 6,000 tifel u tifla fi skejjel Statali, Indipendenti u tal-Knisja fuq il-perċezzjoni tagħhom tad-dritt għal-logħob waqt u wara l-ħinijiet ta' l-iskola tħalla f'idejn Dr Valerie Sollars mid-Dipartiment ta' l-Edukazzjoni ta' l-Università ta' Malta. Aktar 'l isfel issibu sommarju eżekuttiv ta' dak li nstab fl-istħarriġ. (Ara Kapitlu 2, parti A: Sommarju Eżekuttiv: Id-Dritt tat-Tfal għal-Logħob: Studju ta' l-attivitajiet kulturali u rikreattivi tat-Tfal Maltin).

Il-Kummissarju, flimkien mal-Maniġer għar-Riċerka u Politika ta' l-Uffiċċju, is-Sinjorina Daniela DeBono, mexxiet personalment stħarriġ fost Kunsilli Lokali biex tara jekk tfal fil-livell lokali li jgħixu fih humiex qed jingħataw id-dritt tagħhom għal-logħob. Aktar 'il isfel jingħata sommarju ta' l-istħarriġ u x'instab. (Ara Kapitlu 2, parti B: Stħarriġ fuq *playing fields* u l-provvista ta' faċilitajiet ta' mistrieħ alternattivi)

Iż-żgħażagħ li kienu segwew il-Kors fuq Drittijiet tat-Tfal tant ħadu d-Dritt għal-Logħob bis-serjetà li, meta xi wħud minnhom intgħażlu aktar tard biex jieħdu sehem f'sessjoni tal-Parlament tat-Tfal, l-għażla li għamlu tas-suġġett kienet ovvja u hemm tkellmu u għamlu mistoqsijiet fuq opportunitajiet għal mistrieħ alternattivi u fuq kwistjonijiet relatati.

L-enfasi prinċipali tul is-sena kienet, fil-fatt, fuq id-Dritt għal-Logħob, u fil-ħafna żjajjar li saru fi skejjel, parroċċi, organizzazzjonijiet taż-żgħażagħ u Kunsilli Lokali d-dritt għal-logħob kien dejjem spjegat, ikkontrollat u inkoraġġit.

Il-qofol ta' l-konċentrazzjoni tas-sena fuq l-Artikolu 31 intlaħaq fil-15 ta' Diċembru 2006 bit-tnedija lill-Istampa tal-pubblikazzjoni "Id-Dritt għal-Logħob". Dan id-dokument bħalissa qed jixxerred fost għadd kbir ta' professjonisti u fost dawk li jfasslu l-politika li kollha huma mistiedna biex iqisu sewwa r-riżultati fl-oqsma partikolari tal-ħidma, jew logħob, tagħhom.



L-għan ta' l-attivitajiet għall-Jum Dinji għat-Tfal kien li t-tfal jieħdu gost!

**PARTI A**

## Id-Dritt tat-Tfal għal-Logħob: Studju fuq l-attivitajiet kulturali u rikreattivi tat-tfal Maltin

**Valerie Sollars**

### Sommarju eżekuttiv[1]

1. Artikolu 31 tal-Konvenzjoni fuq id-Drittijiet tat-Tfal jiddikjara espliċitament li[2]:
   *Stati Partijiet jagħrfu d-dritt tat-tfal għal mistrieħ u rikreazzjoni, li jilagħbu u jagħmlu attivitajiet rikreattivi addattati għall-età tat-tfal u jipparteċipaw liberament fil-ħajja kulturali u artistika.*
   *Stati Partijiet għandhom jirrispettaw u jippromwovu d-dritt tat-tfal li jipparteċipaw bis-sħiħ fil-ħajja kulturali u artistika, u għandhom jinkoraġġixxu l-provvista ta' opportunitajiet addattati u ugwali għal attività kulturali, artistika, rikreattiva u ta' mistrieħ.*

   Dan jimplika li l-firmatarji tal-Konvenzjoni huma responsabbli għall-implimentazzjoni ta' dan id-dritt f'pajjiżhom.

2. Mad-dinja kollha, fora internazzjonali esprimew tħassib dwar bidliet fis-soċjetà li qed jolqtu lit-tfulija u lill-iżvilupp tat-tfal. It-tħassib jinkludi: l-indifferenza lejn l-importanza tal-logħob kemm fost dawk li jfasslu l-politika u kemm fost il-pubbliku ġenerali; l-enfasi dejjem tikber fuq tagħrif teoretiku u suċċess akkademiku; il-kompetizzjoni xejn sana biex wieħed jagħmel suċċess f'attivitajiet sportivi; ġenituri li jitgħabbew b'aktar xogħol u jħallu ftit li xejn ħin jew enerġija biex ikunu ma' wliedhom; u l-ammont ta' ħin li t-tfal iqattgħu quddiem l-iskrin tat-televixin, films u kompjuters.

3. Fil-kuntest lokali, l-evidenza bil-fomm tissuġġerixxi li t-tfal u ż-żgħażagħ li telgħin f'Malta qed ikollhom ħafna pressjoni minn sistema edukattiva orjentata lejn l-eżamijiet. Dan ifisser li s-suċċess akkademiku qed jingħata preferenza fuq attivitajiet oħra li qed jitwarrbu.

4. Jekk it-tfal u ż-żgħażagħ, iridu jew ma jridux, qed jagħtu prijorità lis-suċċess akkademiku, dan jissuġġerixxi li hemm ħin limitat, jekk fil-fatt hemm ħin, għal attivitajiet ta' mistrieħ, kulturali, artistiċi u rikreattivi.

5. Apparti mill-fatt li d-dritt għal-logħob u l-parteċipazzjoni f'attivitajiet kulturali u artistiċi huma mezzi ta' rikreazzjoni u mistrieħ, dawn l-attivitajiet jippromwovu l-iżvilupp ġenerali u san tal-persuna umana. Żvilupp lingwistiku,

1 Sommarju Eżekuttiv minn Sollars, V., *Children's Right to Play: A Study of Maltese Children's cultural and recreational activities*, Office of the Commissioner for Children, 2006

2 http://www.ohchr.org/english/law/pdf/crc.pdf

fiżiku, intellettwali, personali, emozzjonali u soċjali jiddipendi fuq bilanċ san bejn xogħol u rilassament.

6. Fejn jidħlu tfal żgħar, il-parteċipazzjoni f'attivitajiet ta' logħob, kulturali, artistiċi u rikreattivi hija t-triq tat-tagħlim li jeħtieġ tkun promossa.

**L-istudju preżenti**

L-istudju tmexxa fost tfal fi skejjel primarji u sekondarji. L-għażla ta' l-iskejjel kienet tiġbor istituzzjonijiet statali, tal-knisja u indipendenti. B'kollox 31 skola primarja u 15-il skola sekondarja ħadu sehem fl-istudju, u l-kampjun ġenerali kien magħmul b'kollox minn 6,000 student u studenta.

It-tfal u ż-żgħażagħ ingħataw l-opportunità li jaqsmu l-esperjenza tagħhom f'attivitajiet ta' logħob, rikreattivi, kulturali u li jserrħu billi kellhom jimlew kwestjonarju dettaljat li mtela u tmexxa fil-klassi. Intalbet informazzjoni fuq għadd ta' avvenimenti kulturali u rikreattivi li saru fil-ħin ta' l-iskola u wkoll fuq attivitajiet fil-ħin liberu wara l-iskola u fi tmiem il-ġimgħa.

Biex l-informazzjoni miġbura mit-tfal tkun korroborata, intużaw kwestjonarji u intervisti biex tinġabar informazzjoni minn kapijiet ta' skejjel, fornituri ta' servizzi u persuni adulti responsabbli minn soċjetajiet jew gruppi, organizzazzjonijiet ta' żfin, mużika u palk, u minn klabbs tal-futbol.

**Sejbiet ewlenin**

7. Il-maġġoranza tat-tfal fi skejjel Primarji u wkoll fil-klassijiet għolja ta' skejjel Sekondarji (Forms 4 u 5) għandhom lezzjoni tal-P.E. waħda fil-ġimgħa. Fil-parti l-kbira ta' l-iskejjel hemm tendenza biex jitnaqqsu l-lezzjonijiet tal-P.E. meta joqorbu l-eżamijiet tal-Junior Lyceum, SEC u MATSEC. Tfal fi skejjel Primarji u Sekondarji jaqblu li m'għandhomx biżżejjed lezzjonijiet tal-P.E.

8. Minn fost l-iskejjel Primarji li ħadu sehem, 22% biss għandhom ġimm. Minħabba f'hekk, hu diffiċli jew impossibbli li jsiru lezzjonijiet tal-P.E fi ġranet meta tagħmel ix-xita. Il-problema tikber jekk l-iskola m'għandhiex post fejn xi attività fiżika tista' ssir ġewwa.

9. In-nuqqas ta' postijiet għal-logħob fuq ġewwa joħloq diffikultajiet lit-tfal biex jilagħbu waqt il-brejk fi ġranet meta tagħmel ix-xita. Il-klassijiet u l-kurituri jagħmlu tajjeb bħala alternattivi prinċipali, anke jekk xejn m'humx addattati għalhekk.

10. Filwaqt li tfal ta' skejjel primarji jieħdu okkażjoni mill-ħin tal-brejk biex joqogħdu jiġru u hekk jagħmlu ftit ta' l-eżerċizzju, studenti ta' skejjel sekondarji jidher li jippreferu attivitajiet aktar rilassanti bħal passiġġar, taħdit/tpaċpiċ, ħin fil-kafeterija, jew żjarat lill-laboratorji tal-kompjuter jew lil-librerija.

11. Fil-każ ta' tfal ta' skejjel primarji, il-ħinijiet tal-brejk jidher li huma x'aktarx qosra meta tqis li nofs il-ħin allokat jgħadduh jieklu l-kolazzjon.

12. Fi skejjel primarji u sekondarji, 71.2% u 71.8% ta' l-istudenti rispettivament irrappurtaw li qatt ma kellhom lezzjoni tal-mużika jew li kellhom biss xi waħda kultant..

13. Id-drama tidher li hija l-inqas rappreżentata minn fost l-arti kreattiva kollha. Meta tqis il-benefiċċji li l-istudenti jistgħu jiksbu bis-saħħa tal-parteċipazzjoni f'attivitajiet tad-drama, hija tassew ħasra li din l-attività tingħata importanza daqstant baxxa. Id-drama jgħin lit-tfal jiżviluppaw fiduċja fihom infushom u stima tagħhom infushom. Hi tippermettilhom jesprimu ruħhom, jidentifikaw jew jissimpatizzaw ma' karattri differenti f'ċirkustanzi diversi, u waqt li jagħmlu dan ikunu qed jirriħersjaw jew jikkupjaw sitwazzjoni reali mill-ħajja.

14. Il-logħbiet tal-kompjuter saru sors ta' l-'logħob' għall-grupp ta' etajiet żgħar filwaqt li tfal ta' età akbar jużaw il-kompjuter l-aktar biex ipaċpċu.

15. Il-mensula tal-logħbiet tal-vidjow tappella aktar għas-subien milli għall-bniet, iżda fil-każ ta' tfal ta' età akbar tidher li qed titlef il-faxxinu tagħha.

16. Perċentwali għolja ta' tfal u żgħażagħ jaraw għadd ta' DVDs kull ġimgħa, ħaġa li tikkontribwixxi għal stil ta' ħajja sedentarju. Dan jidher li jsaħħaħ l-istampa li toħroġ mir-riżultati: aktar ma t-tfal jikbru, aktar issir limitata l-attività fiżika u d aqstant ieħor isir limitat il-ħin liberu, u l-attivitajiet li jidħlu għalihom itendu biex ma jkollhomx eżerċizzju li jista' jegħjihom.

17. Jidher li fost iż-żgħażagħ l-aktar ħarġa favorita hija ċ-ċinema, ħaġa li ssaħħaħ l-attrazzjoni ta' attività passiva quddiem skrin.

18. Miż-żewġ gruppi, aktar subien milli bniet jgħidu li jipprattikaw xi sport. Is-subien donnhom jiddominaw l-attivitajiet sportivi; eżempju wieħed hu l-futbol.

19. Xi 50% tal-grupp jgħidu li huma jipprattikaw xi forma ta' sport fil-ħin liberu tagħhom.

20. Filwaqt li l-'logħob' huwa attività popolari fost it-tfal u jingħata prijorità, l-aktar fi tmiem il-ġimgħa, jidher li aktar ma t-tfal jikbru dan jeħdulu postu l-istudju, il- homework u l-qari.

21. Issemma spiss li tul tmiem il-ġimgħa, f'ħinijiet differenti, it-tfal iżuru lil nanniethom, jgħaddu xi ħin magħhom u/jew joħorġu jieklu magħhom f'nofsinhar; l-aktar li ssemmew kienu n-nanniet nisa. Saru wkoll referenzi għal qraba oħra, bħal zijiet irġiel u nisa, u kuġini.

22. Il-waranofsinharijiet nhar ta' Ħadd huma ħin tipiku għal ħarġiet tal-familja fil-kampanja fix-xitwa u għal xatt il-baħar fis-sajf. Min-naħa l-oħra, jidher li l-ikel f'ristoranti hu attività favorita tal-familja nhar ta' Sibt fil-għaxija.



Żgħażagħ waqt il-konsultazzjoni ta' Marzu 2006

**Konklużjonijiet ġenerali**

23. Hemm qbil ġenerali li fost il-fatturi ewlenin li jżommu lit-tfal u liż-żgħażagħ milli jattendu għal attivitajiet wara l-ħin ta' l-iskola hemm il-pressjonijiet li ġġib magħha sistema orjentata lejn l-eżamijiet, il-*homework* u l-privatijiet.

24. Impenn qawwi u mmaniġġjar tajjeb tal-ħin huma essenzjali. Fil-każ l-aktar ta' tfal żgħar, ħafna jistrieħu jew saħansitra jiddependu għalkollox fuq il-ġenituri biex jeħduhom għal attivitajiet wara l-ħin ta' l-iskola u biex jiġbruhom lura. Jekk il-ġenituri ma jkunux jistgħu jew ma jkunux iridu jsuqu jew jakkumpanjaw lil uliedhom, il-parteċipazzjoni f'attivitajiet tibqa' għan li ma jistax jintlaħaq. Fil-każ ta' tfal u żgħażagħ li jikbru ma' ġenituri li jaħdmu t-tnejn li huma, il-problema li dawn jieħdu lit-tfal għal appuntamenti wara l-ħin ta' l-iskola li jibdew f'xi ħin bejn it-3 u l-5 ta' waranofsinhar hija ħaġa tqila biex wieħed ilaħħaq magħha. Fil-każ ta' tfal u żgħażagħ li jikbru ma' ġenitur wieħed, dawn id-diffikultajiet jistgħu saħansitra jkunu akbar.

25. Konsiderazzjonijiet finanzjarji ma kinux problema li tqajmet direttament minn dawk li ħadu sehem fl-istħarriġ. Iżda wħud minn dawk li wieġbu semmewha b'mod espliċitu. F'każijiet oħra t-tweġibiet mogħtija ssuġġerew li hemm piżijiet u implikazzjonijiet finanzjarji għal min juża s-servizz. Mil-lat tal-fornituri ta' servizzi, jeħtieġu fondi



Żgħażagħ bejn attivita u oħra waqt il-kors Rights4U

biex ikun hemm manutenzjoni tal-bini u tat-tagħmir, għax-xiri ta' apparat ġdid u għall-ħlas ta' impjegati. Mil-lat ta' l-utenti, minbarra l-miżati, hemm spejjeż oħra meħtieġa biex ikopru kostumi, uniformijiet u lbies speċifiku (lbies għall-isports; żraben u lbies taż-żfin); għodod, tagħmir, aċċessorji u oġġetti li jiġu kkunsmati (ngħidu aħna, strumenti mużikali, partituri tal-mużika, manuskritti, karti ta' eżamijiet imgħoddija tat-teorija; materjal għal attivitajiet ta' arti u artiġjanat; spejjeż ta' trasport għall-kiri ta' kowċis u vannijiet eċċ.); ħlasijiet għal eżamijiet. Barra minn hekk, xi organizzazzjonijiet li jistgħu ma jitolbux miżati u li jistgħu jkunu ssussidjati (ngħidu aħna, ħafna gruppi u organizzazzjonijiet reliġjużi), perjodikament jagħmlu attivitajiet għall-ġbir ta' fondi. Minn żmien għal żmien dawn jorganizzaw ukoll ħarġiet u avvenimenti kulturali li jinkorru xi spejjeż finanzjarji. Għalhekk, għalkemm dawn il-ħwejjeġ ma jiffukawx direttament fuq l-istudju, meta jittieħdu b'mod kollettiv dawn il-problemi iqajmu tħassib dwar jekk attivitajiet għall-ħin tal-mistrieħ jeżistux tassew u humiex fil-fatt aċċessibbli għal kulħadd.

26. Bl-eċċezzjoni tad-drama, il-klabbs tal-futbol u l-iskejjel tal-mużika u ż-żfin ukoll għandhom element ta' kompetizzjoni u eżami. Diversi membri ta' l-assoċjazzjoni tal-futbol urew fil-beraħ il-pressjonijiet tal-kompetizzjoni fil-futbol. Għalkemm ħafna tfal u żgħażagħ li pparteċipaw f'dan l-istħarriġ irrappurtaw li huma jdoqqu strumenti mużikali għar-rilassament u l-gost, hu minnu wkoll li ħafna oħrajn joqogħdu għal eżamijiet tal-mużika. Kapijiet ta' l-iskejjel taż-żfin u tal-mużika rrappurtaw li ħafna mit-tfal u studenti tagħhom isegwu l-eżamijiet. L-implikazzjoni hija waħda ċara: tfal li qed joqogħdu għall-eżamijiet iridu jagħmlu ċertu sforz biex jirnexxu, u dan jitlob ħin biex jipprattikaw u impenn.

27. Il-fatt li hawn tant skejjel, opportunitajiet, klabbs u organizzazzjonijiet minn fejn wieħed jista' jagħżel fi gżira daqstant żgħira u b'udjenza limitata minn fejn tiġbor l-istudenti, iqajjem il-kwistjoni tas-sostenibilità.

**PARTI B**

## Stħarriġ fuq *playing fields* u l-provvista ta' faċilitajiet ta' mistrieħ alternattivi

**Sonia Camilleri u Daniela DeBono**

### Introduzzjoni

L-Uffiċċju tal-Kummissarju għat-Tfal, tul is-sena 2006, investiga ħafna aspetti ta' l-implimentazzjoni ta' l-Artikolu 31 tal-Konvenzjoni tan-NU fuq id-Drittijiet tat-Tfal, id-Dritt għal-Logħob.

It-tfal u ż-żgħażagħ, definiti hawnhekk bħala dawk li għandhom taħt it-18-il sena, jagħmlu xi 25% tal-popolazzjoni Maltija.

Dan il-kwestjonarju għandu jitqies bħala parti mill-proġett usa' ta' sena li daħlet għalih il-Kummissarju u li qies ukoll kwistjonijiet kulturali u artistiċi. L-informazzjoni kienet qed tinġabar mingħand Kunsilli Lokali, iżda nħass importanti li tinġabar informazzjoni fuq faċilitajiet kemm pubbliċi u kemm privati, inklużi zoni ta' logħob liberi, u aċċessibilità ta' faċilitajiet ta' mistrieħ alternattivi, fosthom artistiċi, tad-drama u sportivi.

### Raġuni Ġenerali

L-iskop ta' dan l-istħarriġ kien li tkun esplorata l-implimentazzjoni ta' l-Artikolu 31 fil-livell ta' governanza lokali.

### Il-Kwestjonarju

L-istess kwestjonarju ntbagħat lill-Kunsilli Lokali kollha (ara Anness 1). Il-mistoqsijiet li saru jistgħu, b'mod ġenerali, jitqassmu fi tlieta:

a. L-ewwel ftit mistoqsijiet huma ta' natura introduttorja u jitolbu informazzjoni ġenerali fuq l-eżistenza ta' *playing fields*, in-numru ta' *playing fields* u l-ispazju totali li dawn ikopru, u n-numru ta' tfal fil-lokalità tagħhom.
b. Informazzjoni speċifika fuq il-*playing fields* fil-lokalità tagħhom, inklużi mistoqsijiet fuq l-apparat fil-post, saħħa u sigurtà, manutenzjoni u ħinijiet tal-ftuħ.
c. L-aħħar taqsima titlob informazzjoni fuq faċilitajiet alternattivi ta' mistrieħ u rikreazzjoni aċċessibbli fil-lokalità tagħhom. L-iskop ta' din it-taqsima kien li tittieħed idea ta' l-aċċessibilità ta' faċilitajiet ta' mistrieħ alternattivi, u għalhekk il-kwestjonarju staqsa fuq l-aċċessibilità ta' 20 xorta differenti ta' mistrieħ alternattiv. Ma saret ebda distinzjoni bejn faċilitajiet ta' mistrieħ pubbliċi u privati.

In-numru ta' kwestjonarji li ntbagħtu kien 68, u t-total ta' kwestjonarji li daħlu lura kien 39, perċentwali ta' 67 %.

In-numru totali ta' kwestjonarji mweġbin li daħlu mingħand kunsilli lokali f'Malta kien 27 minn 54 (40%); filwaqt li n-numru totali ta' kwestjonarji mweġbin li daħlu mingħand kunsilli lokali f'Għawdex kien 10 minn 14 (71%).

### TAQSIMA 1: Playing Fields

Ara tabella numru 1

### Kummenti

1. **Aċċessibilità**
   Kien sodisfaċenti li wieħed jinnota li 77% tal-P.Fs huma aċċessibbli għal min juża siġġu bir-roti. Iżda dan għandu japplika għal kulħadd b'liġi.

2. **Sigurtà u Manutenzjoni**
   Fil-każ ta' sigurtà u manutenzjoni ta' tagħmir, 33% biss mill-kunsilli lokali qalu li kellhom ċertifikat ta' sigurtà filwaqt li 46% qalu li ma kellhomx. Hu wkoll ta' tħassib li 33% biss mill-kunsilli lokali qalu li t-tagħmir kien konformi mar-regolamenti ta' l-UE, 28% li ma kienx konformi, u 39% li ma jafux.

3. **Assigurazzjoni ta' Terzi Persuni u Sorveljanza**
   Fuq il-kwistjoni ta' Assigurazzjoni ta' Terzi Persuni, wieħed għandu jinnota li filwaqt li 49% huma koperti minn assigurazzjoni ta' din ix-xorta, 36% m'humiex u 15% oħra ma jafux jew ma weġbux. Fir-rigward tas-sorveljanza, 38% huma sorveljati mill-pulizija filwaqt li 54% m'humiex sorveljati. Xi kunsilli lokali osservaw li jixtiequ li jkun hemm aktar sorveljanza.

4. **Bars li jservu xorb alkoħoliku**
   Ma nistgħux inħallu għaddejja ċ-ċifra allarmanti ħafna ta' 18% tal-*playings fields* li għandhom fihom bars li jservu xorb alkoħoliku. Dan jipprova kif il-kultura tax-xorb hija preżenti f'ambjenti tat-tfal saħansitra meta huma ta' età żgħira ħafna, xi ħaġa li ċertament għandha tkun skoraġġita.

5. **Klabbs tal-Boċċi**
   Fuq nota ġenerali, il-kwistjoni tal-Klabbs tal-Boċċi iddaħħlet għaliex kienu waslu lmenti lill-uffiċċju fuq lingwaġġ mhux xieraq li plejers adulti kienu qed jużaw u li kien qed ikun ripetut mit-tfal. Idealment, il-P.F. u l-grawnd tal-Boċċi m'għandhomx ikunu ħdejn xulxin..

6. **Spazju Aċċessibbli għal-Logħob**
   Il-mistoqsijiet ewlenin (numri 1 u 2) kienu fuq jekk kienx hemm *playing fields*. Kien tajjeb li wieħed seta' jinnota li hemm minnhom f'95% mill-lokalitajiet. Aħna napprezzaw ir-reazzjoni li ngħatatilna, u studju futur jista' jkompli r-riċerka billi jinkludi fatturi oħrajn, bħall-ispazju aċċessibbli għal kull tifel jew tifla biex jilgħab fiz-zona, u l-allokazzjoni ta' fondi tal-Kunsilli Lokali għal kull tifel jew tifla biex ikun implimentat l-Artikolu 31.

### 7. Manutenzjoni

Kien tajjeb ukoll li wieħed seta' jinnota li 82% tal-Kunsilli Lokali qalu li kellhom programmi ta' manutenzjoni. Iżda l-Kunsilli Lokali kollha għandu jkollhom dan biex jipproteġu bis-sħiħ lit-tfal minn inċidenti li jsiru fil-P.Fs.

**Tabella 1: Playing Fields**

| Playing Fields (P.F.) | Numru | | | Persentaġġ | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | Iva | Le | Risposti Oħra | Iva | Le | Risposti Oħra |
| 1. Hemm P.F. għat-tfal fil-lokalità tagħkom? | 37 | 2 | 0 | 95% | 5% | |
| 2. Hemm aktar minn P.F. waħda fil-lokalità tagħkom? | 22 | 16 | 1 | 56% | 41% | 3% |
| 3. Kemm hemm tfal taħt it-18-il sena fil-lokalità tagħkom? | | | | | | |
| - taw tweġiba | | | 22 | | | 56% |
| - ma taw l-ebda tweġiba | | | 17 | | | 44% |
| 4. Kemm ikopru metri kwadri l-P.Fs fil-lokalità tagħkom? | | | | | | |
| - taw tweġiba | | | 21 | | | 54% |
| - ma taw l-ebda tweġiba jew dik li taw ma kinetx tapplika | | | 18 | | | 46% |
| 5. L-Apparat tal-P.F. | | | | | | |
| a. Il-Kunsill għandu inventarju ta' l-apparat tal-P.F.? | 24 | 10 | 5 | 62% | 26% | 12% |
| b. L-apparat tal-P.F. jgħodd sew għat-tfal ħgħar u sew għat-tfal kbar? | 29 | 8 | 2 | 74% | 21% | 5% |
| c. L-apparat huwa tal-fibreglass jew tal-ħadid iggalvanizzat? | | | | | | |
| - fibreglass | | 2 | | | | |
| - ħadid iggalvanizzat | | 16 | | | | |
| - mit-tnejn | | 15 | | | | |
| - risposti oħra | | 6 | | | | |
| d. Żdied l-apparat tal-P.F. mill-1993 'l hawn? | 28 | 7 | 4 | 72% | 18% | 10% |
| e. Tnaqqas l-apparat tal-P.F. mill-1993 'l hawn? | 30 | 5 | 4 | 77% | 13% | 10% |
| f. L-apparat għandu ċertifikat tas-sigurtà? | 13 | 18 | 8 | 33% | 46% | 21% |
| g. L-apparat huwa ta' livell ta' l-UE, skond EN 1176 u EN 1177? | 13 | 11 | 15 | 33% | 28% | 39% |
| h. Il-Kunsill għandu programm ta' manutenzjoni ta' l-apparat? | 32 | 2 | 5 | 82% | 5% | 13% |
| i. Meta l-aħħar li saret manutenzjoni ta' l-apparat? | *Ir-risposti jindikaw li manutenzjoni saret b'mod regolari u meta kien hemm il-bżonn* | | | | | |
| j. Isir vandalizmu fuq l-apparat? | 26 | 9 | 4 | 67% | 23% | 10% |
| 6. Kull meta jsir it-tindif tal-P.F.? | *It-tindif isir b'mod regolari bir-risposti jvarjaw bejn darba kuljum u darba f'ġimgħa* | | | | | |
| 7. F'liema ħin tal-ġurnata jsir it-tindif tal-P.F.? | *It-tindif is-soltu jsir filgħodu* | | | | | |
| 8 Il-P.F. tingħalaq billejl? | 7 | 29 | 3 | 18% | 74% | 8% |
| 9. Il-Kunsill għandu Assigurazzjoni ta' Terzi Persuni fuq il-P.F.? | 19 | 14 | 6 | 49% | 36% | 15% |
| 10. Issir sorveljanza tal-P.F. mill-Pulizija jew mill-Wardens f'xi ħin tal-ġurnata? | 15 | 21 | 3 | 38% | 54% | 8% |
| 11. Fil-P.F. hemm xi bar li jservi xorb alkoħoliku? | 7 | 28 | 4* | 18% | 72% | 10% |
| 12. Il-Klabb tal-Boċċi tal-lokal qiegħed maġenb il-P.F.? | 11 | 21 | 7 | 28% | 54% | 18% |
| 13. Il-P.F. hija aċċessibbli għal tfal bi problemi ta' mobilità? | 30 | 5 | 4 | 77% | 13% | 10% |

* F'"Risposti Oħra" hemm inkluż dawk li għandhom iżjed minn P.F. waħda u rrispondew kemm iva u le; u dawk li ma rrispondewx għaliex m'għandhomx P.F.

## C. TAQSIMA 2: Faċilitajiet Alternattivi għal Mistrieħ u Rikreazzjoni

It-tieni parti tal-kwestjonarju ffukat fuq jekk hemmx faċilitajiet għal mistrieħ alternattivi. Issemmew dsatax-il faċilità differenti, u l-aħħar waħda ma kinitx ċara - *'Oħrajn'*. Kif tfisser qabel, għall-finijiet ta' dan l-istħarriġ ma saret ebda distinzjoni bejn inizjattivi pubbliċi u privati. Mistoqsija ta' l-aħħar li tħalliet miftuħa saret fit-tmiem u staqsiet liema mill-faċilitajiet immarkati bħala aċċessibbli wieħed seta' jidħol fihom bla ma jħallas. L-iskop ta' din il-mistoqsija kien li jkollna indikazzjoni dwar x'funzjoni għandha l-aċċessibilità finanzjarja fl-użu ta' dawn is-servizzi. Ara tabella numru 2.

**Tabella 2: Faċilitajiet Alternattivi għal Mistrieħ u Rikreazzjoni**

| | Numru | | | Persentaġġ | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | Iva | Le | Risposti Oħra | Iva | Le | Risposti Oħra |
| **A.** Fil-lokalità tagħkom hemm: | | | | | | |
| 1.Passaġġi għar-roti? | 3 | 33 | 3 | 8% | 85% | 7% |
| 2. Grawnd tal-futbol? | 30 | 9 | 0 | 77% | 23% | 0% |
| 3. Mixtla tal-futbol? | 31 | 7 | 1 | 79% | 18% | 3% |
| 4. Park għall-iskezjar? | 1 | 37 | 1 | 3% | 95% | 2% |
| 5. Kort tat-tenis? | 8 | 30 | 1 | 21% | 77% | 2% |
| 6. Pixxina tal-waterpolo? | 5 | 33 | 1 | 13% | 85% | 2% |
| 7. Kort tal-baskitbol? | 10 | 28 | 1 | 26% | 72% | 2% |
| 8. Kort tal-volibol? | 9 | 29 | 1 | 23% | 74% | 3% |
| 9. Kort ta' l-Iskwoxx? | 2 | 36 | 1 | 5% | 92% | 3% |
| 10. Ġimm? | 12 | 26 | 1 | 31% | 67% | 2% |
| 11. Klabbs tal-karaté, Ġudo, Ġuġitsu? | 8 | 30 | 1 | 21% | 77% | 2% |
| 12. Skejjel tal-balè, jazz jew żfin ieħor? | 16 | 21 | 2 | 41% | 54% | 5% |
| 13. Skejjel tal-Palk? | 14 | 23 | 2 | 36% | 59% | 5% |
| 14. Skejjel ta' l-Arti? | 8 | 28 | 3 | 21% | 72% | 7% |
| 15. Skejjel jew baned tal-mużika għat-tfal? | 28 | 10 | 1 | 72% | 26% | 2% |
| 16. Pixxina ta' l-għawm għall-pubbliku? | 0 | 24 | 15 | 0% | 62% | 38% |
| 17. Sit għall-kampeġġ? | 4 | 34 | 1 | 10% | 87% | 2% |
| 18. Klabb ta' l-ibburdjar? | 3 | 34 | 2 | 8% | 87% | 5% |
| 19. Zona għal Roti BMX? | 3 | 35 | 1 | 8% | 90% | 2% |
| 20. Oħrajn? | 5 | 23 | 11 | 13% | 59% | 28% |

**B. Liema huma l-faċilitajiet rikreattivi illi t-tfal jistgħu jużaw mingħajr ħlas?**

*Ħafna kunsilli lokali semmew playing fields u attivitajiet soċjali, edukattivi u kulturali organizzati għat-tfal mill-kunsill lokali bħala l-faċilitajiet li t-tfal setgħu jużaw bla ma jħallsu (jew bi ħlas nominali). Ħafna kunsilli lokali semmew klabbs tal-banda fil-lokalità tagħhom li joffru servizzi bla ħlas. Xi Kunsilli Lokali semmew ukoll faċilitajiet ta' sport oħrajn li huma offruti bla ħlas fil-lokalità bħal ġimm, grawnd tal-futbol, kort tal-volibol, kort tal-baskitbol u oħrajn.*

### Kummenti

1. Ħafna Kunsilli Lokali qalu li jħossu li m'hemmx spazju biżżejjed fejn jilagħbu t-tfal.

2. In-nuqqas ta' spazju adegwat għal-logħob ġeneralment jinħass meta fil-lokalitajiet ikun hemm *Housing Estates* li jtendu li jkun hemm fihom familji ta' età żgħira u tfal f'zona ristretta.

3. Kunsilli Lokali partikolari ppropona li l-awtoritjiet joffru "parir espert" fuq kif l-aħjar jingħata servizz lit-tfal.

4. Grawnds u mixtliet tal-futbol huma l-faċilitajiet sportivi aċċessibbli l-aktar komuni. Iżda kien tajjeb li wieħed jinnota li fil-gżira qed jinbtu wkoll faċilitajiet ġodda għal sports bħal ibburdjar, ċikliżmu, kampeġġ, baskitbol u volibol.

5. Jidher li ċentri kulturali u skejjel tal-karatè, żfin, drama u arti jinsabu f'xi ftit lokalitajiet mhux ħażin.

6. Kwistjoni oħra li ma tistax titħalla għaddejja hi li lokalità waħda biss għandha park għall-iskejzjar. Dan hu diżappuntanti billi l-fatt li tfal u żgħażagħ infushom f'dawn l-aħħar snin organizzaw irwieħhom fil-Malta Skaters United u qed jagħmlu kampanja biex ikun hawn park għall-iskejzjar addattat li jkun jista' jintuża minn tfal żgħar u kbar.

Tabella Numru 3 turi n-numru ta' faċilitajiet ta' mistrieħ alternattivi li hemm f'kull belt u raħal.

**Kummenti**
Dan ifisser li hemm medja ta' 5 faċilitajiet ta' mistrieħ alternattivi f'kull lokalità.

Din it-tabella ma tagħtix informazzjoni fuq il-kwistjoni ta' l-aċċessibilità finanzjarja. Ikun interessanti li wieħed jesplora aktar liema faċilitajiet huma bla ħlas jew jitolbu ħlas b'rata nominali, u, jekk m'humiex b'xejn, l-ammont ta' ħlas li jitolbu. It-tweġibiet li daħlu mingħand il-Kunsilli Lokali stess juru li l-Kunsilli Lokali nfushom huma konxji ħafna minn dan.

It-tabella m'għandhiex tintuża biex wieħed iqabbel il-Kunsilli Lokali bejniethom, għaliex dan ma jkunx ġust. Kif inhi, it-tabella turi n-numru ta' faċilitajiet ta' mistrieħ alternattivi f'kull belt u raħal, iżda għal finijiet ta' tqabbil wieħed irid iqis fatturi oħrajn bħall-popolazzjoni tal-Kunsill Lokali, iż-zona koperta, jekk humiex inkoraġġiti u użati faċilitajiet minn bliet u rħula ġirien, u ħwejjeġ simili.

**Rakkomandazzjonijiet Ġenerali**

a. Monitoraġġ fuq bażi regolari ta' l-implimentazzjoni ta' l-Artikolu 31 u tal-konformità miegħu għandu jsir biex ikun żgurat li l-Istat qed jaqdi l-obbligi tiegħu lejn it-tfal.

b. Biex jinkisbu riżultati aħjar, u biex jintlaħqu r-rekwiżiti ta' l-Artikolu 31, ir-relazzjonijiet bejn il-Kunsilli Lokali u l-Malta Playing Fields Association għandhom jiddaħħlu fl-Att dwar il-Kunsilli Lokali, u għandu jkun hemm lista ċara tar-responsabbiltajiet ta' kull parti.

c. Għandu jkun esplorat ukoll arranġament simili mal-Kunsill Malti għall-Arti biex tkun żgurata l-implimentazzjoni sħiħa tad-Dritt għal-Logħob.

d. Dawk li jagħmlu l-politika għandu jipprovdu s-servizzi ta' esperti biex jingħataw servizzi aħjar lit-tfal.

e. Kien diżappuntanti li wieħed jinnota li hemm nuqqas ġenerali ta' mogħdijiet għar-roti. F'pajjiż li fih bdejna ninkoraġġixxu lit-tfal jimxu għall-iskola jew imorru bir-rota, l-infrastruttura meħtieġa għandha ssegwi.

f. Filwaqt li hu ta' min ifaħħar li hawn daqstant faċilitajiet għall-futbol, għandu jsir sforz akbar biex ikunu pprovduti faċilitajiet għal tfal li jippreferu sports differenti.

**Tabella 3: Numru ta' faċilitajiet ta' mistrieħ alternattivi li hemm f'kull belt u raħal**

| Lokalità | Faċilitajiet ta' mistrieħ alternattivi |
|---|---|
| Pembroke | 11 |
| Sliema | 11 |
| Birkirkara | 10 |
| Floriana | 10 |
| Mellieħa | 10 |
| Naxxar | 10 |
| Birżebbuġa | 9 |
| Ħamrun | 8 |
| Attard | 7 |
| Mġarr | 7 |
| Nadur | 7 |
| Żurrieq | 7 |
| Balzan | 6 |
| Qala | 6 |
| Għarb | 5 |
| Munxar | 5 |
| San Lawrenz | 5 |
| Anonimu 1 | 5 |
| Għajnsielem | 4 |
| Għargħur | 4 |
| Luqa | 4 |
| Mqabba | 4 |
| Pietà | 4 |
| Qormi | 4 |
| Sannat | 4 |
| Żabbar | 4 |
| Birgu | 3 |
| Gudja | 3 |
| Marsascala | 3 |
| Mosta | 3 |
| Msida | 3 |
| Sta Venera | 3 |
| Tarxien | 3 |
| Xagħra | 3 |
| Anonimu 2 | 3 |
| Kirkop | 2 |
| Għasri | 1 |
| Ta' Xbiex | 1 |
| Fontana | 0 |
| **Medja** | **5** |

**PARTI Ċ**

## Preżentazzjonijiet minn Parteċipanti Żgħażagħ lil Sindki

Fl-ewwel tmiem il-ġimgħa ta' Lulju, 70 żagħżugħ u żagħżugħa minn Malta u Għawdex kollha ltaqgħu għal *Rights4U*, Kors fuq id-Drittijiet tat-Tfal li kien mifrux fuq tmiem ġimgħa u li wkoll kellu bħala s-suġġett prinċipali tiegħu "Id-Dritt għal-Logħob". Bħala parti mill-attivitajiet ta' dan it-tmiem il-ġimgħa, iż-żgħażagħ tqassmu f'7 gruppi u żaru bliet u rħula differenti f'Malta biex jiddokumentaw l-aċċessibilità ta' spazju u faċilitajiet maħsubin biex joffru lit-tfal aċċess għal-logħob, sports u kultura. Is-seba' gruppi mbagħad ġabru dak li sabu fi preżentazzjoni *power-point* li ppreżentaw lill-grupp kollu fil-preżenza tal-Kummissarju u ta' membri tal-*Media*.

Tul is-sajf is-Sinjura Camilleri ltaqgħet ma' ħafna żgħażagħ u flimkien żaru s-Sindki tas- seba' lokalitajiet li kienu qed jistudjaw. Iż-żgħażagħ li ħadu sehem f'dawn iż-żjajjar kienu: Lynette Camilleri, Gail Galea, Kurt Mizzi, Marie Claire Vella, Gerald Sant, James Spiteri, Maria Muscat Azzopardi u Tamara Micallef.

Is-Sindki, Viċi Sindki u Segretarji Eżekuttivi tal-Ħamrun, ir-Rabat, Marsaskala, iż-Żurrieq, il-Mosta, Bormla u l-Imsida taw merħba mill-qalb lid-delegazzjonijiet u ddiskutew bil-ħerqa l-kwistjonijiet imqanqlin miż-żgħażagħ. Tqajmu diversi punti ta' interess u ta' tħassib. Tul il-laqgħat issemmew temi komuni. Iż-żgħażagħ saħqu fuq in-nuqqas ta' aċċessibilità ta' ħafna zoni għal-logħob u fuq klabbs għal tfal bi problemi ta' mobilità. Huma tkellmu wkoll fuq in-nuqqas ta' ndafa li sabu f'ħafna parks pubbiċi, in-nuqqas ta' spazji miftuħa f'ħafna zoni mibnijin, in-nuqqas ta' mogħdijiet għar-roti u parks għal skejzjar fi kważi kull belt li żaru, is-servizz limitat ħafna ta' kompjuters għall-użu tat-tfal fil-binjiet tal-Kunsilli Lokali, u l-ħtieġa ta' varjetà akbar ta' attivitajiet sportivi u kulturali li jridu jkun offruti lit-tfal fl-ambjent lokali tagħhom. Huma ssuġġerew ukoll l-użu ta' kameras tas-sigurtà fil-*playing fields* biex ikun hemm kontroll aħjar ta' dak li jkun għaddej fihom. L-uffiċjali ħadu gost bis-suġġerimenti u taw il-fehmiet tagħhom fuq il-kwistjonijiet. Kumment komuni ħafna kien li huma jkunu kuntenti kieku kellu jkun hemm sorveljanza aħjar mill-pulizija, l-aktar madwar *playing fields* u f'bars fejn il-kbar jieħdu lit-tfal magħhom. Ilment rikorrenti kien fuq il-vandaliżmu u li dan lanqas biss kien ikkontrollat minn kameras tas-sigurtà, li jiffukaw biss fuq ċerti zoni u xi drabi saħansitra jitkissru. Preżenza akbar tal-pulizija hija meħtieġa definittivament biex spazji fejn jilagħbu t-tfal isiru aktar sikuri



Iż-żgħażagħ u l-Kummissarju jippreżentaw lis-Sindku tal-Kunsill Lokali r-riċerka li huma għamlu fil-lokalità

għalihom. L-indafa spiss tiddependi mill-kondizzjonijiet miftehmin mal-kuntratturi u ħafna, ngħidu aħna, lanqas biss ibattlu l-laned u jnaddfu l-*playing fields* tul tmiem il-ġimgħa kollu. Ħtija ta' dan, saħansitra siringi xi drabi jitħallew jiġru mad-dwar billejl u jafu ma jinġabrux qabel jumejn.

Kwistjoni komuni ħafna kienet dik ta' faċilitajiet rikreattivi fi skejjel u kumplessi sportivi li ma jistgħux jintużaw minn Kunsilli Lokali. Każ tipiku hu dak tal-Ħamrun fejn 7 skejjel jieħdu kważi terz ta' l-ispazju tal-belt u ż-żewġ terzi li jibqa' huma zoni b'densità qawwija ta' bini. Ħafna faċilitajiet jingħalqu wara l-iskola u fi tmiem il-ġimgħa, filwaqt li ħafna nies ikunu jistgħu jgawdu minnhom kieku kellhom isiru l-arranġamenti meħtieġa.

Marbutin ma' dan hemm żewġ kwistjonijiet oħra: waħda hija n-nuqqas ta' spazji miftuħin f'ħafna zoni mibnija, u l-oħra hija d-dewmien li l-Kunsilli Lokali qed ikollhom mill-MEPA u Awtoritajiet oħrajn biex ikunu jistgħu jiftħu Ċentri Rikreattivi li ilhom li ġew ippjanati snin twal.

Iż-żgħażagħ enfasizzaw il-każ tal-*playing field* tal-Birgu, li tingħalaq billejl, bħala zona li jidher li toffri sigurtà, indafa u nuqqas ta' vandaliżmu. Din tista' possibilment tkun it-tweġiba għal uħud mill-problemi komuni rikorrenti.

Iż-żjajjar kollha lill-Kunsilli Lokali kienu sodisfaċenti għal dawk kollha involuti. Iż- żgħażagħ kienu kuntenti li setgħu jqanqlu l-problemi li jeħtieġu konsiderazzjoni u, minbarra każ wieħed meta ħassew li s-sindku kien maqtugħ mir-realtà taż-żgħażagħ fil-belt tiegħu, kienu kuntenti li sabu li xi passi konkreti diġà kienu qed jittieħdu biex it-tħassib li huma wrew ikun rimedjat.



Grupp ta' żgħażagħ waqt il-kors Rights4U

# Reazzjonijiet mingħand Ministeri, Stħarriġ ta' l-Iżviluppi Maġġuri li laqtu lit-Tfal tul is-sena 2006

Biex isib dwar l-iżviluppi maġġuri li laqtu lit-tfal tul din is-sena, l-Uffiċċju, fi tmiem Awissu, bagħat ittri lill-Uffiċċju tal-Prim Ministru u lill-Ministeri l-oħra kollha.

L-OPM u 5 Ministeri bagħtu jgħidu li rċevew l-ittra tagħna, filwaqt li l-OPM u 9 Ministeri tawna r-reazzjoni tagħhom. Dawn kienu: Il-Ministeru għall-Kompetittività u Komunikazzjoni, il-Ministeru għall-Edukazzjoni, Żgħażagħ u Impjiegi, il-Ministeru għall-Familja u s-Solidarjetà Soċjali, il-Ministeru għall-Investiment, Industrija u Teknoloġija ta' l-Informazzjoni, il-Ministeru għar-Riżorsi u l-Infrastruttura, il-Ministeru għall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent, u s-Segretarjat Parlamentari fil-Ministeru għall-Ġustizzja u l-Intern. Ir-reazzjonijiet tagħhom qed jiddaħħlu f'dan ir-rapport.

## 1. Uffiċċju tal-Prim Ministru

Tul is-sena 2006 l-Uffiċċju tal-Prim Ministru u l-Ministeru tal-Finanzi kellhom funzjoni importanti ħafna biex inbeda servizz li jfittex li jiżgura li tfal li jiddaħħlu fil-Young Persons Unit fl-Isptar Monte Carmeli jkunu integrati fil-komunità jew permezz ta' *fostering* jew billi jiddaħħlu f'dar speċjalizzata. Minbarra l-aspett finanzjarju ta' dan il-proġett, ġiet ikkommissjonajt il-Ministru tal-Familja u s-Solidarjetà Soċjali biex tikkoordina grupp ta' ħidma inter-ministerjali biex jagħmel analiżi bl-iskop li jidentifika u jimplimenta proposti fir-rapport ippreżentat waqt il-konferenza fuq tfal bi mġiba diffiċli ħafna organizzata mill-Uffiċċju tal-Kummissarju f'April li għadda. Din diġà bdiet tittieħed azzjoni fuq proposta numru 2 tar-rapport imsemmi biex jitwaqqaf forum bejn diversi aġenziji.

Kienu allokati 85,000 Lira Maltin għall-Programm Innoċenti, li qiegħed f'fażi ta' reklutament. Inti tapprezza wkoll li l-Uffiċċju tal-Prim Ministru kien ukoll responsabbli għall-verifika tal-High Support Unit u tal-Young People's Unit u kien ukoll involut fit-tħaffif tal-proċess li wassal għat-tnedija tal-Programm Innoċenti.

## 2. Uffiċċju tad-Direttur, Relazzjonijiet ma' l-Impjegati (OPM)

L-aħħar Ftehim Kollettiv għall-Impjegati tas-Servizz Pubbliku, dak għas-snin 2005-2010, jintroduċi ħafna miżuri maħsubin biex jippromwovu u jtejbu politiki diġà eżistenti favur il-familja, u għandu jagħmilha possibbli għall-impjegati biex jgħaqqdu aħjar ir-responsabbiltajiet tax-xogħol u dawk familjari tagħhom. Dawn il-miżuri japplikaw għal familji bi tfal kemm naturali u kemm adottati. Kopja ta' l-aħħar Ftehim Kollettiv għall-Impjegati tas-Servizz Pubbliku qed tkun inkluża ma' din l-ittra. It-taqsimiet rilevanti huma dawn li ġejjin:

**Taqsima 7.3**

a. Introduzzjoni ta' parametri aktar flessibbli fl-utilizzazzjoni ta' frank tal-ġenituri mhux imħallas u sigħat imnaqqsa. Ġenituri jistgħu jużaw 3, 4 jew 9 xhur flok sena waħda biex jieħdu ħsieb kull wild taħt l-età ta' sitt snin flok ta' ħames snin kif kien qabel. Dan il-frank jista' jitqassam bejn iż-żewġ ġenituri.

b. B'żieda ma' sena għal kull wild, uffiċjali pubbliċi jingħataw waqfa twila waħda darba biss biex jieħdu ħsieb it-tfal. Din il-waqfa ta' darba biss żdiedet mill-massimu ta' tliet snin kif kienet qabel għal ħames snin biex il-ġenituri jkunu jistgħu jieħdu ħsieb tfal taħt is-sitt snin flok taħt il-ħames snin kif kien qabel. Dan il-frank jista' jitqassam bejn iż-żewġ ġenituri.

c. Xogħol bi skeda ta' ħin ridotta jingħata biex jittieħed ħsieb tfal taħt l-età ta' tnax-il sena. Qabel l-aħħar Ftehim Kollettiv, il-limitu ta' l-età kien tmien snin.

Il-flessibilità akbar fil-miżuri a., b., and c. tintroduċi approċċ aktar personalizzat li jtejjeb iċ-ċans tal-ġenituri li jagħżlu taħlita ta' responsabbiltajiet ta' xogħol/familja skond ir-riżorsi tagħhom, id-domanda għal kura tat-tfal u l-pjanijiet tal-karriera. Il-perjodi itwal ta' frank tal-ġenituri u ta' xogħol b'sigħat imnaqqsa għandhom ikabbru ċ-ċans tal-ġenituri li jkunu involuti fl-iżvilupp ta' wliedhom.

**Taqsima 8**

a. Kontinwazzjoni ta' l-implimentazzjoni tal-miżuri ta' flessibilità eżistenti u t-tiftix għal arranġamenti oħra għal flessibilità li tagħti valur għal flusha bħalma huma l-*flexitime*, qsim ta' impjieg bejn aktar minn persuna waħda u *teleworking*. Dawn il-miżuri għandhom jagħtu ċans lil ġenituri li jsibuha aktar diffiċli li jaħdmu bi skeda ta' ħinijiet tradizzjonali u jżommu l-prattiki ta' xogħol tradizzjonali biex ikollhom taħlita ta' responsabbiltajiet ta' xogħol/familja.

Diġà nbdew proġetti pilota, u ħafna dipartimenti adottaw skeda ta' ħinijiet flessibbli li jkunu evalwati aktar tard din is-sena.

## 3. Ministeru għall-Kompetittività u Komunikazzjoni (MCMP)

Il-MCMP organizza ħafna affarijiet bl-iskop li tinforma u teduka lit-tfal fuq id-drittijiet tagħhom bħala konsumaturi, billi dawn ukoll jiffurmaw parti mis-Suq Intern.

a. Uffiċjali ta' l-MCMP jagħtu taħditiet fl-iskejjel kollha li jistednuna bħala parti mill-kurrikulu tagħhom;
b. Kull xahar l-MCMP nikkontribwixxu billi niktbu artikli f'ġurnali tat-tfal, e.g. Tagħna t-Tfal, Sagħtar, eċċ. li jinkludu kompetizzjonijiet fuq l-istess suġġett.
c. Uffiċjali ta' l-MCMP jorganizzaw okkażjoni annwali bl-isem "Jum id-Drittijiet tal-Konsumatur" (nhar il-15 ta' Marzu), li hi diretta b'mod speċjali għat-tfal, primarjament għal dawk li jkunu rebħu premjijiet fil-kompetizzjonijiet f'magazins li jittrattaw suġġetti fuq drittijiet tal-konsumatur. F'din l-okkażjoni l-MCMP jkollna udjenza regolari ta' xi 400 bejn tfal u ġenituri. L-MCMP nagħtu rigal, ġeneralment kotba, lil kull tifel u tifla li jkun hemm.

## 4. Ministeru għall-Edukazzjoni, Żgħażagħ u Impjiegi

**1. Biex it-Tfal Kollha Jirnexxu**

Il-proposti mressqin fid-dokument ta' diskussjoni "Biex it-Tfal Kollha Jirnexxu" (2005) kien qed jiġi diskuss ma' dawk kollha involuti f'livelli differenti tul is-sena 2006.

Is-sistema ta' Kulleġġ qed iġġib flimkien għadd ta' skejjel primarji li minnhom tfal jgħaddu għal skola sekondarja kif jidher tajjeb fl-eżempju ta' tal-Gozo College – Kulleġġ li jgawdi pożizzjoni ideali. Dan qed jipprovdi forum biex ideat, esperjenzi u għerf jinġabru flimkien u jinqasmu bejn Kapijiet ta' Skejjel u għalliema, filwaqt li joffri opportunitajiet biex ikun hemm qsim ta' servizzi u faċilitajiet.

Iżda l-fokus prinċipali għandu jibqa' l-provvista ta' edukazzjoni ta' kwalità ogħla, ekwità u riżultati għal kull student. Filwaqt li s-sistema Kulleġġ tħaffef it-transizzjoni ta' studenti minn livell ta' edukazzjoni għal ieħor, minn kindergarten sa sekondarja, hi tnaqqas ukoll id-distinzjoni eżistenti bejn il-provvista ta' tip ta' edukazzjoni f'livell ta' *junior lyceum* u skola sekondarja, u tiffaċilità l-inklużjoni soċjali u l-koeżjoni billi studenti b'ħiliet u sfond soċjali u edukattiv differenti jistudjaw u jilagħbu flimkien, jitgħallmu mill-istess għalliema u jaqsmu l-istess spazji u faċilitajiet.

Is-servizzi psiko-soċjali jissaħħu f'livell ta' Kulleġġ. Kull skola u Kulleġġ ikunu pprovduti skond il-ħtiġiet u l-karatteristiċi speċifiċi tagħhom. Hu ttamat li fil-futur qrib ikunu stabbiliti oqsma ta' tagħlim fl-iskejjel għal studenti li jeħtieġu attenzjoni u kura speċjali filwaqt li l-ħtiġiet ta' studenti li jippreżentaw sfidi akbar jittieħed ħsiebhom professjonalment f'ċentri ta' tagħlim separati għal perjodu definit. Pilotaġġ fuq skala żgħira ta' dawn il-kunċetti qed ikun segwit u kkontrollat.

**2. Emendi għall-Att dwar l-Edukazzjoni**

L-Att dwar l-Edukazzjoni kien emendat b'mod estensiv fl-2006 biex jinkorpora r-riformi miftiehma, inkluż it-twaqqif ta' żewġ Direttorati ta' l-Edukazzjoni – id-Direttorat għall-Kwalità u Standards fl-Edukazzjoni u d-Direttorat għal Servizzi Edukattivi. Dawn id- Direttorati komplimentari għadhom jiżguraw kwalità u standards, u wkoll il-provvista f'waqtha tas-servizzi addattati għall-iskejjel fl-aħjar interess ta' l-istudent.

Fl-istess ħin, l-emendi stabilixxew is-sistema ta' Kulleġġ fl-edukazzjoni bil-kostituzzjoni, strutturi, rwoli u funzjonijiet partikolari tagħha.

**3. Edukazzjoni Inklużiva u Speċjali**

Bħala parti mill-proċess fl-implimentazzjoni tar-rakkommandazzjoni tar-rapport *'Inclusive and Special Edukazzjoni Review'* (2005), 370 *Supply Kindergarten Assistants* li jaqdu dmirijiet ta' *facilitator* fi skejjel statali *mainstream* f'Malta ngħataw 10 ġimgħat (70 siegħa) taħriġ speċjali biex ikunu jistgħu jagħtu appoġġ aħjar lil tfal bi ħtiġiet speċjali 80 *Supply Kindergarten Assistants* oħra kienu qed jingħataw taħriġ simili f'Għawdex.

Tfal *deaf* li jużaw il-lingwa tas-sinjali bħala mezz ta' komunikazzjoni u jattendu l-iskejjel *mainstream* u l-MCAST qed ikunu megħjunin minn interpreti tal-lingwa tas-sinjali. L-ispiża għall-kiri ta' dan is-servizz mill-Assoċjazzjoni ta' Persuni Deaf qed joħroġha l-Ministeru għall-Edukazzjoni, Żgħażagħ u Impjiegi.

Fis-sena 2006 persuni li qed jitħarrġu bħala *Inclusion Coordinators* kienu qed jaħdmu fi skejjel *mainstream* biex jgħinu studenti b'diżabilitajiet, u lill-ġenituri u għalliema tagħhom, biex ikun żgurat li dawn l-istudenti jingħataw l-edukazzjoni li hi tagħhom bi dritt. Hu ppjanat li *Inclusion Coordinators* jinħatru fis-sena 2007.

Twaqqfet in-Netwerk ta' Edukazzjoni Speċjali u Inklużiva.

Tul is-sena 2006 l-Helen Keller Special School li qiegħda għal studenti b'difetti ta' viżta u smigħ, u wkoll għal studenti torox, kienet akkreditata bħala ECDL Test Centre. Id-Dipartiment tat-Teknoloġija fl-Edukazzjoni tad-Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni waqqaf taqsima ġdida - ICT Support Unit Special Needs – biex jagħti appoġġ fil-metodoloġija u l-implimentazzjoni ta' l-ICT fil-Kurrikulu għal studenti bi ħtiġiet speċjali.

Hu ppjanat li s-settur ta' l-edukazzjoni speċjali jkun riorganizzat biex jaqdi l-ħtiġiet speċifiċi ta' studenti fil-livelli primarji, sekondarji u post-sekondarji; dan l-aħħar livell jagħti wkoll edukazzjoni u taħriġ vokazzjonali skond kif ikun addattat.

**4. Edukazzjoni u Kura fit-Tfulija Bikrija**

Il-Ministeru għall-Edukazzjoni, Żgħażagħ u Impjiegi ppubblika dokument ta' politika ieħor, *'Early Childhood Education and Care'* (2006). Ir-rapport jagħmel għadd ta' rakkomandazzjonijiet li qed ikunu diskussi ma' kull min hu involut biex eventwalment ikunu implimentati.

L-importanza ta' provvedimenti ta' kwalità kemm jista' jkun kmieni fil-ħajja tat-tfal tinħass b'mod partikolari fejn jidħlu tfal żvantaġġjati u meta ommijiet li jaħdmu jeħtiġilhom iħallu lil uliedhom f'idejn ħaddieħor biex jieħu ħsiebhom.

**5. Assessjar u Eżamijiet**

Wara l-pubblikazzjoni tar-rapport *'MATSEC, Strengthening a National Examination System'* (2005) fi tmiem l-ewwel ħames snin ta' edukazzjoni sekondarja u fi tmiem l-edukazzjoni sekondarja ogħla, grupp ta' ħidma speċjalista ieħor issa qed jistudja s-sistemi kurrenti ta' eżamijiet fi tmiem is-sitt snin ta' edukazzjoni primarja, jiġifieri l-Junior Lyceum Admission Examination għall-Iskejjel Statali u l-Common Entrance Examination għall-Iskejjel tal-Knisja.

Il-pubblikazzjoni tal-ktieb *'Transition from Primary to Secondary in Malta: Time to break the mould?'*, miktub minn Dr Grace Grima u Dr Josette Farrugia u ppubblikat mill-Fundazzjoni għal Servizzi Edukattivi, għandha tagħti l-informazzjoni ta' sfond analatiku biex tistimula d-diskussjoni. Hu ta' min ifakkar li s-sistema Kulleġġ ta' edukazzjoni tipprova tnaqqas b'mod sinifikanti l-effetti negattivi ta' l-eżami tad-dħul.

**6. Ħiliet Bażiċi**

*'A Study of Young People following Basic Skills Courses in Malta'* (2006) indika ċar ħafna l-ħtiġiet għall-adozzjoni ta' strateġiji li jinvolvu l-intervent sew ta' l-għalliema u sew tal-ġenituri kemm jista' jkun kmieni meta t-tfal jibdew juru n-nuqqas ta' ħila tagħhom li jakkwistaw ħiliet bażiċi li huma indispensabbli għal kull xorta ta' tagħlim tul il-ħajja kollha. Barra minn hekk, il-progress ta' dawn it-tfal jeħtieġ li jkun segwit u kkontrollat tul l-edukazzjoni primarja tagħhom, u aktar u aktar tul l-edukazzjoni sekondarja meta jistgħu jintilfu fis-sistema ħtija ta' nuqqas ta' attenzjoni individwali. Tfal ta' din ix-xorta jeħtieġu intervent speċjali fil-livell sekondarju jekk ikunu fallew fil-kors ta' l-edukazzjoni primarja tagħhom. Għalliema inkarigati mill-klassi u għalliema ta' suġġetti jeħtieġ li jkun mħarrġa speċifikatament biex ikollhom il-kompetenzi meħtieġa u għandhom jingħataw ir-riżorsi addattati bħala għajnuniet għat-tagħlim.

F'konnessjoni ma' ħiliet bażiċi, ta' min isemmi li filwaqt li l-illitteriżmu fost il-popolazzjoni adulta li taqbeż l-età ta' 15-il sena kien 12% skond iċ-ċensiment ta' l-1995, hemm indikazzjonijiet li fiċ-ċensiment ta' l-2005 iċ-ċifra kienet 7.7%. Hu ovvju li t-titjib hu riżultat ta' tnaqqis fl-illitteriżmu fl-età ta' l-edukazzjoni obbligatorju. Fil-fatt, bejn l-1999 u l-2006 n-numru ta' studenti li għaddew mill-eżami għall-Junior Lyceum tela' b'xi 10 punti perċentwali.

**7. Attendenza fl-Iskejjel u Assenteiżmu**

Ir-Rapport fuq *'School Attendance Improvement'* (2005) analizza l-aspetti, fatturi u kawżi differenti ta' l-assenteiżmu u skartar mill-iskola li jidhru b'mod partikolari f'għadd ta' skejjel u f'ċerti zoni ġeografiċi. Ir-Rapport studja wkoll

il-provvista kurrenti ta' kura personalizzata li tittratta tfal assenti u l-ġenituri tagħhom. Id-diversi rakkomandazzjonijiet li saru fir-rapport qed ikunu implimentati gradatament f'dan il-qasam, li jippreżenta sfida u xi darbi huwa kumpless ħafna, li qed jiffaċċjaw xi skejjel, studenti u ġenituri. Din il-problema tenfasizza l-importanza ta' ħidma soċjali professjonali adegwata li tqarreb lejn xulxin il-firdiet kbar li hemm bejn skejjel u ċerti ġenituri u studenti. Kemm il-ġenituri u kemm l-awtoritajiet skolastiċi għandhom rwol kruċjali x'jaqdu.

Hu interessanti li wieħed jinnota li, wara azzjoni koordinata fl-implimentazzjoni ta' għadd ta' rakkomandazzjonijiet li saru fir-Rapport, il-Kulleġġ fil-Kottenera diġà rreġistra titjib sinifikanti ħafna fl-attendenza ta' tfal fl-iskola. Il-Kulleġġ fil-Kottenera qed jiffoka biex is-sena 2007 twassal ħalli s-snin bikrin tal-primarja jkunu jistgħu jitgawdew aħjar billi jenfasizza t-tagħlim permezz tal-logħob, u tul dan il-proċess jagħmel l-attendenza għall-iskola aktar attraenti.

**8. Imġiba tajba u Dixxiplina fl-iskejjel**

Tul is-sena saret enfasi fuq l-importanza ta' l-imġiba tajba u dixxiplina ta' l-istudenti fl-iskejjel biex jitħaffef it-tagħlim u jkun evitat kull xorta ta' tfixkil. Il-Ministeru ta' l-Edukazzjoni mhux biss qed jenfasizza li ma jkunx hemm l-iċken tolleranza ta' mġiba ħażina iżda qiegħed ukoll jindika r-reponsabbiltà primarja tal-ġenituri biex jiżguraw li wliedhom iġibu ruħhom sewwa. L-iskejjel kienu mitluba jgħidu jekk hemmx ħtieġa ta' xi bidliet fil-politika nazzjonali kurrenti, iżda r-reazzjoni ġenerali ta' l-iskejjel kienet li l-politika kienet tissodisfa l-ħtiġiet u setgħet tkun addattata għall-profil u karatteristiċi partikolari ta' kull skola.

**9. Politika ta' Ikel u Xorb Tajjeb**

Id-Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni qed tiżgura l-provvista ta' ikel u xorb tajjeb fit-*tuck shops* fl-iskejjel kif titlob il-politika nazzjonali eżistenti. Fl-istesss ħin il-ġenituri qed ikunu inkoraġġiti jagħtu lil uliedhom ikel u xorb tajjeb għal waqt il-waqfiet għall-ikel. Il-Kunsill għall-Kurrikulu Nazzjonali kkummissjona studju msejjaħ TASNE u d-Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni qed taħdem fuq rapport biex toħroġ linji gwida fuq ikel mibjugħ fit-*tuck shops*. L-iskejjel se jkunu mistiedna jfasslu l-politika tagħhom infushom dwar ikel u xorb fl-ambitu tal-politika ġenerali nazzjonali..

Eko-Skola gradatament qed taqbad l-art fil-promozzjoni ta' ambjent san. Il-Kulleġġ San Benedittu ta kontributi siewja f'dan il-qasam, u waħda mill-iskejjel primarji tiegħu qed tperper il-Bandiera Ħadra.

**10. Programm ta' l-Unjoni Ewropea**

Fis-sena 2006 kienu ffirmati 80 Ftehim Comenius li jkopru proġetti għas-snin 2006/07 u li jdaħħlu medja ta' 5,000 ewro kull wieħed; il-fondi jistgħu jvarjaw minn 2,000 għal 17,000 ewro. Fil-parti l-kbira tal-proġetti, għadd ta' għalliema u studenti jżuru gruppi bħalhom barra minn Malta. Fil-fatt, tul il-ftit snin li għaddew, 1,200 għalliema u studenti siefru bis-saħħa ta' dan il-programm. Fil-każ ta' gżira, dawn il-proġetti taw valur miżjud biex jeskludu viżjoni u esperjenzi limitati u iżolament. Barra minn hekk, proġetti interessanti jikkomplementaw u jkattru l-valur lill-proċess edukattiv u jagħnu lill- kurrikulu.

**11. Ġemellaġġ-E**

Ġemellaġġ-E hu inizjattiva Ewropea li tlaqqa' skejjel minn stati membri differenti. Ġemellaġġ-E kellu suċċess kbir f'Malta bis-saħħa tal-parteċipazzjoni ta' 84 skola u involva 172 għalliema u kapijiet ta' skejjel u 83 proġett differenti.

Student mill-Iskola Primarja tax-Xagħra, Għawdex, rebaħ il-Premju għat-Tjubija organizzat mil-Laboratorju tal-Paċi.

**12. Fondazzjoni għal Servizzi Edukattivi (FES)**

Il-missjoni ċentrali ta' l-FES hija li twaqqaf it-tixrid ta' l-illitteriżmu f'Malta. L-FES tagħti appoġġ lil studenti li jitħabtu biex jiksbu ħiliet biex jiktbu u jaqraw fil-qafas ta' l-edukazzjoni obbligatorja u tgħin lil ġenituri biex jaslu li jappoġġjaw it-tagħlim ta' wliedhom u tħaffef it-twettiq ta' pjanijiet ta' azzjoni ta' ħiliet bażiċi mħaddmin b'mod integrat professjonali fost għadd ta' gruppi ta' skejjel.

Il-bini ta' ħiliet u kapaċità ta' azzjoni fost ġenituri involuti fil-medda ta' programmi ta' l- FES wasslet lil eluf ta' studenti, li qabel kienu jbatu biex jaqraw u jiktbu, biex akkwistaw ħiliet sinifikanti biex jiktbu u jaqraw u wkoll biex jikbru f'livell personali (stima tagħhom infushom, relazzjonijiet reċiproċi).

Bi sħab ma' l-HSBC Cares for Children Fund u d-Direttorat għad-Djar tat-Tfal tal-Kurja Djoċesana, il-FES fasslet mill-ġdid il-programm *Communicative English* maħsub għal tfal li qed jingħataw kura f'erba' djar u hekk l-operazzjonijiet tagħha ntrabtu intrinsikament mal-proċessi tal-klassi u tal-kurrikulu ta' l-iskola. Bis-saħħa ta' dan il-proġett, it-tfal jitgħallmu jikkomunikaw bl-Ingliż permezz ta' metodoloġija li tgħaqqad il-ħila li wieħed jikteb u jaqra bl-Ingliż mal-palk, l-arti, il-mużika u l-moviment. Il-programm ġdid se jkun ittestjat dalwaqt f'waħda mill-faċilitajiet għal kura residenzjali qabel ma jkun estiż għal djar oħrajn.

Il-Fondazzjoni għal Servizzi Edukattivi (FES) toffri medda ta' progammi edukattivi maħsubin biex jiżviluppaw u jrawmu l-personalità, it-talenti u l-ħiliet mentali tat-tfal. Dawn jinkludu: (a) klabb tal-familja għal wara l-ħin ta' l-iskola biex jitgħallmu jaqraw u jiktbu, imsejħin Klabbs Ħilti, li joffru programm li bih tieħu gost titgħallem; (b) Nwar – programm biex titgħallem taqra u tikteb, miftuħ għal tfal u żgħażagħ li l-aktar qegħdin f'riskju ta' falliment edukattiv, offrut f'kuntest ta' tagħlim lill-familja f'sitt siti reġjonali; u (c) Klabbs għal

Kittieba Żgħażagħ u Tmiem il-Ġimgħa Kitba għall-Familja biex iħeġġu ħiliet ta' kitba kreattiva minn meta t-tfal ikunu għadhom żgħar ħafna. Sa tmiem l-2006, aktar minn 4,000 student kienu bbenefikaw minn dawn il-programmi.

Tul is-sena 2006 l-FES żidiet il-proċessi ta' tkabbir tal-kapaċità ta' skejjel u ta' għalliema biex setgħet ittejjeb b'mod effettiv il-problema ta' l-illitteriżmu li tiġi minn tluq kmieni tat-tfal mill-iskola u l-konsegwenzi tagħha ta' aċċess mhux ġust għall-kurrikulu, assenteiżmu, ħruġ kmieni mill-iskola, u r-riskju ta' esklużjoni soċjali. L-inizjattivi kienu jinkludu dan li ġej:

a. 32 Programm ta' Akkwist ta' Ħila li Taqra u Tikteb (LAPs) fis-snin bikrin fi 32 skola primarja ta' l-istat.

b. Kors ta' Taħriġ Ħiliet Bażiċi għal għalliema maħsubin biex ikunu Għalliema ta' Ħiliet Bażiċi. Bis-saħħa ta' dan it-taħriġ, l-għalliema qed jużaw Għodda ta' Assessjar ta' Ħiliet li għadha kemm kienet żviluppata u qed jużaw ir-riżultati tagħha biex jiżviluppaw Programmi ta' Tagħlim Alternattiv (ALPs) għal studenti li ġabu inqas minn 40% tal-marki fl-assessjar fl-Ingliż u l-Malti u inqas minn 35% fil-Matematika. Sa mis-sena 2007 dan il-proġramm se jitwessa' biex jilħaq l-għalliema kollha ta' l-iskejjel sekondarji li għandhom il-funzjoni li jgħallmu Ħiliet Bażiċi.

c. Billi nnutat żieda fid-dħul ta' studenti bi problemi ta' awtistika fl-iskejjel primarji b'popolazzjoni kbira (aktar minn 1,000), il-FES, bi sħab man-Netwerk ta' l-Iskejjel fuq Inklużjoni u Edukazzjoni Speċjali, daħlet għal proġett pilota li bih Kindergarten Assistants jitħarrġu fl-applikazzjoni u l-adattament tal-metodoloġiji ta' tagħlim bl-użu multiplu tas-sensi għall-akkwist ta' ħila fil-kitba u l-qari – b'referenza speċifika għal studenti li jbatu mill-awtiżmu. F'nofs is-sena 2007 din l-inizjattiva se tiddaħħal fi skejjel oħra biex ikun żgurat li dawn it-tfal jitgħallmu jikkomunikaw u hekk ikunu kapaċi jidħlu fi ħbiberija ma' tfal akbar minnhom u għalliema, u wkoll jaċċessaw il-kurrikulu b'inqas intoppi u żvantaġġi.

d. Il-FES ħadmet ma' għadd ta' skejjel primarji ta' l-istat li ssejħu *Writing Process Schools*. Bis-saħħa ta' programm imsejjaħ *Writing Across the Curriculum*, il-progress fit-tagħlim ta' l-istudenti, l-aktar dawk li jbatu biex jitgħallmu, jikber.

e. Il-FES ippubblikat, f'Novembru 2006, meta-analiżi ta' riċerka eżistenti fuq l-impatt fuq is-saħħa mentali u fuq x'jilħqu t-tfal li jkunu *streamed* meta jkollhom 8 snin u eżamijiet 11+ marbutin ma' dan.

f. Fis-sena 2006 l-FES ngħatat premju ta' 5,000 ewro u tismija speċjali fil-First MedChild Best Practice Award organizzata mill-Fondazione Istituto Mediterraneo per l'Infanzia - MedChild Institute li hi bbażata f'Genova. Il-premju hu maħsub biex jippromwovi programmi u servizzi ta' l-aqwa prattika fir-reġjun iffokati fuq it-tfal fl-oqsma ta' l-edukazzjoni, saħħa, *welfare* soċjali u ambjent urban.

**13.Skola Sekondarja Ogħla**

Id-domanda għal edukazzjoni sekondarja ogħla żiedet il-popolazzjoni tagħha b'xi 700 student tul l-aħħar sitta jew seba' snin. B'riżultat ta' dan, fl-Iskola Sekondarja Ogħla tan-Naxxar inbena blokk ta' erba' sulari ta' l-aqwa kwalità li hawn bħalissa u li fih kmamar għal letturi, librerija, laboratorji u kmamar għal servizzi multipli u uffiċċji. Barra minn hekk, qed jiżdiedu l-faċilitajiet sportivi biex jissodisfaw ħtieġa dejjem tikber għal dawn l-attivitajiet.

Fis-sena 1999, 43% mill-grupp ta' studenti ta' 17-il sena komplew l-istudji tagħhom filwaqt li fis-sena 2005 kważi 69% tal-grupp komplew jirċievu xi xorta ta' edukazzjoni u taħriġ.

**14. Il-Malta College of Arts, Science and Technology (MCAST)**

L-MCAST baqa' jgħolli l-istatus, viżibilità u attrazzjoni ta' l-edukazzjoni vokazzjonali u taħriġ bil-provvista ta' għażla usa' ta' korsijiet f'livelli differenti għal studenti li jkunu lestew il-ħames snin edukazzjoni obbligatorja tagħhom. L-MCAST ippubblika l-pjan strateġiku tiegħu u beda jifformola *master plan* għall-iżvilupp tiegħu għall-għoxrin sena li ġejjin. Se jsir aktar investiment bis-saħħa tal-fondi strutturali ta' l-Unjoni Ewropea għall-estensjoni tal-bini, faċilitajiet u riżorsi eżistenti u wkoll għall-iżvilupp professjonali tal-letturi tiegħu biex jagħti l-edukazzjoni u taħriġ ta' kwalità meħtiġin minn ekonomija bbażata fuq l-għerf u minn karrieri għaż-żgħażagħ. Suċċess maġġuri għall-MCAST hu indikat mit-tnaqqis sostanzjali fin-numru ta' studenti li jitilqu kmieni, jiġifieri studenti li ma jibqgħux sejrin bl-istudji tagħhom meta jilħqu l-età li fiha tieqaf l-edukazzjoni obbligatorja..

Fis-sena 2006 l-MCAST sar parti integrali mill-Att dwar l-Edukazzjoni.

**15. Fundazzjoni għall-Iskejjel ta' Għada (FTS)**

Il-Fundazzjoni għall-Iskejjel ta' Għada baqgħet għaddejja bil-programm ambizzjuż ħafna tagħha bis-saħħa ta' investiment potenzjali ta' 'l fuq minn Lm60 miljun fl-immodernizzar, riabilitazzjoni, manutenzjoni u bini ta' skejjel ġodda bl-ispazji, faċilitajiet, tagħmir u servizzi addattati.

Proġetti maġġuri li saru fis-sena 2006 kienu jinkludu l-bini ta' blokk addizzjonali fl-Iskola Sekondarja Ogħla tan-Naxxar, l-iskejjel sekondarji ġodda f'Tal-Ħandaq u fil-Verdala, ix-xogħlijiet fuq skala kbira fl-Iskola Primarja tas-Siġġiewi u fl-Iskola Primarja ta' Ħal Luqa.

**16.Kunsilli ta' l-Iskejjel**

Fis-sena 2006 l-Assoċjazzjoni Nazzjonali tal-Kunsilli ta' l-Iskejjel issottomettiet il-proposti tagħha għar-reviżjoni tar-regolamenti tal-Kunsilli ta' l-Iskejjel. Il-Gvern qed jistudja dawn il-proposti bil-għan li jintroduċi regolamenti ġodda kemm jista' jkun malajr in vista taż-żieda potenzjali fil-parteċipazzjoni u kollaborazzjoni ta' ġenituri fit-tmexxija tal-Kulleġġi stabbiliti dan l-aħħar.

## 5. Ministeru għall-Familja u s-Solidarjetà Soċjali (MFSS)

- Ir-Rapport ta' Malta fuq Tfal Mitlufin u Esplojtjati Sesswalment (16 ta' Frar):

- Ir-Rapport kien ippreżentat waqt *roundtable* fost ħafna aġenziji organizzata mill-Aġenzija APPOĠĠ f'kollaborazzjoni ma' *Childscope* u kienet tinkludi statitiċi lokali miġburin tul is-snin dwar il-każijiet ta' abbuż referiti lis-servizzi lokali.

- Lm36,000 kienu allokati għat-tnedija ta' servizz ġdid – l-iskema ta' appoġġ miżjud għal tfal li jitrabbew mhux mill-ġenituri tagħhom u li għandhom imġiba sfidanti jew diżabilità u qegħdin taħt ordni ta' kura.

- Il-Programm ta' Taħriġ tal-Commonwealth għal persuni professjonali li jaħdmu ma' tfal u mal-familji tagħhom.

- *Programm Innoċenti (isem il-programm issa hu K.I.D.S – Kids in Development)* – programm ta' kura residenzjali għal tfal bi mġiba diffiċli ħafna tnieda lejn tmiem is-sena 2006. Dan il-programm se jaċċetta l-ewwel grupp ta' tfal tul l-ewwel kwart tas-sena 2007. L-istaff kollu qed ikun reklutat u t-taħriġ meħtieġ se jingħata minn nies professjonali barranin. L-istaff diġà żar programmi ta' din ix-xorta f'ċentri simili barra.

- L-MFSS ikkontribwixxa għat-tfassil ta' l-*Early Childhood Education & Care: A National Policy* li tnieda mill-Ministeru għall-Edukazzjoni, Żgħażagħ u Impjiegi.

- Wara konsultazzjoni estensiva li saret fis-snin ta' qabel, l-MFSS ippubblika l-ewwel Standard Nazzjonali għas-Servizzi ta' Kura tat-Tfal mal-Ġurnata. Dawn l-istandards għandhom jiżgura li tfal li jirċievu servizzi ta' kura tat-tfal mal-ġurnata jingħataw l-aqwa servizz minn dawk kollha li jipprovduh.

- Kura tat-Tfal: L-għotja għal titjib għal dawk kollha li jipprovdu kura lit-tfal bidet tingħata mid-Dipartiment għal Standards ta' Ħarsien Soċjali. Lm130,000 kienu allokati għal dan l-iskop. Barra minn hekk, bħalissa qed jinħarġu reġistrazzjonijiet provviżorji għal faċilitajiet ta' kura tat-tfal (inklużi faċilitajiet fid-dar u kindergartens għal tfal taħt it-tliet snin). L-għoti ta' reġistrazzjoni provviżorja jinvolvi żjara dettaljata għal valutazzjoni u t-tfassil ta' rapport dettaljat.

- Għadd ta' assessuri fid-Dipartiment għal Standards ta' Ħarsien Soċjali bdew jitħarrġu fuq problemi relatati mal-kura tat-tfal.

- L-MFSS kompliet taħdem mal-MEPA, mal-Kunsill Malti għall-Kwalifiki, ma' l-ETC, ma' l-MCAST u ma' entitajiet oħrajn fuq kwistjonijiet li għandhom x'jaqsmu ma' kura tat-tfal.

- Twaqqaf Grupp ta' Ħidma Inter-Ministerjali fuq ir-Rapport maħruġ mill-Uffiċċju tal-Kummissarju għat-Tfal dwar Tfal bi Mġiba Diffiċli Ħafna. Ir-rapport finali qed isir bħalissa.

- L-MFSS u l-MHEC mexxew *Operational Review* u *Financial Audit* tal-High Support Service u tal-Young People's Unit. L-iskop ta' dan hu li jidentifika s-saħħiet u d-dgħjufijiet ta' dawn iż-żewġ servizzi speċjalizzati għal Tfal bi Mġiba Diffiċli. Ir-rapport jiddeskrivi wkoll il-mod kif dawn is-servizzi jistgħu jissaħħu u jitjiebu.

- Il-Grupp ta' Ħidma fuq Kura Residenzjali u *Fostering* (li jirrappreżenta lil dawk kollha involuti f'dan il-qasam, inklużi NGOs) iltaqa' regolarment tul is-sena 2006. Kienu konklużi għadd ta' politiki importanti relalati mat-tfal li qed jirċievu kura. Saru laqgħat ta' konsultazzjoni ma' dawk kollha involuti, inklużi dawk li jużaw is-servizz. Dawn il-politiki bħalissa qed ikun esperimentati f'għadd ta' djar residenzjali.

- Id-DSWS u l-grupp ta' ħidma fuq *Residential and Foster Care* introduċew sotto-grupp ġdid biex jaħdem fuq l-ewwel abbozz ta' Standard Nazzjonali għal *Residential Care and Foster Care*. L-ewwel abbozz wara l-konsultazzjoni jitnieda fis-sena 2007.

- Diskussjonijiet u pjanijiet kienu diskussi ma' diversi gruppi involuti għall-ftuħ ta' Ċentru ta' Riżorsi għat-Tfal u Familji ġdid f'Birkirkara. Dan iċ-ċentru jkun jixbah il-proġett *Smartkids* fil-Kottonera.

- APPOĠĠ għamlet kampanja estensiva ta' promozzjoni biex tirrekluta *foster carers* ħalli joffru djarhom lil tfal li qed jgħixu f'kura residenzjali. APPOĠĠ hija aġenzija li toffri taħriġ, assessjar u appoġġ lil *foster carers*.

- L-ewwel proġett *Homestart* tnieda u beda jopera fiz-zona tal-Kottonera, Ħaż-Żabbar u l-Kalkara. Dan il-proġett jgħin lil tfal żgħar ħafna li ġejjin minn familji vulnerabbli li jeħtieġu appoġġ biex jiżguraw bidu tajjeb u san għall-ħajja.

- Fil-Fgura nfetħet dar ġdida għal rifuġjati minorenni waħedhom u għal tfal rifuġjati mal-familji tagħhom.

- L-MFSS nieda konsultazzjoni nazzjonali fuq abbozz ta' Kodiċi ta' Prattika u Kondotta għal Operaturi ta' Servizzi Soċjali u għal Prinċipali ta' Operaturi ta' Servizzi Soċjali. Il-konsultazzjoni għalqet fi tmiem is-sena u dan il-kodiċi jitnieda kmieni fis-sena 2007.

- Ir-Rapport fuq Strateġija Nazzjonali għal Ħarsien Soċjali u Inklużjoni Soċjali kien ippubblikat f'Settembru 2006. It-tfal huma inklużi bħala wieħed mill-prijoritajiet fil-linja ta' inklużjoni soċjali. Dan ir-rapport fih lista sħiħa ta' inizjattivi relatati mat-tfal.

- L-MFSS flimkien mal-MEYE, APPOĠĠ u l-Kummissarju għat-Tfal nidew għadd ta' attivitajiet għat-tfal fl-okkażjoni tal-Jum Dinji tat-Tfal. L-MFSS qassmet volantin b'tajra li jagħmluha t-tfal stess lil kull dar f'Malta u Għawdex. It-tfal u l-ġenituri tagħhom imbagħad ħadmu t-tajr li ttajru fl-attività li saret f'Ta' Qali nhar il-Jum Dinji tat-Tfal.

- Il-Parlament iddiskuta emendi legali f'relazzjoni ma' xorb minn persuni taħt l-Età. L-emendi legali, fost miżuri oħra, se jagħmlu illegali l-konsum ta' alkoħol minn minorenni taħt is-sittax-il sena. Il-Ministru għall-Familja u s-Solidarjetà Soċjali nidiet *Focus Group* Inter-Ministerjali biex jikkoordina kampanja edukattiva in vista ta' l-emendi li se jiġu proposti għall-Kodiċi tal-Pulizija biex jirregolaw ix-xorb minn persuni taħt l-età f'postijiet pubbliċi (inklużi bejgħ, xiri u konsum).

- Sessjoni tal-Parlament tat-Tfal saret fl-okkażjoni tal-Jum Dinji tat-Tfal Tfal minn skejjel u organizzazzjonijiet differenti taw il-fehmiet u r-rakkomandazzjonijiet tagħhom fuq diversi suġġetti interessanti bħalma huma edukazzjoni, ħajja familjari, sport, kultura, mistrieħ, eċċ.

- Fl-okkażjoni tal-Jum Dinji tat-Tfal, il-Ministru għall-Familja u s-Solidarjetà Soċjali stiednet grupp ta' tfal fl-uffiċċju tagħha biex tisma' l-mistoqsijiet u r-rakkomandazzjonijiet li xtaqu jitkellmu dwarhom. Kienet diskussa l-parteċipazzjoni attiva tat-tfal fil-materji kollha li jinvolvuhom.

- Il-Ministru għall-Familja u s-Solidarjetà Soċjali kienet il-kelliema mistiedna fil-Konferenza Eurochild annwali li saret f'Berlin, il-Ġermanja, f'Novembru. Eurochild qablet li l-konferenza annwali tagħha li jmiss issir Malta.

- Malta ħadet sehem fil-Proġett ta' Riċerka Pan-Ewropew fuq l-istandards dwar kura barra mid-dar. Ir-riċerka qed isir fost tfal Maltin li qed jagħtu l-fehmiet tagħhom biex jgħinu fl-iżvilupp ta' l-aħjar standards għal kura barra mid-dar.

## 6. Ministeru għall-Investiment, Industrija u Teknoloġija ta' l-Informazzjoni (MIIIT)

**Inizjattivi tul is-sena 2006**

**Kampanja għall-Għarfien tas-Sigurtà fost it-Tfal**

Fi Frar 2006 l-Ministeru għall-Investiment, Industrija u Teknoloġija ta' l-Informazzjoni, b'kollaborazzjoni mal-Maltacom u l-Microsoft, nieda kampanja intensiva ta' għarfien diretta għat-tfal u l-ġenituri fuq l-użu aktar sigur ta' l-Internet.

Il-kampanja saret wara l-pubblikazzjoni ta' stħarriġ ta' l-Uffiċċju Nazzjonali ta' l-Istatistika fuq *It-tfal u l-Internet* li tat linji gwida ċari fuq il-kwistjonijiet li l-ġenituri jsibu ma' wiċċhom meta jippruvaw iħarsu lil uliedhom fl-ambjent ta' l-internet.

Il-kampanja użat l-aktar mezzi ta' komunikazjoni prominenti, inkliżi t-televiżjoni, avviżi fl-istampa u xeltrijiet tal-karozzi tal-linja. Saru diversi interventi fuq ir-radju u t-televiżjoni bil-ħsieb li jgħinu lill-ġenituri jifhmu aħjar problemi relatati mas-sigurtà ta' l-internet u l-miżuri prekawzjonarji li jistgħu jittieħdu.

**Hotline Nazzjonali għas-Sigurtà tat-Tfal fuq l-Internet**

Fis-sena 2004 l-MIIIT, flimkien ma' l-Aġenzija APPOĠĠ, issottomettew proposta għal finanzjament mis-*Safer Internet Programme* tal-Kummissjoni Ewropea. L-iffinanzjar intalab għat-twaqqif ta' *hotline* nazzjonali biex jittratta mistoqsijiet u rapporti relatati mas-sigurtà tat-tfal fuq l-internet.

Wara evalwazzjoni li rnexxiet tal-proposta u, sussegwentement, l-għoti ta' fondi biex din l-inizjattiva tibda, il-Ministeru ħadem ma' l-Aġenzija APPOĠĠ f'tentattiv biex din il-*Hotline* titwaqqaf u tkun suċċess. Din tnidiet fi Frar 2006 u l-operazzjoni *Hotline* bdiet fl-istess xahar. Bis-saħħa ta' din l-inizjattiva l-pubbliku ġenerali seta' jagħmel rapporti u jitlob għajnuna fuq diversi kwistjonijiet li jistgħujxekklu s-sigurtà tat-tfal fid-dinja ta' l-internet.

**Grupp ta' Ħidma Sigurtà-e**

F'Marzu 2006 l-Ministeru nieda Grupp ta' Ħidma Sigurtà-e li jlaqqa' regolarment lil dawk kollha li huma involuti fis-sigurtà u l-qasam ta' l-IT. Għalkemm it-termini ta' referenza tal-Grupp ta' Ħidma huma wesgħin ħafna u jkopru għadd ta' kwistjonijiet relatati mas-Sigurtà-e, il-problema tas-Sigurtà tat-Tfal fuq l-internet ingħatat prominenza, u dan jidher ċar fit-termini ta' referenza tal-Grupp ta' Ħidma.

Barra minn hekk, fi sforz biex jindirizza aħjar din il-kwistjoni delikata u jkun jista' jħares il-minorenni, il-Ministru ppropona wkoll it-twaqqif ta' sotto-grupp għas-Sigurtà tat-Tfal fuq l-internet. Is-sotto-grupp s'issa kien qed jiltaqa' b'mod regolari biex ifassal mezzi ġodda kif iħares lit-tfal fid-dinja ta' l-internet.

**Inizjattivi għall-Futur Grooming Legislation**

Waħda mill-aktar għodod importanti li l-awtoritajiet għall-infurzar tal-liġi jużaw meta jittrattaw id-delitti taċ-ċibernetika hija l-leġiżlazzjoni lokali.

Wieħed mir-rekwiżiti ewlenin hu l-introduzzjoni ta' *Grooming Legislation*. Din tagħti awtorità lill-awtoritajiet lokali li jipproċedu b'arrest u prosekuzzjoni qabel stess ma jsir l-abbuż fiżiku attwali, u hekk inaqqsu l-possibiltà li t-tfal ikunu abbużati u jsofru ħsara mill-aggressur tagħhom. L-introduzzjoni ta' *grooming* jagħmel it-tħajjir ta' tifel jew tifla għal attività sesswali reat kriminali, u għalhekk persuna tista' tittella' l-qorti fuq il-bażi ta' konversazzjonijiet bl-internet jew sejħiet bit-telefon jew bil-mowbajl li l-adult ikun kellu mat-tifel jew tifla in kwestjoni.

**Safer Internet Plus**

Il-Ministeru ssottometta talba għal iffinanzjar, taħt is-*Safer Internet Action Plus*, ta' kampanja intensiva ta' għarfien fuq is-Sigurtà tat-Tfal fuq l-internet.

Il-proposta kienet sottomessa f'Settembru 2006, u deċiżjoni hija mistennija għall-ewwel nofs tas-sena d-dieħla, wara proċess rigoruż ta' evalwazzjoni li hu normali fil-każ ta' programmi tal-KE ta' din ix-xorta. Il-kampanja tinkludi diversi pubblikazzjonijiet u wkoll riklami fl-istampa u t-televiżjoni lokali. Hu ppjanat ukoll li tfal fi skejjel lokali jingħataw *gadgets* biex tikber l-effettività tal-kampanja u tintlaħaq l-udjenza mixtieqa b'messaġġ effettiv. Barra minn hekk, il-Ministeru se jniedi wkoll websajt fuq is-Sigurtà tat-Tfal fuq l-internet li tinżamm aġġornata b'informazzjoni regolari għat-tfal u għall-ġenituri fuq kif jibqgħu siguri fid-dinja ta' l-internet.

## 7. Ministeru għar-Riżorsi u l-Infrastruttura

Tul is-sena 2006 l-Ministeru għar-Riżorsi u l-Infrastruttura daħal għal diversi proġetti ta' tisbiħ. Wieħed mill-objettivi ewlenin ta' dawn il-proġetti kien it-titjib ta' l-ambjent lokali ta' l-għajxien għall-familji Maltin. Il-ħin ta' mistrieħ sar aspett important fil-mod tal-ħajja moderna, u fil-proġetti tagħna aħna nippruvaw nagħtu disinn ta' kwalità tajba, użu bilanċjat ta' materjali, u żgurar ta' sigurtà ġenerali lill-utenti, l-aktar lit-tfal, fil-proġetti tagħna.

Żewġ proġetti ta' titjib u tisbiħ twasslu fi tmemhom tul is-sena 2006. L-ewwel wieħed kien il-proġett ta' pavimentar fl-Imdina, post li jżuruh ħafna familji Maltin . Il-pjazez u t-toroq dojoq tal-belt kapitali antika kienu pavimentati b'materjal ta' ġebla tal-qawwi. Ħafna mill-binjiet storiċi importanti ddawlu, u l-belt ta' l-Imdina toffri esperjenza splendida fl-għaxijiet.

It-tieni proġett maġġuri li tlesta tul is-sena 2006 kien it-titjib totali ta' Ġnien Hastings fil-Belt Valletta. Dan il-proġett għalaq ċiklu ta' proġetti li daħal għalihom il-Ministeru biex ikompli jsebbaħ il-ġonna pubbliċi ewlenin tal-belt kapitali tul għadd ta' snin wara xulxin, jiġifieri l-Ġonna tal-Barrakka ta' Fuq u tal-Barrakka t'Isfel, minbarra Ġnien Hastings. Familji li jżuru l-belt kapitali issa jistgħu jgawdu dawn it-tliet ġonna pubbliċi splendidi u l-veduti uniċi li joffru f'ambjent sigur, rilassat u pjaċevoli. F'kull wieħed minn dawn il-proġetti ta' ġonna ngħatat importanza kbira lir-restawr ta' diversi monumenti li qegħdin fihom. Dawn il-monumenti restawrati jistgħu, bil-mod tagħhom, jikkontribwixxu biex jgħinu lit-tfal żgħar tagħna japprezzaw aħjar il-wirt storiku u arkitettoniku li hemm f'dawn il-ġonna pubbliċi.

Il-Ministeru kien responsabbli wkoll għal diversi proġetti ta' tisbiħ u titjib f'diversi lokalitajiet f'Malta. Ingħatat importanza kbira lit-titjib tal-qalba ta' rħula, l-aktar il-pjazez ewlenin madwar il-knejjes parrokkjali tal-lokal. Ir-rħula ta' Ħal Lija, Ħal Kirkop u l-Mellieħa kienu lokalitajiet li gawdew minn din ix-xorta ta' inizjattivi ta' titjib tul is-sena 2006.

**Proġett għal Faċilitajiet ta' Kura tat-Tfal – Titjib**

Il-kumitat konġunt għat-twaqqif ta' Faċilitajiet għall-Kura tat-Tfal għal impjegati tal-Gvern li jaħdmu fid-Diviżjonijiet tax-Xogħol, Edukazzjoni, Taxxi Interni u d-Dipartiment ta' l-Akkomodazzjoni Soċjali kien iffurmat f'Marzu 2006.

Kien hemm skambju ġeneali ta' ideat fuq l-interess fis-servizz, mod ta' assessjar tad-domanda, esperjenza mgħoddija, lokazzjonijiet potenzjali, spejjeż, operat, eċċ.

Kien iffurmulat kwestjonarju u f'Mejju 2006 dan tqassam fost l-impjegati kollha ta' l-erba' entitajiet. S'issa waslu lura 236 kwestjonarju. Il-kwestjonarji ġew ipproċessati. Aktar minn 100 impjegat talbu li jkunu notifikati meta jkun se jitnieda s-servizz għaliex huma interessati li jużawh.

| Entità | Kwestjonarji li waslu lura | Notifika ta' Interess |
|---|---|---|
| Diviżjoni tas-Servizzi u Xogħlijiet | 95 | 38 |
| Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni | 80 | 33 |
| Taxxi Interni | 48 | 29 |
| Akkommodazzjoni Soċjali | 13 | 10 |
| **Total** | **236** | **110** |

Il-maġġoranza ta' l-impjegati interessati jkunu jridu jagħmlu użu mill-faċilitajiet immedjatament kif dawn jibdew joperaw, filwaqt li numru minnhom qalu li jużawh malli tinqala' l-ħtieġa.

## 8. Ministeru għall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent

Bis-saħħa tal-kampanja 34U, li għandha l-iskop li jkollha programm ta' taħwil ta' siġar mal-pajjiż kollu bis-sehem sħiħ tal-pubbliku, istituzzjonijiet nazzjonali, negozji, unjins, organizzazzjonijiet volontarji u oħrajn, ittieħdu l-inizjattivi li ġejjin li involvew lit-tfal u kienu wkoll indirizzati għat-tfal għaliex, minbarra l-programm ta' taħwil ta' siġar, il-kampanja 34U għandha l-għan li teduka lill-pubbliku, u l-aktar lit-tfal, dwar l-importanza tas-siġar f'ħajjietna.

- Saru diversi avvenimenti ta' taħwil ta' siġar li għalihom ġew tfal u ħawlu siġar f'isimhom jew f'isem il-ġenituri tagħhom (waqt Jum l-Omm u Jum il-Missier).
- Saru diversi żjarat ta' nofs ta' nhar mill-iskejjel għall-Park Nazzjonali f'Ta' Qali li fihom saret żjara lill-mixtla fejn l-istudenti raw huma nfushom kif jitkabbru s-siġar, it-tipi differenti ta' żrieragħ, u xogħol ieħor li għandu x'jaqsam mal-propagazzjoni tas-siġar. Dan kien segwit minn *treasure hunt*, b'mistoqsijiet u ħjilijiet relatati mal-park innifsu. Taħwil ta' siġar u indentifikazzjoni ta' siġar kienu wkoll parti mill-attivitajiet tal-ġurnata.
- Il-Kampanja 34U kienet ukoll waħda mill-organizzaturi ewlenin tal-festi tal-Jum Dinji tat-Tfal li saru f'Ta' Qali u li tulhom kien hemm wirja edukattiva fuq l-importanza tas-siġar li ttellgħet minn Xummiemu u li tulha tħawlu 150 siġra. Id-drittijiet imsemmija fil-Konvenzjoni tat-Tfal twaħħlu mas-siġar imħawlin dik il-ġurnata stess.
- Fil-bidu tas-sena skolastika l-Ministeru nieda l-Premju tal-Kampanja 34U għall-Iskejjel li kellha tintrebaħ mill-iskola li tkun ħawlet l-akbar numru ta' siġar mill-bidu tas-sena skolastika sa Jum is-Siġar. Dan il-premju jqis ukoll il-popolazzjoni ta' l-iskola. Il-premju għandu żewġ għanijiet edukattivi: li jkattar fost it-tfal l-għarfien ta' l-importanza tas-siġar u li jżid iz-zoni mħawlin bis-siġar fil-Gżejjer Maltin.
- Din is-sena Jum is-Siġar 2006 kien iċċelebrat b'mod differenti billi l-Attività koordinata mill-Ministeru għall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent inkludiet fil-programm ta' Jum is-Siġar (nhar is-16 ta' Jannar) il-preżentazzjoni għall-ewwel darba tal-Premju tal-Kampanja 34U għall-Iskejjel imsemmija hawn fuq. L-Iskola Santa Katerina ta' Pembroke rebħet il-premju għal din is-sena, u t-tieni ġie l-Kulleġġ San Alwiġi. Il-Ministru George Pullicino ppreżenta l-premju u feraħ lill-istudenti ta' l-iskola rebbieħa għas-suċċess tagħhom. Il-Ministru Pullicino faħħar ukoll id-dedikazzjoni ta' l-għalliema li marru 'l hinn minn dmirijiethom biex jinkoraġġixxu s-sehem ta' l-istudenti. Il-Ministru Pullicino tenna l-impenn tal-Gvern li jagħti importanza primarja lill-edukazzjoni ambjentali billi dan hu mod sigur kif wieħed jistalla apprezzament u għarfien ambjentali pożittivi.
  Hu awgura li Jum is-Siġar ta' din is-sena jagħti spinta lil sena oħra ta' suċċess fil-qasam tat-taħwil ta' siġar u lill-Kampanja 34U.
- Iż-żjara skolastika msemmija f'Ta' Qali kienet ukoll organizzata darbtejn tul Skolasajf 2006. Tul Skolasajf 2006 saru wkoll żjarat lil diversi skejjel biex jitħawlu siġar fil-bini stess ta' l-iskola, u saru diversi sessjonijiet ta' kwizis fuq is-siġar fl-iskejjel.
- Kien hemm ukoll kollaborazzjoni tal-Fundazzjoni Eden tul Edefest 2006 li fih in-nies kienu inkoraġġiti jħawlu siġar u parti mill-fondi miġbura ngħataw lill-Fundazzjoni Eden.

## 9. Segretarjat Parlamentari fil-Ministeru għall-Ġustizzja u l-Intern

Kien hemm erba' żviluppi importanti f'din l-aħħar sena:

1. l-ewwel pass kien dak li l-kawżi fejn hemm akkużi marbutin mat-tfal jibdew jinstemgħu quddiem magistrat wieħed u mhux quddiem diversi. Dan fisser li kull każ beda jingħata importanza ferm iktar milli kellu qabel, bil-vantaġġ ta' speċjalizzazzjoni, li ma għandux kull ġudikant;
2. it-tieni pass kien dak li bil-liġi tal-vjolenza domestika żdiedet il-protezzjoni kemm waqt l-każ u kemm wara l-każ, u żdiedu wkoll il-pieni mogħtija. Dan fisser deterrent ikbar u mekkaniżmu legali li jżomm lil min huwa akkużat jew instab ħati milli jagħmel delitti fuq il-minuri jew fil-preżenza tagħhom. Ħafna drabi dawn ikunu, kif inhu magħruf fis-swat u l-ġlied bejn il-miżżewġin, l-ewwel, jekk mhux l-uniċi, xhieda;
3. it-tielet pass kien dak li bih daħal mekkaniżmu amministrattiv biex kull darba li jixhdu t-tfal dawn jixhdu permezz ta' *video conferencing*. Dan ifisser li waqt li jkunu qed jixhdu t-tfal ikunu f'kamra separata u għalhekk ma jarawx lill-akkużat, filwaqt li l-Qorti tkun qed tara u tisma' lix-xhud bħallikieku kien fl-awla;
4. ir-raba' pass li għadu kif kien approvat mill-Parlament imur aktar fil-fond. Fil-fatt l-emenda li saret tgħid li fil-Qrati tagħna t-tfal involuti f'kawżi kriminali jixhdu, bħala regola, darba waħda biss. Ix-xhieda tagħhom tittieħed fuq il-mezzi moderni li għandna li bihom tinstema' mhux biss il-vuċi tagħhom iżda jidhru huma wkoll. Hekk jiġu ppreservati, għall-quddiem, l-istat fiżiku u mentali li kienu fihom waqt li qed jixhdu. Dan għandu vantaġġ kbir favur il-vittma, speċjalment għaliex ħafna drabi l-persuna ta' tfajla ta' età żgħira abbużata tidher kompletament.



Tfal jiddevertu waqt waħda mill-bosta attivitajiet fil-Jum Dinji tat-Tfal 2006

# Rakkomandazzjonijiet fuq il-ħtieġa ta' Leġiżlazzjoni jew bdil fir-Regoli jew Politika

**1. Rakkomandazzjonijiet għal Emendi fl-Att dwar il-Kummissarju għat-Tfal**

Il-Kummissarju għat-Tfal ħasset li t-tliet snin li għamlet fil-kariga servew biex xeħtu dawl fuq għadd ta' kwistjonijiet. Kien ħaġa pożittiva li tinnota li l-profil ta' l-Uffiċċju ttella' kemm lokalment u kemm barra u li kien hemm għarfien akbar ta' l-eżistenza tiegħu li baġit u impjegati skond il-ħtieġa jistgħu, kif hu ttamat, jkabbru fil-futur immedjat. Iżda kien jidher ċar ukoll li kien hemm lista ta' kwistjonijiet li jistħoqqilhom reviżjoni ta' Kap 462 tal-Liġijiet ta' Malta.

L-uffiċċju fela b'mod intensiv il-leġiżlazzjoni eżistenti u kkonkluda b'sensiela ta' emendi proposti għall-Att dwar il-Kummissarju għat-Tfal f'tentattiv biex isaħħaħ aktar l-istituzzjoni. Il-proposti jinkludu kwistjonijiet relatati mal-ħatra u t-tneħħija tal-Kummissarju, rakkomandazzjonijiet relatati ma' promozzjoni, monitoraġġ u infurzar effettivi tad-drittijiet tat-tfal, provvediment ta' impjegati, dikjarazzjonijiet dwar l-impatt fuq it-tfal, u l-Kunsill għat-Tfal. Id-dokument kien ippreżentat lill-Prim Ministru u lill-Ministru għall-Familja u s-Solidarjetà Soċjali (Dokument B).

**2. Rakkomandazzjonijiet għal Azzjoni bħala tweġiba għall-Kumitat tan-Nazzjonijiet Uniti fuq il-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet tat-Tfal**

Il-Kummissarju għat-Tfal hu fdat biex jissorvelja l-ħarsien tad-drittijiet tat-tfal taħt il-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet tat-Tfal. Wara l-aħħar preżentazzjoni ta' Malta fis-sena 2000 lill-Kumitat tan-Nazzjonijiet Uniti fuq il-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet tat-Tfal, saret sensiela ta' rakkomandazzjonijiet li taw importanza lil kwistjonijiet li jenħtieġu l-attenzjoni ta' l-Istat. Il-Kummissarju ħasset li dawn il-problemi kellhom ikunu studjati u assessjati fid-dawl tal-progress li sar u l-inizjattivi li ttieħdu.

Għal dan il-għan, ir-rakkomandazzjonijiet tal-Kumitat tan-Nazzjonijiet Uniti fuq il-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet tat-Tfal kienu miflija u kien ikkompilat sett ta' rakkomandazzjonijiet kurrenti lesti biex ikunu diskussi fir-rapport li kien imiss (li missu ilu li ħareġ). Id-dokument jelenka 23 suġġett li jistħoqqilhom konsiderazzjoni mill-awtoritajiet biex ikunu konformi mal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet tat-Tfal.. Hu jkopri kwistjonijiet relatati ma' definizzjonijiet, implimentazzjoni, prinċipji ġenerali b'referenza partikolari għal diskriminazzjoni u l-aħjar interessi, drittijiet u libertajiet ċivili, ambjent familjari u kura alternattiva, saħħa u *welfare*, edukazzjoni, mistrieħ u rikreazzjoni, miżuri ta' ħarsein u tqassim ta' rapporti. Id-dokument intbagħat lill-Prim Ministru u lill-Ministru għall-Familja u s-Solidarjetà Soċjali. (Dokument C)

**3. L-Uffiċċju tal-Kummissarju għat-Tfal**

Fis-sena 2006 l-Uffiċċju tal-Kummissarju għat-Tfal ċċaqlaq mill-bini tal-Ministeru għall-Familja u s-Solidarjetà Soċjali u mar fiċ-Ċentru Ħidma Soċjali f' Santa Venera. Għalkemm il-proposta biex jinħareġ mill-Ministeru għall-ewwel dehret bħala pass pożittiv fl-għarfien ta' l-independenza ta' l-Uffiċċju tal-Kummissarju għat-Tfal, l-alternattiva wasslet biex il-Kummissarju jintefa' lura għal dipertiment goverattiv. Il-post huwa limitat u mwarrab mill-aċċess faċli fil-Belt Valletta. Jekk l-Uffiċċju tal-Kummissarju għat-Tfal irid iwieġeb għal dak li hu miltub minnu skond l-Artikoli 9 u 11 ta' l-Att dwar il-Kummissarju għat-Tfal, huma meħtieġa b'mod urġenti lokal separate b'impjegati u faċilitajiet adegwati. Dawn ir-rakkomandazzjonijiet kienu komunikati f'diversi okażjonijiet lill-Ministru għall-Familja u s-Solidarjetà Soċjali kemm verbalment u kemm bil-miktub.

**4. Pedofilija**

Il-Kummissarju għat-Tfal enfasizzat il-ħtieġa li jkunu indirizzati problemi relatati mal-pedofilija u ressqet il-kwistjoni quddiem il-Kunsill għat-Tfal biex tieħu r-reazzjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet tagħhom. Fit-3 ta' Awissu 2006 ntbagħtet ittra lill-Prim Ministru u kkupjata lill-Avukat Ġenerali, lill-iSpeaker tal-Kamra tar-Rappreżentanti u lill-Ministri kollha li tindika sensiela ta' proċeduri meqjusin essenzjali fil-ħlieda kontra l-pedofilija. Dawn jinkludu riferenza għal emendi ġenerali fil-leġiżlazzjoni u l-introduzzjoni ta' sensiela ta' proċeduri relatati ma' infurzar. (Dokument A)

**5. Strateġija ta' l-EU għat-Tfal**

Il-Kummissarju għat-Tfal kienet mistiedna biex tagħti r-rakkomandazzjonijiet tagħha f'konnessjoni mal-preżentazzjoni ta' strateġija ta' l-UE għat-tfal li tqiegħdet fuq l-aġenda ta' l-UE f'Lulju 2006. Il-Kummissarju għamlet għadd ta' rakkomandazzjonijiet fil-kuntest lokali u f'dak usa' li issa ġew inkorporati f'aġenda usa'.

**6. Tfal taħt Kura**

a-F'Ġunju 2006 l-Kummissarju għat-Tfal wieġbet għal rapporti pubbliċi dwar tħassib relatat ma' l-istat ta' tfal taħt kura b'referenza speċjali għall-monitoraġġ tagħhom minn operaturi soċjali. Hi bdiet investigazzjoni biex tiżen is-sitwazzjoni hi nnifisha u kkuntattjat il-kapijiet kollha ta' Djar tat-Tfal. Hi ltaqgħet ma' uffiċjali u ma' impjegati li jmexxu djar residenzjali għat-tfal. Il-Kummissarju ntqalilha ripetutament bil-ħtieġa li jkun hemm żieda fil-baġit biex tissupplementa n-numru ta' operaturi soċjali f'dan il-qasam li mabgħad ikunu f'qagħda li jwieġbu għan-numru dejjem jikber ta' tfal li qed jistennew li jitpoġġew f'familja. Ir-rapport ta' l-investigazzjoni, flimkien mar-rakkomandazzjonijiet li sarru, intbagħtu lill-awtoritajiet rilevanti.

b-Kien hemm komunikazzjonijiet mal-Ministru għall-Familja u s-Solidarjetà Soċjali, partikolarment fid-dawl ta' informazzjoni urġenti li waslet għand il-Kummissarju dwar il-kondizzjoni ħażina ta' tfal li jeħtieġu kura alternattiva. Minħabba n-nuqqas ta' postijiet f'għadd ta' faċilitajiet immexxijin mill-Knisja, numru ta' tfal li jeħtieġ li jinħarġu minn djarhom m'humiex jirċievu l-ħarsien dovut jew qed jintbagħtu l-Isptar Monte Carmeli.

Il-Kummissarju għandha pjaċir tinnota li f'Novembru 2006 saret xi allokazzjoni fil-baġit għat-twaqqif ta' faċilità żgħir biex tindirizza l-ħtiġijiet ta' tfal żgħar li jeħtieġu kura u attenzjoni speċjalizzati, u li kienu wkoll allokati fondi għal familji li jkunu se jiffosterjaw tfal bi mġiba sfidanti. Iżda għad ma wasal beda rispons ulterjuri fir-rigward tal-ħtieġa urġenti għal faċilitajiet ta' kura addizzjonali għal tfal u għat-tisħiħ ta' arranġamenti għall-kura ta' *fostering*. Dan hu ta' tħassib partikolari minħabba rakkomandazzjonijiet simili li saru fir-rapport ta' l-2005 meta r-rispons tal-Ministru għall-Familja u Solidarjetà Soċjali kien jikkonsisti fil-mogħdija tat-talba lil dawk li kienu qed iħejju l-abbozz tal-liġi dwar il-*fostering* li għad m'hux aċċessibbli meta qed jingħalaq dan ir-rapport għas-sena 2006.

**7. Tfal Ifittxu Asil**

Fil-21 ta' Ġunju 2006 l-Kummissarju żaret tfal immigranti li kien qed jikkampjaw ma'ommijiethom fil-beraħ barra mid-Depot tal-Pulizija fil-Furjana. Rapport ta' l-ispezzjoni tal-post mill-Kummissarju u l-laqgħa mal-Kummissarju tal-Pulizija ntbagħat lill-Ministru għall-Familja u Solidarjetà Soċjali bl-iskop li s-sitwazzjoni tensa tittaffa u jinsab rimedju għas-sitwazzjoni ta' akkomodazzjoni li kienet daqstant ta' dannu lil tfal żgħar u lit-tfal mhux imweldin involuti. Din is-sitwazzjoni ġiet solvuta iżjed tard fis-sena. M'għadx hemm persuni vulnerabbli, inklużi tfal, fid-Depot tal-Pulizija.

**8. Tfal u Trasport għall-Iskejjel**

Għadd ta' ġenituri avviċinaw lill-Kummissarju għat-Tfal biex juru t-tħassib tagħhom dwar it-trasport għall-iskejjel. Il-problema hija waħda kumplessa u l-problemi marbutin magħha huma wkoll numerużi. Fost l-aktar tħassib kbir hu l-ħin kmieni li ħafna tfal ikollhomjitilqu mid-dar fil-għodu u l-ħin tard meta jmorru lura. Hu wkoll ta' tħassib li wieħed jinnota li xi skejjel għadhom ma jipprovdux superviżjoni waqt it-trasport u tfal kienu vittmi ta' *bullying* jew kienu suġġetti għal vittimizzazzjoni, saħansitra mis-sewwieq.

Il-Kummissarju għat-Tfal ikkomunikat ma' l-awtoritajiet responsabbli mit-trasport għall-iskejjel fil-każ ta' skejjel tal-Knisja fejn il-problema fil-parti l-kbira tagħha m'hix regolata u ressqet is-suġġerimenti tagħha li qed jittieħdu f'konsiderazzjoni.

**9. Pro-Life Day, 5 ta' Frar 2006**

Il-Kummissarju għat-Tfal ingħaqdet ma' grupp ta' nies li mxew mill-Belt Valletta sa Tas-Sliema jġorru bżieżaq u slogans favur id-Dritt għall-Ħajja.

F'diskora fuq il-kultura tal-ħajja, il-Kummissarju rreferiet għall-ħtieġa tad-difiża tal-"wild innoċenti li qed jistenna li jitwieled." Hi ngħaqdet ukoll mal-Gift of Life Movement fit-talba tiegħu li d-Dritt tal-Ħajja għall-Wild mhux Imwieled ikun inkluż fil-Kostituzzjoni Maltija, billi rreferiet speċifikament għall-kwistjoni ta' l-abort.

**10. Ċentri għall-Kura tat-Tfal jew Kindergartens?**

F'Ottobru 2006 il-Kummissarju esprimiet it-tħassib tagħha li ċerti kindergartens privati li kienet żaret tul is-sena kienu qed jaċċettaw tfal saħansitra ta' sena u nofs u ma kinux jikkonformaw mar-regolamenti għaċ-Ċentri ta' Kura tat-Tfal għaliex kienu meqjusin bħala skola. Din is-sitwazzjoni twasslet għand il-Ministru għall-Familja u Solidarjetà Soċjali li apprezzat dan it-tħassib u ħadet nota tas-sitwazzjoni bil-għan li tkun regolata aħjar. Il-Ministru kompliet billi spjegat illi 'proċeduri ċari ta' monitoring u regolazzjoni kienu stabbiliti mill-Minsteru għal Familja u s-Solidarjeta Soċjali u l-Ministeru ta' l-Edukazzjoni, Żgħażagħ u Impjiegi kemm għal faċilitajiet għal tfal ta' taħt it-tlett snin u għal tfal ikbar minn tlett snin.

### 11. Rakkomandazzjonijiet lill-Ministeru ta' l-Edukazzjoni

**a. dwar kondizzjonijiet f'ċerti skejjel**

Fis-sena 2006 l-Kummissarju reġgħet żaret għadd ta' skejjel u għaddiet regolarment il-kummenti u x'sabet lill-Ministru ta' l-Edukazzjoni. Fir-rakkomandazzjonijiet tagħha hi tefgħet dawl qawwi fuq il-kondizzjonijiet tal-postijiet fejn jattendu xi studenti. Din il-komunikazzjoni taqbel ma' tħassib simili muri mid-Direttur ta' l-Edukazzjoni fil-każ ta' xi skejjel primarji li dwarhom il-Kummissarju għat-Tfal kienet diġà kitbet.

Dawn in-nuqqasijiet huma partikolament rilevanti fil-kuntest ta' proġett li daħal għalih l-Uffiċċju tal-Kummissarju għat-Tfal dwar id-dritt tat-tfal għal-logħob. Filwaqt li l-Kummissarju għandha pjaċir tinnota li għadd ta' skejjel qed ikunu rranġati jew mibnija b'mod li jkun żgurat li jkollhom faċilitajiet mill-aktar moderni, fl-istess ħin hija mħassba li jista' jkun li għadd ta' studenti li qatt ma jistgħu jkunu integrati fis-sistema tal-kulleġġi ma jkunux jistgħu jgawdu minn dan it-titjib.

**b. dwar kwistjonijiet ta' *statementing***

Il-Kummissarju għat-Tfal kitbet lill-Ministru ta' l-Edukazzjoni fit-12 ta' Ottubru 2006 biex tgħidlu bit-tħassib dwar l-impatt ta' nuqqas ta' deċiżjoni ta' politika fuq il-ħatra ta' *facilitators*. Wara għadd ta' riferimenti minn ġenituri ta' tfal li qed jistennew deċiżjoni mill-iStatementing Board li kien ilu wieqaf xhur sħaħ, l-Uffiċċju tal-Kummissarju għat-Tfal ħeġġet lill-Ministeru biex jiffinalizza politika ġdida biex jagħti direzzjoni ċara lit-tfal li kienu jeħtieġu attenzjoni speċjali fil-klassi. Fir-rigward ta' kwistjonijiet simili, il-Kummissarju għat-Tfal għaddiet ukoll lill-Ministru ta' l-Edukazzjoni ittra mingħand id-Dyslexia Association.

**ċ. dwar eżaijiet**

Il-Kummissarju għat-Tfal kitbet lill-Ministru ta' l-Edukazzjoni fil-5 ta' Lulju 2006 biex twassallu t-tħassib ta' 76 student u studenta li kienu ħadu sehem f'Live-In organizzat mill-uffiċċju tal-Kummissarju. It-tħassib kien jirrigwarda t-*time-frames* proposti għall-eżamijiet tas-SEC fid-dawl tal-Master Review Report u kienu prinċipalment jiċċentraw fuq tliet punti:

1. L-eżamijiet setgħu jaslu biex isiru fi tmiem Ġunju meta t-temp ikun sħun ħafna
2. Riparatorji setgħu jaslu biex isiru f'Diċembru u r-riżultati jkunu ppublikati f'Jannar meta jkun tard wisq biex wieħed jibda kors fl-MCAST, l-ITS jew l-Università
3. Riparatorji setgħu jaslu biex ma jsiru xejn bil-konsegwenza li student jew studenta jitilfu sena sħiħa edukazzjoni meta huma jkunu weħlu minn eżami wieħed biss.

**d. Suġġerimenti ta' politika lid-DG Edukazzjoni u lid-Delegat ta' l- Arċisqof għall-Iskejjel tal-Knisja dwar Jiem l-Isport**

Wara li pparteċipat f'Jum l-Isport li sar tard fir-Rebbiegħa minn waħda mill-Iskejjel tal-Knisja, il-Kummissarju kitbet lil Patri Scerri OP, Delegat ta' l- Arċisqof għall-Iskejjel tal-Knisja u rrikkmandat li minħabba s-sħana li jħossu kemm l-istudenti u kemm l-għalliema f'jum partikolarment sħun, Jiem l-Isport jiċċaqilqu minn Mejju għal tmiem Marzu biex wieħed jevita temp sħun.

Il-Kummissarju ssuġġeriet ukoll li jekk qrib tmiem Marzu jkun hemm ir-riskju ta' temp ikrah, jista' jitfassal pjan ta' kontinġenza biex il-Jum l-Isport isir f'Kumpless Sportiv lokali. Suġġeriment ieħor kien li Jiem l-Isport setgħu jsiru tard wara nofsinhar flok fil-għodu biex tkun evitata l-qawwa tax-xemx. Patri Scerri laqa' tajjeb is-suġġeriment u wiegħed li jiddiskutih mal-Kapijiet ta' l-Iskejjel tal-Knisja.

Il-Kummissarju bagħtet ukoll lid-Direttur Ġenerali tad-Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni suġġeriment simili għal skejjel statali u indipendenti.

### 12. Tfal u Adozzjoni

Il-Kummissarju għat-Tfal irċeviet għadd ta' suġġerimenti dwar proċeduri u spejjeż konnessi ma' adozzjoni. Tħassib li ntwera relatat ma' *screening* f'livell ta' aġenziji, spejjeż, kura wara l-adozzjoni, tiftix eċċ. għad irid ikun indirizzat. Wara li kkomunkat ma' l-awtoritajiet, il-Kummissarju kienet mgħarrfa (mill-ġdid) li emendi kienu waslu għall-publikazzjoni imminenti iżda sakemm dan ir-rapport kien finallizzat ebda tnedija ta' dix-xorta ma kienet saret.

### 13. Tfal il-Qorti

Il-Kummissarju għat-Tfal irċeviet għadd ta' rapporti minn tfal u/jew ġenituri tagħhom dwar l-esperjenza fil-Qorti u dak li jiġri warajha. It-tfal kienu partikolarment ċari dwar l-esklużjoni tagħhom minn kwistjonijiet li għandhom x'jaqsmu ma' l-allokazzjoni tal-kustodja u arranġamenti għal aċċess. Il-Kummissarju ltaqgħet ma' tfal f'diversi sitwazzjoni u rċeviet ittri u messaġġi elettroniċi li fihom qasmu magħha l-esperjenzi tagħhom waqt li lmentaw mill-fatt li l-aċċess primarjament hu fl-interess tal-ġenituri u mhux tat-tfal. F'każ partikolari wieħed it-tfal li ripetutament irrifjutaw li jżuru lill-missier u l-omm kienu sentenzjati għal 3 ġimgħat priġunerija. Hu ċar li l-problema trid tqis ix-xewqat tat-tfal f'kull stadju tal-proċess.

Il-Kummissarju għat-Tfal ltaqgħet ma' wieħed mill-Imħallfin tal-Qorti tal-familja u kellha għadd ta' laqgħat maż-żewġ Avukati għat-Tfal maħturin bħalissa fuq bażi *part-time* biex jiżnu s-sitwazzjoni b'mod aktar komplet. Jidher li

r-rappreżentanza tat-tfal fil-qorti għadha teħtieġ ħafna attenzjoni jekk trid tassew isservi fl-aħjar interess tat-tfal kif imfisser fl-Artikolu 12 tal-Konvenzjoni tan-NU fuq id-Drittijiet tat-Tfal (u l-Konvenzjoni Ewropea fuq l-Eżerċizzju tat-Drittijiet tat-Tfal li Malta ffirmat iżda għad ma rratifikatx).

L-Uffiċċju tal-Kummissarju għat-Tfal ħa sehem ukoll fis-Second Judicial Hague Conference on Cross Country Issues li ttrattat speċifikament kwistjonijiet ta' kustodja meta wieħed mill-ġenituri jgħix jew ikun qed jipproponi li jgħix f'pajjiż terz barra minn Malta; kwistjoni li tinqala' spiss fil-kuntest lokali.

### 14. Strateġija Proposta għall-Programmi ta' Kwalita' għat-Tfal

L-Uffiċċju tal-Kummissarju għat-Tfal iddedika ħafna ħin u enerġija biex iwassal fi tmiemu proġett fuq l-introduzzjoni ta' Programmi ta' Kwalità għat-Tfal. Il-proġett sar flimkien mill-Uffiċċju tal-Kummissarju għat-Tfal u l-Awtorità tax-Xandir. Saru għadd sewwa ta' laqgħat u konferrnza pubblika (f'Ġunju 2006) biex qabel ma jkun abozzat id-dokument finali jkunu ttieħdu r-reazzjonijiet ta' persuni esperti f'dan il-qasam.

L-idea prinċipali tax-xogħol kienet lit kun inkoraġġita strateġija li għandha tkun adottata mill-Parlament f'forma ta' leġiżlazzjoni.

Din għandha sservi biex tikkonsolida liġijiet eżistenti u ddaħħal dispożizzjonijiet ġodda li jindirizzaw kwistjonijiet tax-xandir relatati mat-tfal. L-objettiv u r-raġunijiet ta' din il-liġi huma li tittejjeb il-kwalità ta' programmer ta' xandir għat-tfal. (Dokument D).

### 15. Tfal bi Mġiba Diffiċli Ħafna

F'April 2006 l-Uffiċċju tal-Kummissarju għat-Tfal kienet organizza Konferenza Nazzjonali fuq Tfal bi Mġiba Diffiċli Ħafna. Din wasslet fi tmiemu proġett li sar f'isem il-Kummissarju għat-Tfal, u li nbeda f'Ġunju 2005, li kien jinvolvi għadd imdaqqas ta' persuni esperti u reazzjonijiet minn tfal li wkoll kienu involuti fir-riċerka.

Il-konferenza nidiet ukoll ir-riżultati f'format ta' ktieb li ta żewġ verżjonijet: format għall-kbar u ieħor addattat għat-tfal. Il-Prim Ministru u l-Ministru għall-Familja u s-Solidarjetà Soċjali kienu preżenti, flimkien ma' għadd ta' mistednin distinti, biex jisimgħu l-konklużjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet.

Il-Kummissarju kienet mgħarrfa li twaqqaf Grupp ta' Ħidma Inter-Ministerjali biex jikkunsidra l-konklużjonijiet, u li kien ġie identifikat ċentru żgħir biex iwieġeb għall-ħtiġiet ta' tfal bi mġiba diffiċli ħafna. Filwaq li dan hu ta' min ifaħħru, għad hemm pendenti tħassib fuq it-trattament ta' tfal bi mġiba sfidanti ħafna fl-ambjent ta' l-iskola u r-reazzjoni persistenti li tfal (saħansitra ta' sitt snin biss) u żgħażagħ jintbagħtu l-Isptar Psikjatriku Monte Carmeli meta t-tqegħid f'post ieħor ifalli. Il-Kummissarju tittama li r-rakkomandazzjonijiet dettaljati l-oħra ppubblikati jkunu indirizzati bla dewmien.

### Dokument A: Stqarrija għall-Istampa

## Stqarrija għall-Istampa mill-Kunsill għat-Tfal fuq il-ħarsien mill-Pedofilija f'Malta

2 ta' Awissu, 2006

Il-Kunsill għat Tfal jaħdem biex jippromwovi d-drittijiet tat-tfal f'kull xorta ta' kuntest u hu kommess li jħarsihom minn sitwazzjonijiet li jistgħu jagħmlulhom ħsara.

Kwistjoni li dan l-aħħar kienet diskussa fil-Kunsill hija l-fenomenu tal-pedofilija. Filwaqt li jagħraf id-drittijiet taċ-ċittadini għal proċess ġust u wkoll il-ħtieġa ta' intervent professjonali xieraq, il-Kunsill għandu l-prijorità li jiddiskuti, jissuġġerixxi u jitlob għal modi ġodda biex iħares lit-tfal minn kull forma ta' abbuż, inkluża l-pedofilija.

Il-Kunsill qies oqsma differenti tas-soċjetà li huma frekwentati mit-tfal, bħal skejjel, klassijiet ta' edukazzjoni reliġjuża, faċilitajiet sportivi, sessjonijiet tal-palk, mużika u arti, u wkoll attivitajiet soċjali. Kien innutat li filwaqt li hemm ċerti liġijiet, bħall-Att dwar l-Edukazzjoni u l-Att dwar l-Isport, li jirregolaw uħud minn dawn l-attivitajiet, jidher ċar li għandu jkun hemm aktar leġiżlazzjoni li tħares aħjar lit-tfal.

Proposta konkreta waħda li tkun tapplika għal medda ta' żmien qasir u li l-Kunsill jixtieq jissuġġerixxi hija emenda għal-liġi Maltija li tkun tobbliga lill-prinċipali li jgħarblu minn qabel impjegati f'dan il-qasam. Il-membri jaqblu ma' ċerti entitajiet li jitolbu ċertifikat ta' kondotta tajba li hu obbligatorju meta wieħed japplika għal xogħol magħhom; madankollu għandu jkun innutat li dan iċ-ċertifikat ikopri biss ix-xhur li jiġu qabel id-data ta' l-applikazzjoni. Il-Kunsill qed jipproponi lill-Gvern li għandu jkun obbligatorju għal dawk

kollha li jimpjegaw nies biex jaħdmu mat-tfal li jitolbu l-fedina penali sħiħa ma' l-applikazzjoni. Hekk, jekk ikun hemm record kriminali ta' abbuż tat-tfal jew ta' pedofilija, ikun magħruf minn qabel ma jinbeda l-impjieg. Din l-emenda legali titlob ukoll strutturi addattati biex dan ir-regolament ikun infurzat. Il-Kunsill jixtieq ifaħħar din il-prattika tajba li diġà qed tkun implimentata minn xi organizzazzjonijiet.

Il-Kunsill hu konvint li ċ-ċittadini kollha jagħrfu li għandu jsir kull ma hu possibbli biex jitħares id-dritt tat-tfal li jikbru f'serħan il-moħħ, bla ċirkustanzi li jqiegħdu fil-periklu l-eżistenza, il-potenzjal u l-iżvilupp tat-tfal.

**Dokument B: Emendi Proposti mill-Kummissarju għall-Att dwar il- Kummissarju għat-Tfal**

| Kap 462 tal-Liġijiet ta' Malta | Raġuni għall-Proposta | Emenda Proposta |
|---|---|---|
| **1. Interpretazzjoni** | | |
| **Artikolu 2.** "Kummissarju" tfisser il-Kummissarju għat-Tfal maħtur taħt l-artikolu 3 u tinkludi lil kull uffiċjal li jinħatar biex jassisti lill-Kummissarju u li jkun awtorizzat minnu għal dak l-iskop. | L-Uffiċċju tal-Kummissarju għat-Tfal intrinsikament hu istituzzjoni għad-drittijiet umani imma m'hemmx referenza għal dan fil-liġi. | **Artikolu 2.** "Kummissarju għat-Tfal" tfisser il-persuna maħtura taħt l-Artikolu 3 biex ikun il-kap ta' istituzzjoni għad-drittijiet umani stabbilita għall-parteċipazzjoni, promozzjoni u ħarsien tad-drittijiet tat-tfal u jinkludi kull uffiċjal assenjat biex jgħin lill-Kummissarju u awtorizzat minnu għal dak l-iskop. |
| **2. Ħatra** | | |
| **Artikolu 3.** (1) Ikun hemm Kummissarju għat-Tfal li jinħatar mill-Prim Ministru wara konsultazzjoni mal-Kumitat. | Il-Kummissarju, idealment, għandu jinħatar b'manjiera professjonali, trasparenti u li tinftiehem mit-tfal.<br>(i) Il-liġi għandha titlob li l-kariga timtela wara li tinħareġ espressjoni ta' interess pubblikament. Idealment, il-bord li jintervista għandu jkun magħmul minn kampjun rappreżentattiv wiesa' ta' persuni involuti fil-qasam tat-tfal, u jkun jinkludi lit-tfal u ż-żgħażagħ infushom. Din kienet il-prattika f'ħatriet reċenti ta' Kummissarji għat-Tfal fl-Ewropa u tfaħħret pubblikament mill-Kumitat tan-NU għad-Drittijiet tat-Tfal. Lista qasira tkun ippreżentata lill-Prim Ministru li, wara konsultazzjoni mal-Kumitat għall-Affarijiet Soċjali, jagħmel il-ħatra. | **Artikolu 3.** (1) Ikun hemm Kummissarju għat-Tfal li għandu jinħatar mill-Prim Ministru wara konsultazzjoni mal-Kumitat, wara sejħa għal applikazzjonijiet u intervisti minn Bord magħmul minn tfal u persuni involuti direttament fil-qasam tat-tfal maħturin apposta mill-Prim Ministru. |
| **Artikolu 6.** (1) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (2), il-Kummissarju għandu jibqa' fil-kariga għal żmien tliet snin u għandu jkun eliġibbli biex jerġa' jinħatar mill-ġdid meta jiskadi dak iż-żmien tal-kariga. | (ii) Art 6 jispeċifika ħatra għal 3 snin waqt li Kummissarji Ewropej oħra għat-Tfal jinħatru għal perjodu minimu ta' ħames snin fuq bażi full time. | **Artikolu 6.** (1) Soġġett għad-dispożizzjonijiet tas- subartikolu (2), il-Kummissarju għandu jibqa' fil-kariga għal żmien ħames snin u għandu jkun eliġibbli biex jerġa' jinħatar mill-ġdid meta jiskadi dak iż-żmien tal-kariga. |
| **3. Independenza fil-Funzjonijiet** | | |
| **Artikolu 4.** Fl-eżerċizzju tal-funzjonijiet stabbiliti taħt dan l-Att, il-Kummissarju għandu jaġixxi indipendentement u ma għandu jkun soġġett għad-direzzjoni jew il-kontroll ta' ebda persuna jew awtorità oħra. | It-teorija li trieġi dan l-Artikolu ta' min ifaħħarha. Iżda l-liġi ma pprovdietx għall-indipendenza loġistika ta' l-Uffiċċju tal- Kummissarju, partikolarment in vista tal-lista ta' funzjonijiet assenjati lill-Kummissarju fl-Artikolu 11. Fil-fatt il-liġi ma tirreferi b'ebda mod għall-Uffiċċju tal-Kummissarju. Minħabba | **Artikolu 4 A.** (1) Soġġett għad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att, il-Kummissarju jista' jaħtar dawk l-uffiċjali u impjegati skond kif ikun meħtieġ għall-qadi tal-funzjonijiet, setgħat u dmirijiet taħt dan l-Att. Din is-setgħa li jaħtar tinkludi l-approvazzjoni ta' l-għadd ta' persuni |

| Kap 462 tal-Liġijiet ta' Malta | Raġuni għall-Proposta | Emenda Proposta |
|---|---|---|
| **Artikolu 11.** Bil-għan li jippromwovi l-ġid tat-tfal u jżomm kontroll kontinwu fuq il-kondizzjonijiet li taħthom it-tfal jiżviluppaw, il-Kummissarju għandu:<br>(a) jipprovdi edukazzjoni u informazzjoni pubblika maħsuba biex jippromwovu kull għarfien tad-drittijiet tat-tfal;<br>(b) jagħti bidu għal miżuri biex jiġu asseriti d-drittijiet u jinġiebu 'l quddiem l-interessi tat-tfal;<br>(ċ) jiġbor informazzjoni u jinvestiga kull ksur allegat tad-drittijiet tat-tfal inkluża l-mewt ta' xi tifel jew tifla jekk il-Kummissarju jqis li investigazzjoni bħal dik tkun meħtieġa;<br>(d) jistabbilixxi standards li għandhom jiġu applikati minn ministeri, dipartimenti jew aġenziji tal-Gvern sabiex jiġi żgurat li l-proċessi ta' reviżjoni interni tagħhom ikunu jwieġbu għall-ilmenti dwar deċiżjonijiet li jkollhom x'jaqsmu ma' l-għoti ta' servizzi maħsubin għat-tfal;<br>(e) jikkontrolla dwar jekk il-ministeri, id-dipartimenti jew l-aġenziji tal-Gvern imsemmija fil-paragrafu (d) jkunux qegħdin jilħqu l-istandards stipulati taħt dak il-paragrafu;<br>(f) jiġbor informazzjoni, u jmexxi jew jinkoraġġixxi riċerka dwar materji rilevanti għas-servizzi għat-tfal;<br>(g) jiżgura li dawk is-servizzi fir-rigward tat-tfal ikunu:<br>(i) aċċessibbli,<br>(ii) bbażati fil-komunità,<br>(iii) koordinati u integrati,<br>(iv) inklużivi ta' sess, kultura u lsien,<br>(v) jwieġbu għal ħtiġiet individwali;<br>(h) jipprovdi edukazzjoni u informazzjoni pubblika maħsubin biex jippromwovu għarfien tal-ħidma tal-Kummissarju, u jistieden kummenti mill-pubbliku fuqu;<br>(i) jikkontrolla u jistma kull policy u prattika ta' servizzi ta' welfare soċjali li jolqtu lit-tfal;<br>(j) jiżgura li l-leġiżlazzjoni relatata mal-ħarsien ta' l-interessi tat-tfal tiġi osservata;<br>(k) jaġixxi ta' portavuċi għad-drittijiet, ħtiġiet u interessi tat-tfal u joħroġ bi proposti għal miżuri li jistgħu jsolvu jew jipprevjenu konflitti bejn it-tfal u s-soċjetà;<br>(l) jagħti pariri lill-Gvern u jipproponi lill-Gvern dawk il-miżuri li jistgħu jkunu meħtieġa sabiex ikun jista' jiġi pprovdut dwar id-drittijiet u l-interessi tat-tfal. | dan il-vojt l-Uffiċċju hu dipendenti ħafna fuq il-Ministeru għall-Familja u s-Solidarjetà Soċjali. Il-Kummissarju ma jistax jinpiega persuni fl-uffiċċju tiegħu, ma jistax jagħżel il-binja tiegħu, ma jistax jistaqsi direttament għall-finanzi tiegħu stess, u lanqas biss jista' jagħżel f'liema konferenzi barra minn Malta jipparteċipa. Dawn ir-restrizzjonijiet għandhom effett negattiv fuq il-promozzjoni u s-sorveljanza meħtieġa tad-drittijiet tat-tfal. Dispożizzjoni separata għar-reklutaġġ, ħatra u tkeċċija ta' impjegati għandha tiżdied mal-Liġi prinċipali. | li jistgħu jinħatru taħt din it-taqsima kemm b'mod ġenerali jew fir-rigward ta' xi dmirijiet jew klassijiet ta' dmirijiet speċifiċi, is-salarji u l-kondizzjonijiet tal-ħatra tagħhom.<br>(2) Il-Kummissarju jista' fit-tmexxija ta' investigazzjoni jimpjega, f'kapaċità konsultattiva, xi persuna li l-esperjenza partikolari tagħha hija essenzjali biex l-investigazzjoni ssir b'mod effettiv.<br>(3) Soġġett għad-dispożizzjonijiet ta' din it-taqsima, il-Kummissarju għandu jkun responsabbli mill-approvazzjoni tal-livell ta' tagħmir kapitali, għamara, materjali u attivitajiet amministrattivi għall-qadi tal-funzjonijiet, setgħat u dmirijiet taħt dan l-Att.<br>(4) Il-finanzi meħtieġa għas-salarju u allowances, u għar-riżorsi deskritti fis-sotto-taqsimiet (1), (2) u (3) ta' din it-taqsima m'għandhomx jaqbżu l-ammont indikat fil-pjan tal-Kummissarju approvat mill-Kamra tar-Rappreżentanti u għandu jkun iddebitat lill-Fond Konsolidat bla ebda approprjazzjoni ulterjuri ħlief għal dan l-Att:<br>Iżda l-Kummissarju għandu jippreżenta lill-Kamra, sal-15 ta' Settembru ta' kull sena, pjan tal-Kummissarju li jkun jindika l-attivitajiet għas-sena li tkun ġejja.<br>(5) Il-kontijiet ta' l-Uffiċċju tal-Kummissarju għandhom jiġi verifikati mill-Awditur Generali u l-Att dwar Amministrazzjoni Finanzjarja u l-verifika għandu japplika.<br><br>**Artikolu 4B**<br>Il-Prim Ministru jista', wara talba mill-Kummissarju, minn żmien għal żmien jordna li xi uffiċjali pubbliċi jkunu assenjati dmirijiet ma' l-Uffiċċju tal-Kummissarju f'dik il-kapaċità u b'seħħ minn dik id-data skond kif jista' jkun speċifikat fl-ordni.<br>(5) Il-perjodu li tulu l-ordni kif imsemmi għandu japplika għal xi uffiċjali speċifikati fiha għandu, sakemm l-uffiċjali ma jirtirawx mis-servizz pubbliku, jew b'xi mod ieħor ma jibqgħux uffiċjali pubbliċi f'data li tiġi qabel, jintemm fid-data speċifikata fl-ordni jew meta jiġri xi wieħed mill-avvenimenti li ġejjin, jiġifieri -<br>(a) l-aċċettazzjoni minn uffiċjali pubbliċi ta' offerta ta' impjieg permanenti ma' l-Uffiċċju tal-Kummissarju; jew<br>(b) ir-revoka mill-Prim Ministru ta' xi ordni magħmula minnu/minnha taħt dan l-Artikolu fir-rigward ta' tali uffiċjali. |

| Kap 462 tal-Liġijiet ta' Malta | Raġuni għall-Proposta | Emenda Proposta |
|---|---|---|
| | | (6) Meta uffiċjal pubbliku jkun assenjat għal xogħol ma' l-Uffiċċju tal-Kummissarju taħt dan l-Artikolu, dak l-uffiċjal, tul iż-żmien kollu li l-ordni tibqa' fis-seħħ fir-rigward tiegħu/tagħha biex hu jkun taħt l-awtorità amministrattiva u l-kontroll tal-Kummissarju, iżda għal kull skop ieħor hu jibqa' u jkun ittrattat bħala uffiċjal pubbliku u bla preġudizzju għall-ġeneralità ta' dak li ntqal hawn fuq tali uffiċjal pubbliku:<br>(a) m'għandux tul iż-żmien li fih hu jew hi huma hekk assenjati -<br>(i) ikun prekluż milli japplika għal trasferiment għal dipartiment tal-Gvern skond it-termini u kondizzjonijiet tas-servizz konnessi mal-ħatra tiegħu mal-Gvern li jkollu f'dik id-data li fiha tali uffiċjal kien assenjat għax-xogħol; jew<br>(ii) ikun impjegat b'mod li r-rimunerazzjoni tiegħu jew tagħha u l-kondizzjonijiet tas-servizz huma inqas favorevoli minn dawk li huma konnessi mal-ħatra mal-Gvern li jkollu tali uffiċjal fid-data li fiha l-uffiċjal kien hekk assenjat jew kienet se tkun assenjata tul il-perjodu msemmi kieku tali uffiċjal ma kienx hekk assenjat. |
| **4. Ħatra, Tneħħija, Sospensjoni u Riżenja** | | |
| **Artikolu 7.** Kummissarju jista' f'kull żmien jitneħħa jew ikun sospiż mill-kariga mill-Prim Ministru wara konsultazzjoni mal-Kumitat għal raġunijiet ta' nuqqas ta' kapaċità bil-provi biex jaqdi l-funzjonijiet ta' l-uffiċċju ta' Kummissarju (kemm jekk dan jirriżulta minn debulizza tal-ġisem jew tal-moħħ jew minn xi kawża oħra) jew għal imġiba ħażina bil-provi:<br>Iżda jekk il-Kumitat ma jkunx kostitwit jew jekk il-Parlament ma jkunx qed jiltaqa', il-Kummissarju jista' jkun sospiż mill-kariga mill-Prim Ministru, li jaġixxi skond id-diskrezzjoni tiegħu nnifsu, minħabba nuqqas ta' ħila li jaqdi l-funzjonijiet ta' l-uffiċċju jew minħabba mġiba ħażina bil-provi għas-sodisfazzjon tal-Prim Ministru, imma dik is-sospensjoni m'għandhiex tibqa' fis-seħħ għal żmien aktar minn xahrejn minn meta jiġi kostitwit il-Kumitat u jkun qed jiltaqa' l-Parlament.<br><br>**Artikolu 6.** (3) Il-Kummissarju jista' f'kull żmien jirriżenja mill-kariga tiegħu billi jikteb lill-Ministru. | Ħatra, tneħħija jew sospensjoni tal-Kummissarju jistgħu jsiru mill-Prim Ministru wara konsultazzjoni mal-Kumitat għal Affarijiet Soċjali. Fil-każ ta' riżenja, il-Kummissarju għandu jirreferi lill-Ministru tal-Familja. L-emenda proposta għandha ġġib kull azzjoni taħt l-Uffiċċju tal-Prim Ministru. | **Artikolu 6.** (3) Il-Kummissarju jista' f'kull żmien jirriżenja mill-kariga billi jikteb lill-Prim Ministru. |

| Kap 462 tal-Liġijiet ta' Malta | Raġuni għall-Proposta | Emenda Proposta |
|---|---|---|
| **5. Prinċipji Gwida** | | |
| **Artikolu 10.** Il-Kummissarju għandu jkollu bi gwida dawn il-prinċipji ġenerali li ġejjin:<br>(a) li l-aqwa interessi tat-tfal u tal-familja jiġu l-ewwel u qabel kollox; | Il-Kummissarju għandu jkollu bi gwida l-aqwa interessi tat-Tfal. Fit-twettieq tal-prinċipju li l-interessi tat-tfal jiġu l-ewwel u qabel kollox, kien hemm każijiet ta' konflitti bejn l-interessi tat-tfal u dawk tal-familja. | **Artikolu 10.** Il-Kummissarju għandu jkollu bi gwida dawn il-prinċipji ġenerali li ġejjin:<br>(a) li l-aqwa interessi tat-tfal jiġu l-ewwel u qabel kollox; |
| **6. Kunsill għat-Tfal** | | |
| **Artikolu 12.** (1) Għandu jkun hemm Kunsill għat-Tfal maħtur mill-Ministru sabiex jgħin lill-Kummissarju, magħmul mill-Kummissarju li jippresjedi u sitt membri oħra kif ġej:<br>(a) persuna waħda maħtura mill-Ministru;<br>(b) persuna waħda maħtura mill-Ministru responsabbli għas-Saħħa;<br>(ċ) persuna waħda maħtura mill-Ministru responsabbli għall-Edukazzjoni;<br>(d) persuna waħda maħtura mill-Ministru responsabbli għall-Intern;<br>(e) persuna waħda maħtura mill-Ministru responsabbli għall-Ġustizzja; u<br>(f) il-president tal-Kumitat.<br><br>-omissis- | Il-kompożizzjoni tal-Kunsill kienet primarjament maħsuba bħala għajnuna "biex tgħin" lill-Kummissarju, iżda l-istruttura li rriżultat wasslet għal sitwazzjonijiet li ma kinux previsti fil-liġi. Xi drabi membri tal-Kunsill talbu li jkunu skużati milli jgħinu lill-Kummissarju għar-raġuni li dan ikun f'konflitt mal-pożizzjoni tagħhom fil-Ministeru rispettiv tagħhom. L-emendi li ġejjin, għalhekk, instab li huma neċessarji.<br>a. ħatra – din issir mill-Ministru u mhux mill-Kummissarju.<br>Qed jiġi suġġerit li l-Kummissarju jagħmel l-għażla jew li l-Prim Ministru jaħtar wara jiġu konsultazzjoni mal-Kummissarju.<br>b. funzjonijiet– il-funzjonijiet tal-Kunsill huma li jagħti pariri u jgħin lill-Kummissarju li jippresiedi lill-istess Kunsill. Il-membri kollha għandhom jagħrfu li deċiżjonijiet finali jittieħdu indipendentement mill- Kummissarju wara li jingħata dan il-parir. It-test oriġinali tal-liġi fl- Artikolu 12(6) jikkaġuna duplikazzjoni ta' funzjonijiet li ma twettqux mill-Kunsill. | Artikolu 12. (1)<br>Għandu jkun hemm Kunsill għat-Tfal maħtur mill-Prim Ministru, wara konsultazzjoni mal-Kummissarju, sabiex jgħin lill-Kummissarju, magħmul mill-Kummissarju li jippresjedi u erba' membri oħra kif ġej:<br>(a) persuna waħda maħtura mill-Ministru għall-Familja u s-Solidarjetà Soċjali;<br>(b) persuna waħda maħtura mill-Ministru responsabbli għas-Saħħa;<br>(c) persuna waħda maħtura mill-Ministru responsabbli għall-Edukazzjoni;<br>(d) persuna waħda maħtura mill-Ministru responsabbli għall-Ġustizzja u Affarijiet Interni;<br>(e) – omissis-<br>Il-President tal-Kumitat għal Affarijiet Soċjali għandu jkun mistieden sabiex jattendi l-laqgħat kollha tal-Kunsill biex jaġixxi ta' rabta effettiva bejn il-Kunsill tat-Tfal u l-Kamra tar-Rappreżentanti. |
| (6) Il-funzjonijiet tal-Kunsill ikunu:<br>(a) li jissorvelja li jkun hemm konformità mal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet tat-Tfal kif ratifikata minn Malta u ma' kull trattat, konvenzjoni u ftehim internazzjonali simili ieħor li jkollhom x'jaqsmu mat-tfal kif ikunu jew jistgħu jiġu ratifikati jew xort'oħra Malta taderixxi għalihom;<br>(b) b'mod ġenerali biex jagħti pariri u jgħin lill-Kummissarju fil-qadi tal-funzjonijiet tal-Kummissarju kif elenkati f'dan l-Att;<br>(ċ) biex jagħti pariri u jgħin lill-Kummissarju fil-promozzjoni tal-welfare tat-tfal kif speċifikat fl-Artikolu 11. | c. Il-Ministeru għall-Ġustizzja u Affarijiet Interni għandu żewġ rappreżentanti meta wieħed ikun biżżejjed<br>d. President tal-Kumitat – għalkemm l-intenzjoni li jinħatar president tal-Kumitat kienet bla dubju biex torbot il-Kumitat u ż-żewġ naħat tal-Kamra tar-Rappreżentanti, wieħed ikollu jistaqsi kemm dan ir-rwol qed jitħaddem b'mod effettiv bħalissa.<br><br>Hemm dubju kemm il-president tas-SAC jirrapporta b'mod sħiħ lill-membri tal-Kumitat SAC fuq l-attivitajiet tal-Kunsill, u sat-30 ta' Settembru 2006 l-Kummissarju ma kinitx għadha ġiet mistiedna tippreżenta r-rapport annwali (2005) lill-Kumitat. Kienu wkoll reġistrati konflitti ta' interess. Eżempju lampanti kien meta l-president tal-Kumitat u membru tal-Kunsill ippreżenta lilu nnifsu fit-tnedija tar-rapport annwali tal-Kummissarju flok il-Ministru tal-Familja | (6) Il-funzjonijiet tal-Kunsill ikunu b'mod ġenerali biex jagħti pariri u jgħin lill-Kummissarju fil-qadi tal-funzjonijiet tal-Kummissarju kif elenkati f'dan l-Att. |

**Dokument C: Kwistjonijiet Pendenti mill-Kumitat tan-Nazzjonijiet Uniti fuq il-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet tat-Tfal, Rapport ta' Malta**

## Rakkomandazzjonijiet tal-Kumitat CRC* magħmulin nhar it-28 ta' Ġunju 2000 wara r-rapport ta' Malta sottomess taħt l-Artikolu 44 tal-Konvenzjoni (CRC) tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet tat-Tfal

CRC/C/15/Add.129 (Osservazzjonijiet/Kummenti Konklużivi)

### A. Taħt it-titolu Miżuri Ġenerali ta' Implimentazzjoni

#### 1. Riserva għal Artikolu 26 u kumment ġenerali

Riserva mneħħija fis-sena 2002 meta l-Onor. Helen D'Amato marret għall-UNGASS fuq it-tfal fi New York. Hi qalet:

> *"... wara l-laqgħa mal-Kumitat CRC ittieħdu inizjattivi ulterjuri biex jiggarantixxu d-drittijiet tat-tfal, fosthom l-irtirar tar-riserva waħdanija tagħna għal Artikolu 26. Tul is-snin li għaddew Malta daħlet għal taqliba mill-qiegħ fis-settur tal-kura tat-tfal. Bħala president tal-Kumitat għal Affarijiet Soċjali fil-Parlament, kienet ir-responsabbiltà tiegħi fl-1998/99 li nara sewwa s-servizzi li kien hemm għal tfal fil-bżonn u f'riskju. Ittieħed ħafna ħin fis-smigħ ta' dawk kollha involuti, inklużi t-tfal. L-introduzzjoni ta' Uffiċċju ta' l-Avukat għat-Tfal u t-twaqqif ta' Qorti tal-Familja għandhom jiżguraw rappreżntazzjoni legali lit-tfal. L-Att dwar it-Tfal għandu jinkorpora l-liġijiet kollha li għandhom x'jaqsmu mat-tfal u jikkonsolida r-regolamenti eżistenti. Abbozz ta' Liġi li jwaqqaf l-Uffiċċju tal-Kummissarju jew Ombudsman għat-Tfal mistenni jkun pilotat dalwaqt…"*

L-Att dwar it-Tfal imsemmi baqa' ma ħariġx u r-rappreżentanza legali għat-tfal għadha fl-istadji bikrin ħafna tagħha.

#### 2. Status tal-Konvenzjoni u inkorporazzjoni fil-leġiżlazzjoni domestika

Is-CRC għandha ma ġietx inkorporata fil-leġiżlazzjoni domestika b'Att tal-Parlament (kif sar fil-każ tal-Konvenzjoni Ewropea fuq id-Drittijiet tal-Bniedem).

#### 3. Koordinament u sorveljanza

Id-Dipartiment għal Standards ta' Ħarsien Soċjali qed jitwaqqaf bil-mod il-mod iżda għad m'hux jiffunzjona bis-sħiħ biex jistabbilixxi standards u jikkontrolla l-faċilitajiet kollha għat-tfal.

L-Uffiċċju tal-Kummissarju għat-Tfal twaqqaf iżda għad ma jissodisfax ir-rakkomandazzjoni magħmula mill-Kumitat CRC "Il-Kumitat jinkoraġġixxi lill-Istat li jistabbilixxi mekkaniżmu indipendenti (e.g. Ombudsperson għat-Tfal) biex isaħħaħ il-kontroll ta' l-implimentazzjoni tal-Konvenzjoni. Il-Kumitat jissuġġerixxi li dan il-mekkaniżmu jkun magħmul aċċessibbli faċilment għat-tfal u li jittratta lmenti ta' vjolazzjoni tad-drittijiet tagħhom b'mod li t-tfal jifhmuh malajr u jipprovdi rimedji effettivi għal vjolazzjonijiet ta' din ix-xorta. Il-Kumitat jissuġġerixxi wkoll li l-Istat imexxi kampanji għat-tqajjim ta' kuxjenza biex jitħaffef l-użu effettiv tal-mekkaniżmu mit-tfal."

Minkejja l-Artikolu 4 ta' l-Att dwar il-Kummissarju għat-Tfal, l-Uffiċċju hu marbut b'limitazzjonijiet fuq l-indipendenza tiegħu. L-Istat għandu responsabbiltà li jiffaċilita jew jipprovdi appoġġ strutturali u prattiku.

#### 4. Ġbir u koordinament limitati ta' statistika

Il-Kumitat CRC irrikkmanda l-ġbir u koordinament ta' informazzjoni b'enfasi speċjali fuq gruppi vulnerabbli ("tfal b'diżabilitajiet, tfal imweldin barra miż-żwieġ, tfal rifuġjati u tfal ta' gruppi minoritarji") u l-użu ta' l-istatistika bħala mezz biex id-drittijiet tat-tfal ikunu realizzati u biex tgħin fit-tfassil ta' politika għall-implimentazzjoni aħjar tas-CRC.
Għadha problema kbira ħafna, kif turi l-esperjenza personali ta' l-Uffiċċju tal-Kummissarju tat-Tfal, biex wieħed jikseb statistika għall-proġett fuq Tfal bi Mġiba Diffiċli Ħafna. (Ir-rapport ta' l-2006 ta' l-FSWS fuq is-sitwazzjoni ta' Malta fir-rigward ta' Tfal Mitlufin u Sfruttati Sesswalment isemmi wkoll in-nuqqas ta' statistiċi essenzjali)

#### 5. Allokazzjoni fil-Baġit u Politika Nazzjonali

Il-Kumitat CRC esprima t-tħassib tiegħu għan-nuqqas ta' politika nazzjonali fuq l-implimentazzjoni tad-drittijiet tat-tfal (CRC Artikolu 4). Din għadha nieqsa. Barra minn hekk, ftit għadha ttieħdet azzjoni biex tiżgura tqassim xieraq ta' riżorsi mill-perspettiva tad-drittijiet tat-tfal.

#### 6. Disseminazzjoni

Il-Kumitat CRC esprima tħassib għan-natura limitata ta' miżuri biex jippromwovu għarfien tal-prinċipji u d-dispożizzjonijiet tas-CRC. L-uffiċċju tal-Kummissarju għat-Tfal beda jindirizza din il-kwistjoni iżda għad hemm ħtieġa ta' titjib ta' tqajjim ta' għarfien fost il-pubbliku ġenerali fir-rigward ta' l-implimentazzjoni tal-prinċipji u d-dispożizzjonijiet tas-CRC. Hija r-responsabbiltà ta' l-Istat li jagħmel is-CRC aċċessibbli u tal-Kummissarju għat-Tfal li tissorvelja u tippromwovi.

*Il-Kumitat għad-Drittijiet tat-Tfal imwaqqaf mill-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet tat-Tfal

**7. Taħriġ ta' nies professjonali**

Il-Kumitat CRC esprima tħassib għan-nuqqas ta' taħriġ fir-rigward tas-CRC għal nies professjonali li jaħdmu mat-tfal u għat-tfal. Għalkemm kien hemm xi żviluppi, b'mod ġenerali, din għada s-sitwazzjoni. Hija r-responsabbiltà ta' l-Istat li jxerred fost il-gruppi kollha, inklużi "mħallfin, uffiċjali li jinfurzaw il-liġi, impjegati taċ-ċivil, nies li jaħdmu f'istituzzjonijiet u postijiet ta' detenzjoni ta' tfal, għalliema, nies li jaħdmu fil-qasam tas-saħħa, inklużi psikoloġi u operaturi soċjali."

**B. Definizzjoni ta' Tifel/Tifla**

**8. Età Minima**

Kien hemm impenn mill-Istat li għandu jirrevedi l-leġiżlazzjoni li għandha x'taqsam ma' l-età medika minima għal pariri mediċi mingħajr kunsens tal-ġenituri, iżda din ma ġietx konkluża. L-età minima ta' responsabbiltà kriminali għadha 9 snin u din tqieset baxxa wisq – ma ttieħdet ebda azzjoni biex jiġi emendat il-Kodiċi Kriminali (ara hawn taħt f'Parti H Numru 22).

**C. Prinċipji Ġenerali**

**9. Diskriminazzjoni**

It-tneħħija ta' l-illeġittimità bħala terminu saret permezz ta' l-Att XVIII ta' l-2004, iżda għad baqa' diskriminazzjoni fis-suċċessjoni meta ma jkunx hemm testment.

Kap 16, Kodici Ċivili Art. 815

> *"Meta persuna mnissla u mwielda barra miż-żwieġ tiret ab intestato flimkien ma' tfal adottivi tal-mejjet jew tfal oħra tal-mejjet li ma jkunux hekk imnissla jew imwielda, jew mad-dixxendenti ta' dawk it-tfal, jew ma' min mir-raġel jew il-mara jibqa' ħaj minnhom, il-persuna mnissla u mwielda barra miż-żwieġ għandha tirċievi biss tliet kwarti mis-sehem li kienet tkun intitolata għalih li kieku l-werrieta kollha tal-mejjet, inkluża dik il-persuna, kienu mnissla u mwielda matul iż-żwieġ, u l-kwart l-ieħor tas-sehem li kien hekk ikollha jedd għalih għandu jgħaddi għal għand il-werrieta l-oħra tal-mejjet b'esklużjoni ta' persuni minn fost dawk il-werrieta li jkunu mnissla u mwielda matul iż-żwieġ, bħallikieku kien beni mifrud."*

Tfal imnisslin jew imweldin barra miż-żwieġ li jikkompetu ma' tfal oħra jew mar-raġel jew mara superstiti qegħdin f'pożizzjoni ta' telliefa meta l-ġenitur ikun naqas li jagħmel testment favurihom. Ir-regoli tas-suċċessjoni intestata jsostnu li dan il-wild jista' jiret biss tliet kwarti ta' dak li kieku jkun imiss lilu kieku kien hemm testment. Hu interessanti li l-kwart li jibqa' ma jmurx għand it-tfal imnisslin jew imweldin fiż-żwieġ – jidher li r-raġel jew mara superstiti hu l-benefiċjarju għalkemm il-pożizzjoni ta' min hu adottat m'hix ċara wkoll.

Kien irrikkmandat li titneħħa kull diskriminazzjoni kontra tfal imweldin barra miż-żwieġ.

**10. L-aħjar interessi tat-tfal**

Filwaqt li hemm xi miżuri preżenti biex jinkorporaw il-prinċipju ta' l-aħjar interessi, il-Kumitat CRC hu "tal-fehma li dawn il-miżuri m'humiex jittieħdu f'konsiderazzjoni biżżejjed, l-aktar fil-familji, fl-iskola, f'istituzzjonijiet ta' kura u fis-sistema ġudizzjarja."
Kien irrikkmandat li l-prinċipju jiddaħħal fil-leġiżlazzjoni KOLLHA li tolqot lit-tfal u li din tiżgura li titqies fid-deċiżjonijiet ġudizzjarji u amministrattivi, politiki u programmi KOLLHA li jolqtuhom. Għandha tkun parti mill-funzjoni tal-Kummissarju għat-Tfal li tikkontrolla din l-inklużjoni, iżda fil-preżent nuqqas ta' nies u fondi ma jippermettux dan isir.

**D. Drittijiet u Libertajiet Ċivili**

**11. Drittijiet Parteċipattivi**

Il-Kumitat CRC esprima tħassib dwar miżuri insuffiċjenti meħudin mill-Istat fil-promozzjoni tal-parteċipazzjoni tat-tfal fil-familja, fil-komunità, fl-iskola eċċ. "biex tkun żgurata t-tgawdija effettiva tal-libertajiet fundamentali tagħhom" (Artikoli 12-17). Kien irrikkmandat li jeħtieġu miżuri għall-promozzjoni ta' parteċipazzjoni u tgawdija effettiva ta' drittijiet u libertajiet fundamentali u wkoll ta' għarfien pubbliku tad-drittijiet parteċipattivi tat-tfal. F'dan il-qasam kien hemm progress, iżda t-triq għadha twila (ara r-Rapport Annwali tal-Kummissarju għat-Tfal 2005 )

**12. Trattament ħażin**

Il-Kumitat CRC esprima t-tħassib tiegħu għall-applikazzjoni ta' "swat raġonevoli" bħala mezz ta' kastig korporali fid-dar.

Kien irrikkmandat li l-Istat "jieħu l-miżuri kollha effettivi, inklużi dawk legali, biex jinkludi projbizzjoni espliċita ta' l-użu ta' kastig korporali fid-dar; li jiżgura li din il-projbizzjoni tkun ikkontrollata u infurzata b'mod adegwat, kemm fid-dar u kemm fl-iskejjel; u li jippromwovi forom ta' dixxiplina pożittivi u mhux vjolenti bħala alternattiva għal kastig korporali fid-dar." S'issa din il-kwistjoni għad ma ngħatat ebda attenzjoni.

## E. Ambjent tal-Familja u Kura Alternattiva

### 13. Miżuri ta' kura alternattiva

Il-Kumitat CRC għamel referenza għall-Abbozz ta' Liġi dwar it-Tfal (Il-Konsulent ta' l-Istat kien ingħata struzzjonijiet biex jgħid lill-Kumitat li "abbozz ta' liġi msemmija Att dwar it-Tfal kien fl-istadji finali ta' reviżjoni qabel ma jkun ippubblikat bħala White Paper għal konsiderazzjoni ġenerali u reazzjonijiet. Dan jippromwovi t-tfal bħala individwi bi dritt u jinkludi li jitneħħew kunċetti mhux aċċettabbli bħalma huma diskriminazzjoni għal raġunijiet ta' twelid barra miż-żwieġ; dan kellu emendi għal liġijiet eżistenti biex jista' jkun hemm dispożizzjonijiet aħjar għall-ħarsien u żvilupp tat-tfal, u r-regolarizzazzjoni ta' proċeduri fil-kura tul il-ġurnata ta' tfal fostered u tfal oħra; u daħħal firxa ta' kunċetti oħrajn. Regolamenti biex imorru ma' l-Att kienu qed ikunu abbozzati, u abbozz ta' liġi biex ikun hemm Ombudsman għat-tfal kien lest għall-pubblikazzjoni flimkien ma' l-Att dwar it-Tfal" Sessjoni 24 tas-CRC tas-26 ta' Mejju 2000 – Stqarrija għall-Istampa min-NU)

Il-Kumitat esprima tħassib fir-rigward tal-proċeduri kurrenti li jirregolaw adozzjoni u kura ta' tfal fostered u n-nuqqas ta' proċeduri għal adozzjoni minn pajjiż għal ieħor. Għalkemm għaddew 6 snin u ngħataw riassikurazzjonijiet li l-abbozz tal-liġi kien kważi lest, dawn il-kwistjonijiet għadhom pendenti. Il-Kumitat kien imħasseb ukoll fuq it-tul ta' żmien li t-tfal jagħmlu f'kura residenzjali u fuq miżuri limitati għal kura alternattiva għal tfal imċaħħdin minn ambjent familjari. S'issa ebda standard relatat ma' kura residenzjali ma kien konkluż jew implimentat. Kien irrikkmandat li l-Konvenzjonijiet ta' l-Aja li fadal jkunu ratifikati u l-liġi domestika ta' adozzjoni tkun aġġornata. Barra minn hekk, hemm ħtieġa urġenti biex ikunu żviluppati u promossi miżuri għal kura alternattiva.

### 14. Abbuż u Negliġenza tat-Tfal

Il-Kumitat irreġistra t-tħassib tiegħu għal "informazzjoni limitata aċċessibbli biex tiddetermina l-iskop ta' abbuż tat-tfal; il-miżuri limitati aċċessibbli għar-riabilitazzjoni ta' tfal vittmi ta' abbuż; u għarfien insuffiċjenti fis-soċjetà dwar il-konsegwenzi li jagħmlu ħsara ta' trattament ħażin u abbuż, inkluż abbuż sesswali ta' tfal kemm fil-familja u kemm barra minnha." L-Istat ftit li xejn ta kas ta' din ir-rakkomandazzjoni.

Kien irrikkmandat li l-Istat jieħu miżuri effettivi, fosthom it-twaqqif ta' programmi interdixxiplinari u miżuri ta' riabilitazzjoni, biex jipprevjeni u jikkumbatti l-abbuż u t-trattament ħażin tat-tfal, iżda dan għadu ma sarx. Rakkomandazzjoni oħra kienet li l-Istat isaħħaħ l-infurzar tal-liġi fir-rigward ta' delitti ta' din ix-xorta u jintroduċi proċeduri u mekkaniżmi addattati għat-tfal biex jittratta lmenti ta' abbuż tat-tfal ħalli jkun hemm aċċess ta' malajr għall-ġustizzja. Dan l-aħħar ittieħdu miżuri biex jiżguraw li l-proċeduri investigattivi jevitaw li jkun hemm vittimizzazzjoni doppja tat-tfal, u daħal ukoll fis-seħħ Att dwar il-Vjolenza Domestika. Programmi edukattivi għad iridu jkunu stabbiliti biex jikkumbattu attitudnijiet tradizzjonali għall-abbuż tat-tfal. S'issa għad m'hemmx programmi għal dawk li jabbużaw mit-tfal, ebda proċeduri addattati għat-tfal, ebda kampanja edukattiva, u m'hemmx taħriġ biżżejjed għal nies professjonali li jaħdmu f'dan il-qasam.

## F. Saħħa u Welfare Bażiċi

### 15. Tħassib dwar rata baxxa ta' treddigħ u rata għolja ta' ħxuna żejda fit-tfal

Il-Kumitat irrikkmanda miżuri biex tikber u tkun promossa l-prattika tar-treddigħ, u biex jissaħħu programmi speċjali dwar ħxuna żejda fit-tfal. Il-fondi allokati huma limitati ħafna, u kampanji favur is-saħħa ma kinux aggressivi biżżejjed biex jindirizzaw dan it-tħassib.

### 16. Tfal b'diżabilitajiet

Il-Kumitat esprima tħassib dwar l-istigma li jġorr dan il-grupp ta' tfal u l-ostakli li jirriżultaw minnha għal integrazzjoni soċjali u wkoll għal-limitazzjonijiet li għandhom NGOs meta jiġu biex jindirizzaw il-ħtiġiet ta' tfal b'diżabilitajiet. Referenza għal Regolamenti Standard fuq l-Ugwaljanza ta' Opportunitajiet għal Persuni b'Diżabilitajiet (Riżoluzzjoni 48/96 ta' l-Assemblea Ġenerali) u rakkomandazzjonijiet tal-Kumitat CRC wara ġurnata ta' diskussjoni ġenerali fuq tfal b'diżabilitajiet (CRC/C/69).

Saret rakkomandazzjoni biex l-Istat jimplimenta miżuri alternattivi ħalli jistituzzjonalizza tfal b'diżabilitajiet, kampanji li jqajmu għarfien biex tkun eliminata d-diskriminazzjoni, programmi edukattivi speċjali u inkoraġġiment ta' l-inklużjoni u l-integrazzjoni soċjali ta' tfal b'diżabilità fis-sistema edukattivi u fis-soċjetà, u kontroll ta' istituzzjonijiet privati għal tfal b'diżabilitajiet. Wara r-Rapport Spiteri ttieħdu miżuri fil-qasam ta' l-inklużjoni.

### 17. Saħħa ta' l-adolexxenti

Il-Kumitat CRC kien imħasseb fir-rigward tar-rata li kibret ta' tqala ta' tfajliet bejn it-12 u d-19-il sena, aċċess insuffiċjenti minn tfajliet ta' din l-età għal edukazzjoni dwar saħħa riproduttiva u servizzi ta' pariri, fosthom barra mill-iskola, u nuqqas ta' politika strutturata fuq edukazzjoni tas-saħħa. Minkejja t-twaqqif ta' Għożża, it-tqala fost tfajliet bejn it-12 u d-19-il sena baqgħet tielgħa. Kien hemm ukoll tħassib dwar attenzjoni mhux suffiċjenti li tingħata lis-saħħa mentali ta' l-adolexxenti, konsum ta' alkoħol u nuqqas ta' psikoloġi. Saret rakkomandazzjoni biex jittieħdu miżuri effettivi, ikunu żviluppati programmi, u jsiru kampanji effettivi fuq dawn il-kwistjonijiet kollha.

**G. Edukazzjoni, attivitajiet ta' mistrieħ u kulturali**

**18. Il-Kumitat wera tħassib dwar kwistjonijiet ta' illitteriżmu, assenteiżmu u bullying fl-iskejjel.**

Saret rakkomandazzjoni biex l-Istat "jibqa' jsaħħaħ il-programm edukattiv tiegħu bl-iskop li jtejjeb il-kwalità u r-rilevanza tiegħu." Twaqqaf grupp ta' ħidma apposta biex jindirizza l-problema ta' l-assenteiżmu fl-iskejjel filwaqt li nbdew programmi ta' l-FES u ta' l-Università biex jindirizzaw l-illitteriżmu u twaqqaf Anti-Bullying Team fid-Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni. Jenħtieġu miżuri addizzjonali biex jinkoraġġixxu li t-tfal jibqgħu jattendu l-iskola, partikolarment tul il-perjodu ta' edukazzjoni obbligatorja, u biex ikun hemm programmi ta' taħriġ għall-għalliema dwar drittijiet tal-bniedem u l-aktar drittijiet tat-tfal.

**H. Miżuri speċjali ta' ħarsien**

**19. Tfal rifuġjati**

Meta l-Att dwar ir-Rifuġjati kien qed ikun diskuss fil-Parlament, intwera tħassib dwar in-nuqqas ta' leġiżlazzjoni għall-ħarsien ta' tfal waħedhom, tfal li jfittxu asil u tfal rifuġjati, u dwar riunifikazzjoni tal-familji, aċċess limitat għall-edukazzjoni, servizzi ta' saħħa u akkomodazzjoni.
Saret rakkomandazzjoni biex l-Istat jgħaddi leġiżlazzjoni fir-rigward ta' proċeduri dwar asil u riunifikazzjoni tal-familji ta' rifuġjati, u biex ikompli jieħu miżuri dwar edukazzjoni, saħħa u akkomodazzjoni għal rifuġjati u jagħti assistenza lil tfal rifuġjati li huma vittimi ta' negliġenza, sfruttament jew abbuż.

Il-Kumitat CRC jirreferi biss għal tfal rifuġjati f'termini ta' drittijiet fir-rakkomandazzjonijiet tiegħu, għalkemm il-problemi lokali l-aktar urġenti huma relatati ma' forom sussidjarji ta' ħarsien tat-tfal. L-akkomodazzjoni tibqa' problema.

**20. Sfruttament ekonomiku**

Il-Kumitat tħasseb bl-impjieg ta' tfal taħt l-età f'negozji familjari u f'attivitajiet konnessi mat-turiżmu fix-xhur tas-sajf. Kien irrikkmandat li l-Istat jinforza bis-sħiħ il-liġijiet dwar ix-xogħol tat-tfal, isaħħaħ l-ispettorati tax-xogħol u jimponi penalitajiet f'każijiet ta' vjolazzjoni. Il-Kumitat inkoraġġixxa r-ratifika tal-Konvenzjoni ta' l-ILO fir-rigward tal-Projbizzjoni u Azzjoni Immedjata għall-Eliminazzjoni ta' l-Agħar Forom ta' Xogħol tat-Tfal 1999 (Numru 182) – Malta rratifikatha fis-sena 2001, li hu żvilupp pożittiv, imma għadha problema għaliex m'hemm ebda statistika reali f'dan il-qasam.

**21. Sfruttament u abbuż sesswali**

Il-Kumitat esprima tħassib għan-nuqqas ta' informazzjoni u għarfien fir-rigward ta' sfruttament sesswali ta' tfal u "n-nuqqas ta' approċċ komprensiv u integrat biex dan il-fenomenu jkun impedut u kumbattut."
Kien irrikkmandat li l-Istat "jidħol għal studju nazzjonali fuq in-natura u l-firxa ta' sfruttament sesswali kummerċjali ta' tfal bl-iskop li jitfasslu politiki u programmi, inklużi għal kura u riabilitazzjoni, biex dan il-fenomenu jkun impedut u kumbattut."

L-FSWS bdew jindirizzaw dan it-tħassib billi jaħdmu ma' aġenziji nazzjonali u internazzjonali oħrajn fuq il-ġbir ta' informazzjoni. Din l-inizjattiva ttieħdet wara studju nazzjonali li enfasizza n-nuqqas kbir ta' statistika aċċessibbli.

**22. Amministrazzjoni ta' ġustizzja maż-żgħażagħ**

Fiż-żmien meta l-Kumitat CRC għamel l-osservazzjonijiet tiegħu, Fejda kienet għadha kemm twaqqfet u programm simili għas-subien kien qed ikun ikkundsidrat – sussegwentement inbeda l-programm Formula 1 iżda malajr ingħalaq.

Il-Kumitat kien imħasseb fir-rigward ta' l-età baxxa tar-responsabbiltà kriminali (imsemmija f'B Numru 8) li hi 9 snin, fir-rigward ta' leġiżlazzjoni relatata ma' tfal bejn id-9 u l-14-il sena li jaġixxu b'"għan malizzjuż" u għall-esklużjoni ta' tfal bejn is-16 u t-18-il sena mis-sistema ta' ġustizzja maż-żgħażagħ.

Saret referenza għall-Artikoli 37, 40 u 39 tas-CRC u r-Regoli tan-NU dwar Standards Minimi għall-Amministrazzzjoni ta' Ġustizzja maż-Żgħażagħ (Ir-Regoli ta' Beijing) u l-Linji Gwida tan-NU għall-Prevenzjoni ta' Delinkwenza taż-Żgħażagħ (Il-Linji Gwida ta' Riyadh) u r-Regoli tan-NU għall-Protezzjoni ta' Żgħażagħ Imċaħħdin mil-Libertà tagħhom. Kien irrikkmandat li ssir leġiżlazzjoni biex

i. tgħolli l-età minima tar-responsabbiltà kriminali
ii. titneħħa l-assunzjoni li tifel jew tifla bejn id-9 u l-14-il sena jistgħu jaġixxu b'"għan malizzjuż"
iii. tiżgura li s-sistema ta' ġustizzja maż-żgħażagħ tkopri t-tfal kollha taħt it-18-il sena.

Dawn kollha għad iridu jkunu indirizzati.

**I. Disseminazzjoni tar-rapporti**

**23. Rakkomandazzjonijiet**

Il-Kumitat CRC jirrikkmanda li skond l-Artikolu 44.6. l-Istat għandu jagħmel ir-rapport inizjali u t-tweġibiet bil-miktub "aċċessibbli b'mod wiesa' lill-pubbliku ġenerali", u li l-pubblikazzjoni tar-rapport għandha titqies flimkien ma' rekords sommarji u osservazzjonijiet konklużivi. "Dan id-dokument għandu jitqassam b'mod wiesa' biex jiġġenera dibattiti u għarfien tal-Konvenzjoni, l-implimentazzjoni u l-kontroll tiegħu mill-Gvern, il-Parlament u l-pubbliku ġenerali, inkluż l-NGOs involuti."

Dan ma sar qatt. Forsi dan iservi biex iċaqlaq l-inkoraġġiment għal dibattitu miftuħ fuq ir-rapport li jmiss li qed jitfassal iżda li t-tfassil tiegħu qiegħed tard.

**Dokument D**

## Strateġija proposta għall-Programmi ta' Kwalità għat-tfal

Idealment, din l-istrateġija għandha tiġi addottata mill-Parlament bħala liġi li tiġbor fiha l-liġijiet eżistenti u tintroduċi diżpożizzjonijiet ġodda fiha li jirregolaw ħwejjeġ tax-xandir relatati mat-tfal. L-għanijiet u r-raġunijiet għal din il-liġi jistgħu ikunu dawk li jtejbu l-kwalità tax-xandir tal-programmi għat-tfal.

Għall-fini ta' din l-istrateġija:

"tfal" tfisser il-persuni kollha li għadhom ma għalqux it-tmintax-il sena.

"Programmi ta' kwalità għat-Tfal" tfisser dawk il-programmi għat-tfal li huma ta' divertiment, informattivi u jilħqu l-bżonnijiet edukattivi tat-tfal u li jkomplu jiżviluppaw pożittivament lit-tfal.

L-istrateġija proposta tinqasam fi tmien taqsimiet:

### 1. Istituzzjonali

Għandha tinħatar Kummissjoni dwar Programmi ta' Kwalità għat-Tfal li għandha tkun magħmula minn esperti fis-settur.

Il-Kummissjoni għandha tkun maħtura mill-Prim Ministru fuq il-parir ta' l-Awtorità tax-Xandir u tal-Kummissarju għat-Tfal. Il-Kummissjoni għandha tkun magħmula minn Chairman u ħames membri li jkunu mħarrġa fil-psikoloġija, fl-edukazzjoni, fil-medja għat-tfal, kreattività artistika fid-dinja tat-tfal, u fid-drittijiet tat-tfal; kif ukoll għandu jkun hemm mill-inqas tliet-it-tfal li jkunu membri f'din il-Kummissjoni.

Il-Kummissjoni għandha twaqqaf dawk in-numri ta' Panels li hi taħseb li jkollha bżonn biex twettaq il-funzjonijiet tagħha. Kull Panel irid ikun immexxi minn Membru tal-Kummissjoni. Kull Panel irid ikun fih mill-anqas tifel/la waħda. Id-doveri ta' kull Panel irid jinkludi dawk:

[a] li jipprovdu konsulenza lil dawk kollha li jkollhom interess fix-xandir;

[b] li jgħażlu u jiġġudikaw l-aħjar appli-kazzjonijiet mix-xandâra u mid-djar tal-produzzjoni indipendenti biex jingħataw fondi biex jgħinuhom iwettqu kull parti tal-proċess tal-produzzjoni ta' programmi ta' kwalità għat-tfal;

[c] li jimmoniterjaw il-programmi għat-tfal.

Il-Kummissjoni għandha tagħraf il-bżonnijiet u l-ħtiġijiet li t-tfal jiggwadanjaw minn programmi kemm bl-ilsien Malti kif ukoll dak Ingliż.

Il-Kummissjoni għandha tfassal business plan wara konsultazzjonijiet ma' dawk kollha li huma nteressati fix-xandir, fejn toħloq għanijiet li għandhom jinkisbu fi żmien qasir, medju u fit-tul u li dan il-business plan għandu jiġi pubblikat fl-ewwel tliet xhur tas-sena kalendarja biex jiġi mwettaq fil-bidu ta' l-istagun tax-xandir ta' dik is-sena. It-tliet Panels li jistgħu jitwaqqfu huma dawn li ġejjin:

**[a] Panel tal-Pariri**

Dan il-Panel għandu jkun magħmul minn numru ta' esperti (fil-medja, psikoloġija, edukazzjoni, soċjoloġija, drittijiet tat-tfal, eċċ.) li jagħti kontinwament pariri b'xejn lill-istazzjonijiet tar-radju u tat-televixin, lid-djar ta' produzzjoni indipendenti u lill-aġenziji tar-reklamar dwar il-produzzjoni ta' programmi u reklami ta' kwalità għat-tfal.

**[b] Panel li Jagħżel il-Programmi**

Dan il-Panel ikun irid jagħżel proposti li jsiru mix-xandâra u mid-djar ta' produzzjoni indipendenti biex jipproduċu programmi ta' kwalità għat-tfal li jaqgħu f'dawn il-kategoriji:

- programmi tat-televixin għat-tfal;
- programmi tar-radjo nazzjonali għat-tfal;
- programmi tar-radjo tal-komunità għat-tfal,

u kull waħda minn dawn it-tlett kategoriji tista' terġa' tinqasam skond l-età tal-gruppi kif ġej:

i. tfal li jkunu bdew jimxu sa tfal ta' ħames snin;
ii. etajiet bejn sitta u tmien snin;
iii. etajiet bejn disgħa u txax-il sena; u
iv. etajiet bejn tlettax u sbatax-il sena.

Dawn il-proposti jistgħu jsiru fil-każ ta' l-iżvilupp ta' programmi, il-produzzjoni attwali u r-riċerka wara li jkun sar il-programm li tkun maħsuba biex tistabbilixxi ħidma tajba.

**[c] Panel li Jissorvelja l-Programmi**

Dan il-Panel ikun irid:

i) jissorvelja l-programmi għat-tfal li jixxandru fuq il-pjattaformi lokali tax-xandir;
ii) iħejji rapporti dwar programmi lokali għat-tfal;
iii) jirċievi l-kummenti mit-tfal, ġenituri, għalliema u persuni oħra dwar il-kwalità tal-kontenut;
iv) jagħmel riċerka kwalitattiva u kwantitattiva dwar programmar għat-tfal;
v) jorganizza laqgħa kull sena għax-xandâra, għad-djar ta' produzzjonijiet indipendenti u għall-aġenzji tar-reklamar biex jiddiskuti l-materji li għandhom x'jaqsmu mal-programmi ta' kwalità li jkunu qed jixxandru dak iż-żmien għat-tfal u li jaġġorna, minn żmien għal żmien, din l-istrateġija; u
vi) jipprovdi suġġerimenti lill-Kummissjoni u lill-panels l-oħra dwar il-kwalità ta' programmi għat-tfal.

Il-Kummissjoni tkun trid tikkoordina l-attivitajiet tal-panels, tissorvelja l-progress li jkun sar minn kull panel u tiżgura illi jintlaħqu l-għanijiet u r-raġunijiet ta' l-Att dwar ix-Xandir għat-Tfal.

Il-Kummissjoni għandha tikkoopera ma' inizjattivi kemm lokali kif ukoll barranin li jġibu 'l quddiem l-interessi tat-tfal fil-medja.

**2. Legali/Regolatorju**

- Għandu jkun hemm ħtieġa legali u/jew ta' liċenzjar illi l-istazzjonijiet tat-televiżjoni li jinqabdu bla ħlas ikunu jridu jxandru minimu ta' sigħat ta' programmi ta' kwalità għat-tfal.
- Ix-xandâr pubbliku għandu jkun rikjest fil-liċenżja tax-xandir tiegħu li jxandar kuljum aħbarijiet għat-tfal li jkunu jikkonsistu f'aħbarijiet li jkunu ta' rilevanza għat-tfal, kif ukoll ġrajjiet ta' llum kemm lokali kif ukoll internazzjonali u li jkunu ppreżentati f'format tajjeb għat-tfal.
- Ir-reklami li jagħmlu ħsara lil-minuri (bħal dawk tal-junk food u l-armi tal-logħob, eċċ.) ma għandhomx jitħallew.
- Sfortunatament, il-Kodiċi ta' Xandir dwar il-Protezzjoni tal-Minuri jittratta l-aktar dwar l-aspett tar-reklami. Għalhekk jinħtieġ li dan il-Kodiċi jiżdied biex jilħaq aspetti oħra bħal:
  i) l-impatt fuq l-iżvilupp psikologiku tat-tfal;
  ii) it-tfal bħala telespettaturi u semmiegħa (il-vjolenza, il-lingwaġġ, l-istereotipar, …);
  iii) it-tfal bħala parteċipanti fi programmi għat-tfal;
  iv) it-tfal bħala parteċipanti fi programmi li mhumiex intenzjonati għat-tfal (eż. Il-programmi fattwali, il-programmi ta' ġrajjiet ta' llum, l-aħbarijiet, …);
  v) it-tfal u l-kwistjoni tal-kunsens;
  vi) il-mod kif jidhru u jiġu intervistati t-tfal;
  vii) it-tfal fl-udjenzi ġo l-istudjo;
  viii)it-tfal impjegati bħala atturi/ performers;
  ix) il-ħtiġijiet ta' liċenzjar għat-tfal li huma impjegati fl-attivitajiet tax-xandir;
  x) il-klassifiċi dwar programmi għat-televizjoni u l-watershed.

- L-Edukazzjoni Dwar il-Medja għandha tiddaħħal bħala suġġett obbligatorju fl-iskejjel ta' l-Istat u dawk privati bil-għan li tagħti lit-tfal l-għodda meħtieġa biex ikunu kritiċi b'mod aktar kostruttiv ta' dak li jaraw u li jisimgħu fil-mezzi tax-xandir.
- Il-Linji Gwida Dwar il-Programmi ta' Kwalità għat-Tfal għandhom ikunu parti mil-liġi.

**3. Il-Finanzi**

- It-tħejjija u t-twaqqif ta' Fond Dwar ix-Xandir ta' Kwalità għat-Tfal li għandu jiġi amministrat mill-Kummissjoni. L-għanijiet tal-Fond huma li:
  i) jiżviluppa programmi ta' kwalità għolja għat-tfal bbażati fuq il-kultura Maltija, il-wirt storiku u l-esperjenza;
  ii) jiżviluppa dawn il-programmi bl-ilsien Malti;
  iii) iżid id-disponibbiltà ta' dawn il-programmi fil-mezzi tax-xandir lokali;
  iv) iħallas għall-ispejjeż li jsiru għat-twettiq ta' din l-istrateġija.

- Il-Fond għandu jirċievi perċentwal raġjonevoli tad-drittijiet mil-liċenzji tat-televixin sabiex l-introjtu li jkun inġabar jitqassam fost ix-xandâra u d-djar ta' produzzjonijiet indipendenti li jkunu kkonkorrew bejniethom għal dawn il-fondi, u, ġeneralment, għall-implimentazzjoni ta' din l-istrateġija.

- Il-Fond ikun jista' wkoll jirċievi perċentwal nominali mill-baġit tar-reklamar ta' kull stazzjoni tat-televiżjoni jew dak il-perċentwal ieħor li l-Kummissjoni tista' tistabilixxi wara diskussjoni max-xandâra. Din is-somma ta' flus tingħata lura lil dawk l-istazzjonijiet f'forma ta' programm biex jikkumpensa għan-nuqqas ta' reklamar fil-programmi għat-tfal. Dawn il-fondi għandhom jinġabru mill-Kummissjoni biex tipproduċi programmi ta' kwalità għat-tfal li jiġu mxandra fuq l-istazzjonijiet kollha li kkontribwew parti mid-dħul tar-reklamar tagħhom għall-dawn il-fondi.

- Il-Fond ikun jista' wkoll jirċievi donazzjonijiet mis-settur privat u minn entitajiet oħra bħal-fondazzjonijiet, eċċ.

**4. Ir-Riżorsi Umani**

Għandu jingħata taħriġ għax-xandâra u l-produtturi lokali dwar id-disposizzjonijiet tal-Linji Gwida għall-Kontenut Awdjoviżiv ta' Programmi għat-Tfal permezz ta':

[a] taħriġ li jingħata mill-Università ta' Malta (eż. Fakultà ta' l-Edukazzjoni u ċ-Ċentru għall-Komunikazzjoni bit-Teknoloġija) l-MCAST u istituzzjonijiet oħra edukattivi li jkunu rikonoxxuti;

[b] tħarriġ ta' xandâra u produtturi Maltin mogħti fi stazzjonijiet barranin tat-taħriġ (eż. mal-BBC, mar-RAI, eċċ.) bl-għajnuna ta' fondi mill-Unjoni Ewropea;

[c] esperti barranin li jinġiebu biex jagħtu lectures f'Malta (ngħidu aħna, bl-għajnuna ta' bosta ambaxxati bħall-British High Commission, l-Australian High Commission, l-Ambaxxati Taljana, Franċiża u Amerikana, eċċ.) jew Fondazzjonijiet (Commonwealth Foundation, Strickland

Foundation, Tumas Fenech Foundation, eċċ.);
[d] taħriġ ta' ġenitur/tuturi u child carers fil-media literacy: eż. l-użu ta' Education 22 għall-dan il-għan; u dwar kif tħaddem il-buttuni tal-parental control fuq il-pjattaformi kollha. Education 22 għandu jagħmel sforz biex jilħaq dawn l-għanijiet:

- jipprovdi għodod edukattivi;
- jifforma ċittadini tajbin minn kmieni;
- jgħin fl-iżvilupp lingwistiku;
- jistimula lit-tfal fil-ħsieb kritiku (edukazzjoni għall-midja);
- jipprovdi seduti ta' taħriġ individwali fil-kommunikazzjoni;
- joffri esperjenza qawwija ta' tagħlim lit-tfal b'diffikultajiet li jitgħallmu għax jippreżenta logħob u divertiment interattiv;

It-taħriġ m'għandux jiffoka biss fuq il-kontenut imma fuq it-teknika li tintuża; u Akkademiċi Maltin jintbagħtu barra minn Malta għal taħriġ ħalli jkunu jistgħu min-naħa tagħhom iħarrġu lix-xandâra Maltin u lill-impjegati tad-djar ta' produzzjonijiet (training the trainers).

**5. Il-Programmar**
Proġett Pilota: fejn jiġu kkummissjonati erba' programmi għat-tfal dwar kwalità li jiffukaw fuq l-erba' gruppi ta' l-etajiet li huma klassifikati kif ġej:

i. tfal li jkunu bdew jimxu sa tfal ta' ħames snin;
ii. etajiet bejn sitta u tmien snin;
iii. etajiet bejn disgħa u txax-il sena;
iv. etajiet bejn tlettax u sbatax-il sena.

Dawn l-erba' programmi għandhom jintużaw f'focus groups li jkunu magħmula mit-tfal ħalli s-suġġerimenti tagħhom joħroġu ċari u jkunu jistgħu jintużaw biex jinġabru flus mis-settur privat għal dan il-Fond.

**6. It-Tkattir ta' Kuxjenza**
Għandha ssir kampanja biex tkattar il-kuxjenza l-aktar lejn:

i) it-tfal;
ii) il-ġenituri u t-tuturi;
iii) l-għalliema;
iv) iċ-child carers;
v) l-organizazzjonijiet mhux governattivi dwar il-ħarsien tat-tfal; u
vi) l-amministrazzjoni pubblika.

Setturi oħra tas-socjetà għandhom ukoll ikunu fil-mira ta' din il-kampanja anke jekk jista' jkun hemm element ta' duplikazzjoni mar-raba' kategorija ta' hawn, fuq fil-kaz:

i) tax-xandâra;
ii) tad-djar indipendenti ta' produzzjoni;
iii) ta' l-aġenziji tar-reklamar.

Dik il-kampanja ta' tkattir tal-kuxjenza għandha ssir hekk:

i) ħruġ ta' artikli fil-gazzetti / public service announcements fir-radjo u fit-televixin;
ii) stampar ta' fuljetti, brochures, posters, diski għall-użu f'kompjuter, eċċ.;
iii) tixrid tal-linji gwida dwar programmi ta' kwalità għat-tfal;
iv) għoti ta' tagħrif f'każ li jsiru lmenti dwar programmi għat-tfal li fil-fehma tal-pubbliku ma jkunux qed jilħqu il-livell meħtieġ;
v) websajt biex tkattar il-kuxjenza fost il-pubbliku;
vi) Il-medja ta' l-istampar għandhom jippublikaw il-klassifikazzjonijiet tal-programmi fil-gazzetti tagħhom biex jiffaċilitaw l-aċċess għall-ġenituri/tuturi ħalli dawn ikunu jafu aħjar kemm ikunu addattati il-programmi tar-radjo u tat-televizjoni għat-tfal.

Dawn il-kampanji ta' tagħrif jistgħu jsiru flimkien ma' għaqdiet volontarji oħra (NGOs) li huma involuta fil-ħarsien tat-tfal.

**7. Kif jiġi infurzat dan il-Mekkaniżmu**
Il-linji gwida li jipproteġu l-minuri maħruġa mill-Awtorità tax-Xandir għandhom ikunu nfurzati b'liġi.

Għandu jitwaqqaf mekkaniżmu biex jiżgura li d-dispożizzjonijiet ta' l-Att dwar ix-Xandir għat-Tfal jitwettqu. L-Awtorità tax-Xandir tista' tingħata l-funzjoni li tinforza id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att.

**8. Il-Medja Ġodda**
L-impatt ta' medja ġodda fuq it-tfal jinħtieġ jiġi studjat ukoll biex ikun żgurat li l-mezzi li jintużaw biex jiffiltraw u jimblukkaw il-programmi jkunu disponibbli lill-ġenituri/tuturi u lic-child carers. Terġa' dik it-teknoloġija tista' wkoll tiġi flimkien ma' medja oħra bħall-Internet, play station, SMSs u servizzi interattivi u għalhekk ikun meħtieġ li jitwessa' l-iskop tar-regolamentazzjoni tal-kontenut ta' dawm il-medja ġodda.




Grupp ta' żgħażagħ wara attività sportiva fil-kors tad-drittijiet tat-tfal, Rights4U

# Reazzjonijiet mgħoddija lill-Kummissarju skond l-Att dwar il-Kummissarju għat-Tfal

**Indikazzjonijiet ġenerali**
F'Ġunju 2006 l-Uffiċċju tal-Kummissarju għat-Tfal iċċaqlaq mill-Belt għal Santa Venera. Għall-bidu kien hemm xi ftit tat-tħassib li n-nies jistgħu jaħsbuha darbtejn biex jaqbdu żewġ karozzi tal-linja ħalli jsibu l-Kummissarju u jirreġistraw l-ilmenti tagħhom. Fil-fatt, ix-xhur ta' Lulju u Awissu kienu kwieti. Madankollu, l-ilmenti kollha ammontaw għal 155, li hu qrib iċ-ċifra ta' 162 tas-sena l-oħra.

Il-każijiet li tressqu għall-attenzjoni tal-Kummissarju kienu jinvolvu 176 tifel u tifla li minnhom 80 kienu taħt l-10 snin filwaqt li 96 kellhom bejn l-10 snin u t-18-il sena. Hu ta' sodisfazzjon li wieħed jinnota li nies li ma ltaqgħux ma' l-avviż ripetut fil-gazzetti kollha dwar il-bidla fl-indirizz, ikkuntattjaw l-uffiċċju permezz ta' l-indirizz elettroniku, li baqa' l-istess, u permezz tal-websajt. Sar ukoll użu mill-websajt ta' l-MFSS.

Il-maġġoranza assoluta ta' l-ilmenti waslu mingħand adulti. 80 kienu membri adulti ta' familji u 72 kienu adulti li ma kinux jiġu direttament mit-tfal. 3 ilmenti waslu direttament mingħand tfal. Dan l-istat ta' fatt jixbaħ dak ta' uffiċċji oħrajn ta' *Ombudspersons* għat-Tfal. Adulti għandhom aċċess akbar għal trasport, posta elettronika u linji telefoniċi. Barra minn hekk, it-tfal għadhom jiddependu ħafna minn adulti biex iħarsuhom u jiddefenduhom. Madankollu tinħass il-ħtieġa biex it-tfal jingħataw aktar setgħa ħalli jressqu l-ilmenti tagħhom stess. Jista' jkun li numru tat-telefon bi tliet numri, bħan-numru 179 tas-Supportline, jista' jiddaħħal fil-futur. Strixxi ta' l-uffiċċju b'informazzjoni dwar kif isir il-kuntatt se jkomplu jitqassmu lit-tfal u lil persuni żgħażagħ kull meta jkun hemm l-opportunità.

Is-sistema ta' Formola ta' Lment iddaħħlet din is-sena. Din intlaqgħet tajjeb mill-pubbliku u wasslet għal miżuri proċedurali aħjar fl-ittrattar ta' lmenti. Iżda tibqa' tinħass il-ħtieġa ta' Uffiċjal Ilmenti biex ikun hemm investigazzjoni aħjar u aktar mgħaġġla, u li tkun segwita.

Din is-sena fl-uffiċċji kien reġistrat fatt interessanti u pożittiv fir-rigward ta' l-ilmenti. 36 persuna rreġistraw ilmenti li ma kellhomx x'jaqsmu ma' tfal speċifiċi iżda mat-tfal b'mod ġenerali. Dawn l-ilmenti kienu jinkludu kwistjonijiet ta' sigurtà bħalma huma zoni għall-għawm u *playing fields*, kwistjonijiet dwar materjal offensiv li jista' jintlaħaq mit-tfal, kwistjonijiet dwar sfruttament ta' tfal mill-*media*, minn negozji familjari jew minn kumpaniji ta' promozzjoni tal-bejgħ, kwistjonijiet dwar skola u saħansitra kwistjonijiet dwar vjolenza domestika fl-inħawi tal-madwar. Aħna qisna dan bħala interess ġenwin minn dawn il-persuni fil-benessri tat-tfal. Probabilment hu r-riżultat ta' għarfien dejjem jikber tad-Drittijiet tat-Tfal fost il-pubbliku u tar-responsabbiltà li qed tinħass minn ċittadini fl-implimentazzjoni ta' dawn id-drittijiet.

**Konklużjoni**

| | |
|---|---|
| **Numru Totali ta' Lmenti** | **155** |
| Imressqin minn membri adulti tal-familja | 80 |
| Imressqin minn adulti oħrajn | 72 |
| Imressqin minn tfal | 3 |
| **Numru Totali ta' Tfal Involuti** | **176** |
| Tfal żgħar involuti | 80 |
| Tfal akbar involuti | 96 |
| **Kwistjonijiet ġenerali rappurtati mill-pubbliku** | **36** |
| Kwistjonijiet dwar tfal żgħar | 24 |
| Kwistjonijiet dwar tfal oħra | 12 |

| **Nature of Complaints** | |
|---|---|
| Edukattivi | 48 |
| Familja / Separazzjoni | 48 |
| Welfare | 20 |
| Saħħa | 14 |
| Logħob u Rikreazzjoni | 12 |
| Media | 8 |
| Oħrajn | 5 |
| **Total** | **155** |

| Kwistjonijiet Edukattivi | |
|---|---|
| Bagalji ta' l-iskola tqal u kwistjonijiet ta' saħħa oħrajn | 8 |
| Ħtiġijiet speċjali / *Facilitators* | 8 |
| Diskriminazzjoni / *Bullying* | 9 |
| Mġiba diffċli | 5 |
| Abbuż verbal minn għalliema | 4 |
| Trasport | 3 |
| Tensjoni ġejja mill-kurrikulu | 3 |
| Assenteiżmu mhux ikkontrollat | 3 |
| Nuqqas ta' fondi ta' l-iskola | 2 |
| Għalliem li ma jattendix l-iskola | 1 |
| Malafama tat-tifel/tifla mill-iskola | 1 |
| Oħrajn | 1 |
| **Total** | **48** |

| Kwistjonijiet Familjari | |
|---|---|
| Problemi ta' aċċess għat-tfal | 17 |
| Abbuż | 15 |
| Kwistjonijiet ta' kustodja | 6 |
| Adozzjonijiet | 3 |
| Problemi ta' akkomodazzjoni | 2 |
| Diffikultajiet finanzjarji | 2 |
| Ħtiġijiet li jirriżultaw minn kwistjonijiet ta' saħħa | 1 |
| Dewmien mill-Qorti | 1 |
| Ismijiet tat-tfal | 1 |
| **Total** | **48** |

| Kwistjonijiet ta' Welfare | |
|---|---|
| Vjolenza Domestika | 6 |
| Nuqqas ta' postijiet fi Djar tat-Tfal | 4 |
| Nuqqas ta' servizzi adegwati | 4 |
| Ilmenti kontra servizzi governattivi | 3 |
| Negliġenza / Abbuż | 3 |
| **Total** | **20** |

| Kwistjonijiet ta' Saħħa | |
|---|---|
| Tħassib dwar ambjenti siguri | 8 |
| Radjazzjoni / Epatite / oħrajn | 4 |
| Kwistjonijiet ta' tensjoni | 1 |
| Appoġġ psikoloġiku | 1 |
| **Total** | **14** |

| Kwistjonijiet Oħrajn | |
|---|---|
| Dritt tat-Tfal li jilagħbu | 12 |
| Media | 8 |
| Imħatri / Xogħol tat-Tfal | 2 |
| Festi tar-Raħal | 1 |
| Tfal fl-AFM Open Day | 1 |
| Ċentri għall-Kura tat-Tfal | 1 |
| **Total** | **25** |

Għal darb'oħra, din is-sena kien evidenti min-natura ta' l-ilmenti li waslu l-uffiċċju tal-Kummissarju li ħafna nies ma jafux bis-servizzi kollha li huma aċċessibbli fis-setturi involuti, u wkoll li m'humiex konxji mill-proċeduri ta' rimedju meta jinqalgħu l-problemi. Dan jispjega għaliex il-Kummissarju kellha hi stess regolarment tindirizza n-nies għand entitajiet oħrajn bħalma m'hu l-Avukat għat-Tfal fil-Qorti.

Fil-qasam edukattiv kien interessanti li wieħed jinnota li filwaqt li tfal u ġenituri tagħhom jafu lil min għandhom jibagħtu l-ilment tagħhom, huma jagħżlu li ma jagħmlux dan minħabba biża' li l-ilment idur kontra l-istudent involut. Waslu diversi lmenti dwar għalliema li użaw lingwaġġ abbużiv jew li għajtu ma' studenti kemm ta' skejjel primarji u kemm ta' sekondarji, iżda l-ilmenti spiss kienu rtirati minħabba l-biża' li t-tifel jew tifla jkunu identifikati u ssir diskriminazzjoni kontriehom. Sistema ta' rimedju fid-Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni li tkun aktar faċli biex tintuża mit-tfal kienet mitluba f'diversi okkażjonijiet. Is-sistema, madankollu, trid tiggarantiixxi li ma jkunx hemm tpattija fuq il-persuni li jressqu l-ilmenti tagħhom.

Tibqa' sorpriża għal ħafna li jiġu b'ilmenti għand l-uffiċċju meta jsiru jafu li l-Kummissarju ma jistax jittratta każijiet li qegħdin il-qorti jew li għandhom x'jaqsmu ma' materja familjari personali.

Daqstant ieħor ħafna jibqgħu sorpriżi għall-fatt li l-Kummissarju m'għandu ebda setgħat statutorji u għalhekk ma jistax jordna entità biex issewwi xi ħaġa ħażina iżda jista' biss jiġbed l-attenzjoni ta' min jagħmel l-offiża dwar in-nuqqas ta' rispett ta' dritt partikolari tat-tfal jew jirrapporta l-każ lill-awtoritajiet. Informazzjoni fuq it-termini ta' referenza tal-Kummissarju tingħata regolarment fi programmi tar-radju u t-televiżjoni.

Kien osservat li hemm għarfien dejjem jikber li l-Kummissarju għandu d-dmir u l-possibiltà li jinfluwenza kwistjonijiet li jirrigwardaw it-tfal fil-livell nazzjonali permezz tar-rakkomandazzjoni ta' leġiżlazzjoni u politiki aħjar dwar it-tfal. Biex din il-funzjoni tista' tinqeda, ir-reazzjoni regolari li tidħol għand l-uffiċċju minn tfal u adulti dwar kwistjonijiet li jolqtu t-tfal tibqa' vitali.

| Stat tal-Każijiet | |
|---|---|
| Solvuti f'livell ta' uffiċċju | 40 |
| Każijiet fil-qorti, għalhekk ma tkomplewx | 9 |
| Każijiet mhux segwiti minn min ilmenta | 13 |
| Każijiet li waslu mingħajr materjal biżżejjed biex ikunu pproċessati | 5 |
| Każijiet referiti lil entitajiet oħra u solvuti | 41 |
| Każijiet referiti lil entitajiet oħra u għadhom pendenti | 47 |
| **Total** | **155** |

*Il-każijiet kollha li daħlu kienu proċessati. Ebda każ m'hu jistenna li tittieħed azzjoni min-naħa ta' l-uffiċċju tal-Kummissarju.*

# L-istampi jitkellmu... The year in pictures



Uħud miż-żgħażagħ li vvutaw għar-rappreżentanti tagħhom
*Some of the young people who voted for their representatives*



Il-Kummissarju flimkien ma' Xavier Bonal, Kummissarju għat-Tfal fi Spanja, li ser ikun il-President li jmiss ta' l-ENOC
*The Commissioner together with Xavier Bonal, Commissioner for Children in Spain, who will be the next Chairperson of ENOC*

Id-delegazzjoni taż-żgħażagħ li rrappreżentaw lil Uffiċċju tal-Kummissarju għat-Tfal fil-Parlament tat-Tfal flimkien mal-Kummissarju, u l-Ministri preżenti
*The young delegation representing the Office of the Commissioner for Children at the Children's Parliament, together with the Commissioner and Ministers present*





Żifna tat-tfal waqt l-attivitajiet għal Jum Dinji tat-Tfal 2006 f'Ta' Qali
*A children's dance at Ta' Qali on World Children's Day 2006*

It-tfal setgħu jagħżlu mill-ħafna attivitajiet li kien hemm organizzati fl-okkazzjoni tal-Jum Dinji tat-Tfal
*Children could choose from a variety of activities that were organised on World Children's Day*





Logħba fuq id-drittijiet tat-tfal għal tfal żgħar
A children's rights game for the very young

Il-Kummissarju flimkien mal-membri żgħażagħ eletti għall-2005/6, u l-membri eletti għall-2007
*The Commissioner together with the young elected members for 2005/2006, and the newly elected members*



It-tfal kienu mistiedna jiżraw siġar bid-drittijiet tat-tfal mdendlin magħhom fil-Jum Dinji tat-Tfal
*Children were invited to plant trees with children's rights attached to them on World Children's Day*





Tfal jistennew esibizzjoni oħra fuq il-palk
*Children waiting for another performance on stage*

Iż-żgħażagħ jippreparaw preżentazzjoni ta' l-istħarriġ li għamlu f'lokalitajiet diffierenti waqt il-kors fuq id-drittijiet tat-tfal, Rights4U
*The young people prepare a presentation of the research they conducted in different localities during the children's rights course, Rights4U*



Il-Kummissarju ssegwi preżentazzjonijiet taż-żgħażagħ
*The Commissioner follows the young participants' presentations*





Gruppi tat-tfal u żgħażagħ li huma membri fl-Assoċjazzjoni tal-Girl Guides qassmu fuljetti b'verżjoni għat-tfal tal-Konvenzjoni lil tfal fl-attivita' tal-Jum Dinji taż-Żgħażagħ
*Groups of children and young people members of the Girl Guides Association distributed leaflets of the child-friendly version of the Convention during the activities of World Children's Day*



Ħbieb ġodda!
*New friends!*

Żgħażagħ mill-Kunsill għat-Tfal kienu mistiedna t-Tuneżija biex jattendu għall-Parlament tat-Tfal u jżuru istituzzjonijiet oħra
*Young members of the Council for Children were invited to Tunisia to attend the Children's Parliament and other institutions*







Il-Kummissarju u ż-żgħażagħ membri fuq il-Kunsill flimkien ma' żgħażagħ mit-Tuneżija
*The Commissioner and young members of the Council together with some young Tunisians*

Uħud min-nies li għinu fl-organizzazzjoni tal-Konferenza "A Fair Deal" fuq tfal b'imġiba diffiċli ħafna. Jidhru fir-ritratt: Rennie Cutajar, Noel Kenely, Danela DeBono, Maria Muscat Azzopardi u Carmen Cassar
*Some of the organisers of "A Fair Deal" Conference on children with very challenging behaviour. From left: Rennie Cutajar, Noel Kenely, Danela DeBono, Maria Muscat Azzopardi and Carmen Cassar*

Tul il-weekend il-parteċipanti żgħażagħ setgħu verament jifhmu xi jfisser id-dritt għal-logħob
*Throughout the Rights4U weekend, the young participants got a taste of what the right to play is all about*





Il-Kummissarju tindirizza lit-tfal u l-familji tagħhom fil-Jum Dinji tat-Tfal, fil-preżenza tat-tim ZOO
The Commissioner addressing children and their families on World Children's Day, with ZOO team looing on

Wieħed mill-gruppi ta' parteċipanti żgħażagħ wara attivitajiet sportivi
*One of the groups of young participants right after a sports activity*



Żgħażagħ jiddiskutu l-implikazzjonijiet tat-drittijiet tagħhom
*Young people discussing the implications of their rights*





Żgħażagħ waqt attività tal-kors Rights4U
*A tug-of-war during the Rights4U course*

Żgħażagħ waqt ikla mal-Kummissarju u voluntiera ta' l-uffiċċju, Bernardette Aquilina (fuq ix-xellug)
*Young people enjoying a meal with the Commissioner and a youth facilitator, Bernardette Aquilina (far left)*

